Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Petizzjonijiet

2025/2138(INI)

3.10.2025

EMENDI
1 - 210

Abbozz ta' rapport
Cristina Guarda
(PE775.671v01-00)

L-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew – ir-rapport annwali 2024
(2025/2138(INI))

Emenda 1
Kosma Złotowski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-missjoni wara ż-żjara ta' tiftix tal-fatti fl-Awstrija mill-14 sas-16 ta' April 2025 bl-għan li jiġu vvalutati in situ l-implikazzjonijiet tar-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni (EUDR) u l-impatt tal-popolazzjoni tal-ilpup dejjem tikber fuq il-biedja Alpina, abbażi tal-petizzjonijiet 1055/2019, 0827/2020, 1102/2020, 0772/2023 u 0798/2024;

Or. en

Emenda 2
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi r-rapport annwali rigward l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2024 ġie ppreżentat formalment lill-President tal-Parlament fit-13 ta' Mejju 2025 u l-Ombudsman, is-Sa Teresa Anjinho, ippreżentat ir-rapport lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi Brussell fl-24 ta' Ġunju 2025;	A. billi r-rapport annwali rigward l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2024 ġie ppreżentat formalment lill-President tal-Parlament fit-13 ta' Mejju 2025 u l-Ombudsman, is-Sa Teresa Anjinho, ippreżentat ir-rapport lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi Brussell fl-24 ta' Ġunju 2025; ***jilqa' l-elezzjoni tas-Sa Teresa Anjinho bħala l-Ombudsman il-ġdida fis-17 ta' Diċembru 2024;***

Or. en

Emenda 3
Eugen Tomac, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi r-rapport annwali rigward l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2024 ġie ppreżentat formalment lill-President tal-Parlament fit-13 ta' Mejju 2025 u ***l-Ombudsman***, is-Sa Teresa Anjinho, ippreżentat ir-rapport lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi Brussell fl-24 ta' Ġunju 2025;	A. billi r-rapport annwali rigward l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2024 ġie ppreżentat formalment lill-President tal-Parlament fit-13 ta' Mejju 2025 u ***l-Ombudswoman***, is-Sa Teresa Anjinho, ippreżentat ir-rapport lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi Brussell fl-24 ta' Ġunju 2025;

Or. en

Emenda 4
Murielle Laurent

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-attivitajiet koperti mir-rapport annwali tal-2024 twettqu taħt il-mandat tas-Sa Emily O'Reilly, li serviet bħala Ombudsman Ewropew mill-2013 sa tmiem il-mandat tagħha fil-bidu tal-2025;

Or. en

Emenda 5
Cristina Guarda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-Artikolu 15 tat-TFUE jiddikjara li "sabiex tiġi promossa t-tmexxija tajba u sabiex tiġi assigurata l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni għandhom iwettqu x-xogħol

tagħhom b'mod kemm jista' jkun miftuħ" u li "kull ċittadin tal-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li toqgħod jew li jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru, għandu jkollha d-dritt għall-aċċess għal dokumenti tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni";

Or. en

Emenda 6
Cristina Guarda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi l-Artikolu 41 tal-Karta jiddikjara li "kull persuna għandha d-dritt li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b'mod imparzjali u ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni";

Or. en

Emenda 7
Cristina Guarda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bc. billi l-Artikolu 43 tal-Karta jiddikjara li "kull ċittadin tal-Unjoni u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru għandhom id-dritt li jirrikorru għand l-Ombudsman Ewropew f'każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, tal-korpi jew tal-aġenziji tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea meta tkun qed taġixxi

fir-rwol ġudizzjarju tagħha";

Or. en

Emenda 8
Cristina Guarda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bd. billi l-Artikolu 298(1) tat-TFUE jiddikjara li "fit-twettiq tal-missjonijiet tagħhom, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni għandu jkollhom l-appoġġ ta' amministrazzjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti";

Or. en

Emenda 9
Pál Szekeres, Virginie Joron, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-Unjoni Ewropea hija firmatarja tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (UN CRPD), strument internazzjonali vinkolanti għad-drittijiet tal-bniedem biex "[j]ippromwovi, [j]ipproteġi u [j]iżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet umani u l-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni b'diżabbiltà kollha, u li [j]ippromwovi rispett lejn id-dinjità intrinsika tagħhom"; billi l-konformità mal-UN CRPD fl-UE tiġi mmonitorjata mill-Qafas għall-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, ippresedut mill-Forum Ewropew dwar id-

Diżabbiltà fl-2024; billi bħala membru ta' dan il-qafas, l-Ombudsman tħares mill-qrib sew lejn l-implimentazzjoni tal-UN CRPD mill-amministrazzjoni, u l-Qafas ħejja kontribut aġġornat, li inkluda input mingħand l-Ombudsman, għall-Kumitat tal-UN CRPD biex jgħin jiżgura li l-Kumitat ikun jista' jtemm ir-rieżami perjodiku tiegħu fl-2025 tal-prestazzjoni tal-UE fir-rigward tal-Konvenzjoni billi jirrispetta l-fatt li l-UE hija organizzazzjoni reġjonali bil-kompetenzi tagħha bbażati fuq it-Trattati;

Or. en

Emenda 10
Eugen Tomac, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. Billi l-ħidma tal-Ombudsman Ewropew tikkontribwixxi mhux biss għat-trasparenza u għar-responsabbiltà, iżda wkoll għat-tisħiħ tal-effiċjenza istituzzjonali, iċ-ċertezza tad-dritt, u l-kompetittività madwar l-Unjoni, u b'hekk tappoġġja l-innovazzjoni, it-tkabbir u l-fiduċja taċ-ċittadini fil-proġett Ewropew;

Or. en

Emenda 11
Murielle Laurent

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi fl-2024, l-Ombudsman fetħet 415-il inkjesta, li minnhom 411 kienu bbażati fuq ilmenti u 4 kienu ***ta'*** inizjattiva	C. billi fl-2024 ***ġew meġħjuna 17 770 ċittadin***, ***billi*** l-Ombudsman fetħet 415-il inkjesta, li minnhom 411 kienu bbażati fuq

proprja, filwaqt li għalqet 427 inkjesta (421 ibbażati fuq ilmenti u 6 ***kienu ta'*** inizjattiva proprja);	ilmenti u 4 kienu ***fuq*** inizjattiva proprja, filwaqt li għalqet 427 inkjesta (421 ibbażati fuq ilmenti u 6 ***fuq*** inizjattiva proprja);

Or. en

Emenda 12
Pál Szekeres, Virginie Joron, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi fl-2024 l-Ombudsman għamlet sensiela ta' rakkomandazzjonijiet biex tgħin lill-Kummissjoni Ewropea tiżgura li l-użu tal-intelliġenza artifiċjali (IA) fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha jibqa' responsabbli; billi l-Ombudsman issottolinjat ukoll l-importanza tat-trasparenza fir-rigward tal-iżgurar tal-fiduċja pubblika li l-amministrazzjoni tal-UE se tuża l-IA b'mod responsabbli; billi hija ħeġġet lill-Kummissjoni tirrifletti dwar liema informazzjoni marbuta ma' proġetti futuri tal-IA se tagħmel disponibbli għall-pubbliku, u tikkunsidra li twettaq konsultazzjonijiet pubbliċi dwar l-adozzjoni jew l-iżvilupp possibbli ta' għodod ġodda tal-IA b'saħħithom;

Or. en

Emenda 13
Murielle Laurent

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi, skont l-istħarriġ tal-Ewrobarometru ta' Novembru 2024, 51 % tal-Ewropej għandhom it-tendenza li

jafdaw lill-Unjoni Ewropea; billi huwa essenzjali li l-istituzzjonijiet jinżammu responsabbli sabiex jiżdied il-livell ta' sodisfazzjon taċ-ċittadini tal-UE; billi r-rwol tal-Ombudsman huwa vitali biex jgħin lill-istituzzjonijiet tal-UE jsiru aktar miftuħa, effettivi u favur iċ-ċittadini bl-għan li tissaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini fl-UE;

Or. en

Emenda 14
Pál Szekeres, Virginie Joron, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-Artikolu 41 tal-Karta jiddikjara li "kull persuna għandha d-dritt li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b'mod imparzjali u ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni";

Or. en

Emenda 15
Marcin Sypniewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi r-rwol tal-Ombudsman huwa essenzjali biex jiggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini, liema protezzjoni toriġina mit-Trattati tal-UE, biex jiżgura t-trasparenza, ir-responsabbiltà demokratika u l-integrità bis-sħiħ tal-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, u biex itejjeb l-istandards etiċi fi ħdan l-amministrazzjoni	H. billi r-rwol tal-Ombudsman huwa essenzjali biex jiggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini, liema protezzjoni toriġina mit-Trattati tal-UE, biex jiżgura t-trasparenza, ir-responsabbiltà demokratika u l-integrità bis-sħiħ tal-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, u biex itejjeb l-istandards etiċi fi ħdan l-amministrazzjoni

tal-UE; billi l-uffiċċju tal-Ombudsman huwa mekkaniżmu ta' rimedju għaċ-ċittadini li qed jiltaqgħu ma' problemi biex jiksbu aċċess għad-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet tal-UE;	tal-UE; billi l-uffiċċju tal-Ombudsman huwa mekkaniżmu ta' rimedju għaċ-ċittadini li qed jiltaqgħu ma' problemi biex jiksbu aċċess għad-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet tal-UE; ***billi l-ammont eċċessiv ta' materjal ta' natura ġenerali ppubblikat, flimkien ma' nuqqas ta' aċċess għal dokumenti ewlenin (eż. diskussjonijiet minn wara l-kwinti bejn rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u rappreżentanti tal-industriji tal-mediċina u tat-trasport, eċċ.), jagħtu lok għal trasparenza falza u jagħmluha diffiċli għaċ-ċittadini li jeżerċitaw skrutinju fuq l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet;***

Or. pl

Emenda 16
Pál Szekeres, Virginie Joron, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi r-rwol tal-Ombudsman huwa essenzjali biex ***jiggarantixxi*** l-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini***, liema protezzjoni toriġina mit-Trattati tal-UE, biex jiżgura*** t-trasparenza, ir-responsabbiltà demokratika u l-integrità ***bis-sħiħ*** tal-proċessi tat-teħid ***ta' deċiżjonijiet tal-UE***, u biex ***itejjeb*** l-istandards etiċi fi ħdan l-amministrazzjoni ***tal-UE***; billi ***l-uffiċċju tal-Ombudsman huwa mekkaniżmu*** ta' rimedju ***għaċ-ċittadini li qed*** jiltaqgħu ma' ***problemi biex jiksbu aċċess għad-dokumenti*** miżmuma mill-istituzzjonijiet ***tal-UE***;	H. Billi r-rwol tal-Ombudsman huwa essenzjali biex ***tiġi żgurata*** l-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini ***skont it-Trattati tal-Unjoni, biex jiġu ggarantiti*** t-trasparenza ***sħiħa***, ir-responsabbiltà demokratika u l-integrità tal-proċessi tat-teħid ***tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni***, u biex ***jittejbu*** l-istandards etiċi fi ħdan l-amministrazzjoni ***tal-Unjoni, inklużi tal-President tal-Kummissjoni Ewropea***; billi ***l-Ombudsman Ewropew joffri mezz*** ta' rimedju ***liċ-ċittadini li*** jiltaqgħu ma' ***diffikultajiet biex jaċċessaw dokumenti*** miżmuma mill-istituzzjonijiet ***tal-Unjoni, inklużi messaġġi testwali[1a], skambji elettroniċi, b'mod partikolari messaġġi effimeri, li kollha jikkostitwixxu dokumenti amministrattivi[1b]***;

[1a] https://euractiv.fr/news/la-mediatrice-europeenne-enquete-sur-les-sms-echanges-entre-von-der-leyen-et-macron-on-the-subject-of-the-eu-mercosur-agreement/

[1b] Sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-36/23 |Stevi u The New York Times vs il-Kummissjoni

Or. en

Emenda 17
Murielle Laurent

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi r-rwol tal-Ombudsman huwa essenzjali biex jiggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini, liema protezzjoni toriġina mit-Trattati tal-UE, biex jiżgura t-trasparenza, ir-responsabbiltà demokratika u l-integrità ***bis-sħiħ*** tal-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, u biex itejjeb l-istandards etiċi fi ħdan l-amministrazzjoni tal-UE; billi l-uffiċċju tal-Ombudsman huwa mekkaniżmu ta' rimedju għaċ-ċittadini li qed jiltaqgħu ma' problemi biex jiksbu aċċess għad-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet tal-UE;	H. billi r-rwol tal-Ombudsman huwa essenzjali biex jiggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini, liema protezzjoni toriġina mit-Trattati tal-UE ***u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***, biex jiżgura t-trasparenza ***sħiħa***, ir-responsabbiltà demokratika u l-integrità tal-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, u biex itejjeb l-istandards etiċi fi ħdan l-amministrazzjoni tal-UE; billi l-uffiċċju tal-Ombudsman huwa mekkaniżmu ta' rimedju għaċ-ċittadini li qed jiltaqgħu ma' problemi biex jiksbu aċċess għad-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet tal-UE;

Or. en

Emenda 18
Eugen Tomac, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

Ha. billi, fi żminijiet reċenti, id-diżinformazzjoni u l-attivitajiet malizzjużi minn pajjiżi terzi żdiedu b'mod sinifikanti u jistgħu jikkompromettu t-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-libertà tal-espressjoni fl-Unjoni Ewropea, li huma ċentrali għall-ħidma tal-Ombudsman Ewropew fil-protezzjoni taċ-ċittadini Ewropej; billi tali fenomeni jirrappreżentaw sfidi ġodda li l-Ombudsman jista' jkollha tindirizza fit-twettiq tal-mandat tagħha;

Or. en

Emenda 19
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-Ombudsman bdiet inkjesta fuq inizjattiva proprja, wara konsultazzjoni pubblika dwar it-trasparenza u r-responsabbiltà fit-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali fl-UE; billi l-Ombudsman ikkonkludiet li l-Kummissjoni ħadet il-ħin medju ta' ***14,5 xhur*** u, f'xi każijiet, diversi snin, biex tħejji abbozz ta' deċiżjonijiet għall-għoti jew għaċ-ċaħda ta' awtorizzazzjoni għal kimiċi perikoluży, minkejja l-iskadenza statutorja ta' tliet xhur, u dan wassal għal amministrazzjoni ħażina; billi l-Ombudsman sabet ukoll li n-nuqqas ***tal-Kummissjoni li tiżgura trasparenza*** suffiċjenti ***tal-proċess globali tat-teħid ta' deċiżjonijiet ikkostitwixxa amministrazzjoni ħażina, peress li dan il-fatt wassal biex jiġi evitat li l-pubbliku jifhem*** l-istatus tal-fajls ***individwali u r-raġunijiet*** għad-dewmien;	I. billi l-Ombudsman bdiet inkjesta fuq inizjattiva proprja, wara konsultazzjoni pubblika dwar it-trasparenza u r-responsabbiltà fit-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali fl-UE; billi l-Ombudsman ikkonkludiet li l-Kummissjoni ħadet il-ħin medju ta' ***14-il xahar u nofs*** u, f'xi każijiet, diversi snin, biex tħejji abbozz ta' deċiżjonijiet għall-għoti jew għaċ-ċaħda ta' awtorizzazzjoni għal kimiċi perikoluży, minkejja l-iskadenza statutorja ta' tliet xhur, u dan wassal għal amministrazzjoni ħażina; billi l-Ombudsman sabet ukoll li n-nuqqas ***ta' informazzjoni*** suffiċjenti ***dwar*** l-istatus tal-fajls ***u dwar ir-raġunijiet*** għad-dewmien ***għamilha diffiċli għall-pubbliku biex jifhem kif xieraq kif żvolġiet il-proċedura***;

Or. en

Emenda 20
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. ***billi l-Ombudsman bdiet inkjesta fuq inizjattiva proprja, wara konsultazzjoni pubblika dwar it-trasparenza u r-responsabbiltà fit-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali fl-UE; billi l-Ombudsman ikkonkludiet li l-Kummissjoni ħadet il-ħin medju ta' 14,5 xhur u, f'xi każijiet, diversi snin, biex tħejji abbozz ta' deċiżjonijiet għall-għoti jew għaċ-ċaħda ta' awtorizzazzjoni għal kimiċi perikoluż, minkejja l-iskadenza statutorja ta' tliet xhur, u dan wassal għal amministrazzjoni ħażina;*** billi l-Ombudsman sabet ***ukoll*** li n-nuqqas tal-Kummissjoni li tiżgura trasparenza suffiċjenti tal-proċess globali tat-teħid ta' deċiżjonijiet ikkostitwixxa amministrazzjoni ħażina, peress li dan il-fatt wassal biex jiġi evitat li l-pubbliku jifhem l-istatus tal-fajls individwali u r-raġunijiet għad-dewmien;	I. billi l-Ombudsman sabet li n-nuqqas tal-Kummissjoni li tiżgura trasparenza suffiċjenti tal-proċess globali tat-teħid ta' deċiżjonijiet ikkostitwixxa amministrazzjoni ħażina, peress li dan il-fatt wassal biex jiġi evitat li l-pubbliku jifhem l-istatus tal-fajls individwali u r-raġunijiet għad-dewmien;

Or. fr

Emenda 21
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi l-Ombudsman wettqet inkjesta dwar l-użu kontinwu ta' sponsorizzar korporattiv mill-Kunsill tal-UE, minħabba li dan wassal għal tħassib pubbliku persistenti u konsiderevoli rigward l-influwenza li l-isponsors jistgħu jeżerċitaw fuq il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, b'mod partikolari fuq	***imħassar***

il-deliberazzjonijiet rigward il-politika u l-leġiżlazzjoni tal-UE li jaffettwaw dawn l-interessi privati tal-isponsors, u b'hekk hemm riskji serji għar-reputazzjoni kemm tal-Kunsill kif ukoll tal-UE kollha;

Or. fr

Emenda 22
Gheorghe Falcă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi l-Ombudsman ***wettqet inkjesta*** dwar l-użu kontinwu ta' ***sponsorizzar korporattiv*** mill-Kunsill ***tal-UE, minħabba li dan wassal għal tħassib pubbliku persistenti u konsiderevoli rigward l-influwenza li l-isponsors jistgħu jeżerċitaw fuq il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, b'mod partikolari fuq il-deliberazzjonijiet rigward il-politika u l-leġiżlazzjoni tal-UE li jaffettwaw dawn l-interessi privati tal-isponsors, u b'hekk hemm riskji serji għar-reputazzjoni kemm tal-Kunsill kif ukoll tal-UE kollha***;	J. billi l-Ombudsman ***staqsiet lill-Kunsill*** dwar l-użu kontinwu ta' ***sponsorizzazzjonijiet korporattivi*** mill-Kunsill;

Or. en

Emenda 23
Eugen Tomac, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi l-Ombudsman ***wettqet inkjesta dwar*** l-użu kontinwu ***ta' sponsorizzar korporattiv*** mill-Kunsill tal-UE, ***minħabba*** li dan wassal għal tħassib pubbliku ***persistenti u konsiderevoli rigward*** l-influwenza li l-isponsors jistgħu jeżerċitaw	J. billi l-Ombudsman ***eżaminat*** l-użu kontinwu ***tal-isponsorizzazzjonijiet korporattivi*** mill-Kunsill tal-UE, ***peress*** li dan wassal għal tħassib pubbliku ***dwar*** l-influwenza li l-isponsors jistgħu jeżerċitaw fuq il-proċess tat-teħid ***tad-deċiżjonijiet*** tal-

fuq il-proċess tat-teħid ***ta' deċiżjonijiet*** tal-UE, b'mod partikolari fuq ***il-deliberazzjonijiet rigward*** il-politika u l-leġiżlazzjoni tal-UE li jaffettwaw ***dawn l-interessi privati tal-isponsors, u b'hekk hemm riskji serji għar-reputazzjoni kemm tal-Kunsill kif ukoll tal-UE kollha***;	UE, b'mod partikolari fuq ***id-deliberazzjonijiet li jikkonċernaw*** il-politika u l-leġiżlazzjoni tal-UE li jaffettwaw ***tali sponsors***;

Or. en

Emenda 24
Gheorghe Falcă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ja. billi l-Ombudsman irrikonoxxiet l-isforzi tal-Kummissjoni biex tqassar id-dewmien fl-ipproċessar tal-ilmenti relatati ma' allegat ksur tad-dritt tal-UE, biex ittejjeb il-komunikazzjoni mal-ilmentaturi individwali, u biex ittejjeb id-disseminazzjoni ta' informazzjoni pubblika rilevanti permezz tas-sit web tagħha ddedikat għall-ksur; billi l-Ombudsman talbet lill-Kummissjoni biex tkompli ttejjeb dan il-qasam;

Or. en

Emenda 25
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi l-Ombudsman bdiet inkjesta abbażi ta' lment minn organizzazzjonijiet nongovernattivi li ddenunċaw il-fatt li l-Grupp Konsultattiv tal-Industrija tal-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE, stabbilit mill-Kummissjoni, kien kompost biss	***imħassar***

minn membri korporattivi, u dan ma kienx jaqbel mar-regoli tal-Kummissjoni dwar rappreżentazzjoni bilanċjata; billi l-Ombudsman sabet li l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-Kummissjoni fir-rigward tal-esklużjoni kompleta tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili minn dan il-grupp, anke minn statut ta'osservatur, ma kinux konvinċenti; billi l-ispezzjonijiet tal-Ombudsman żvelaw li l-grupp iddiskuta u ppromwova aktar il-forniment strutturali tal-enerġija mill-fjuwils fossili, b'implikazzjonijiet soċjali, ambjentali, ekonomiċi u ġeopolitiċi għall-UE;

Or. fr

Emenda 26
Pál Szekeres, Virginie Joron, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi l-Ombudsman bdiet inkjesta abbażi ta' lment minn organizzazzjonijiet nongovernattivi li ddenunċaw il-fatt li l-Grupp Konsultattiv tal-Industrija tal-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE, stabbilit mill-Kummissjoni, kien kompost biss minn membri korporattivi, u dan ma kienx jaqbel mar-regoli tal-Kummissjoni dwar rappreżentazzjoni bilanċjata; billi l-Ombudsman sabet li l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-Kummissjoni fir-rigward tal-esklużjoni kompleta tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili minn dan il-grupp, anke minn statut ta'osservatur, ma kinux konvinċenti; billi l-ispezzjonijiet tal-Ombudsman żvelaw li l-grupp iddiskuta u ppromwova aktar il-forniment strutturali tal-enerġija mill-fjuwils fossili, b'implikazzjonijiet soċjali, ambjentali, ekonomiċi u ġeopolitiċi għall-UE;	***imħassar***

Or. en

Emenda 27
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi l-Ombudsman bdiet inkjesta abbażi ta' lment minn organizzazzjonijiet nongovernattivi li ddenunċaw il-fatt li l-Grupp Konsultattiv tal-Industrija tal-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE, stabbilit mill-Kummissjoni, kien kompost biss minn membri korporattivi, u dan ma kienx jaqbel mar-regoli tal-Kummissjoni dwar rappreżentazzjoni bilanċjata; billi l-Ombudsman sabet li l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-Kummissjoni fir-rigward tal-esklużjoni kompleta tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili minn dan il-grupp, anke minn statut ta'osservatur, ma kinux konvinċenti; billi l-ispezzjonijiet tal-Ombudsman żvelaw li l-grupp iddiskuta u ppromwova aktar il-forniment strutturali tal-enerġija mill-fjuwils fossili, b'implikazzjonijiet soċjali, ambjentali, ekonomiċi u ġeopolitiċi għall-UE;	***imħassar***

Or. en

Emenda 28
Eugen Tomac, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi l-Ombudsman bdiet inkjesta abbażi ta' lment minn organizzazzjonijiet nongovernattivi li ddenunċaw il-fatt li l-Grupp Konsultattiv tal-Industrija tal-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE, stabbilit mill-Kummissjoni, kien kompost biss minn membri korporattivi, u dan ma kienx jaqbel	K. billi l-Ombudsman bdiet inkjesta abbażi ta' lment minn organizzazzjonijiet nongovernattivi li ddenunċaw il-fatt li l-Grupp Konsultattiv tal-Industrija tal-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE, stabbilit mill-Kummissjoni, kien kompost biss minn membri korporattivi, u dan ma kienx jaqbel

mar-regoli tal-Kummissjoni dwar rappreżentazzjoni bilanċjata; billi l-Ombudsman sabet li l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-Kummissjoni fir-rigward tal-esklużjoni kompleta tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili minn dan il-grupp, anke ***minn statut ta'osservatur***, ma kinux konvinċenti; billi l-ispezzjonijiet tal-Ombudsman żvelaw li l-grupp iddiskuta u ppromwova aktar ***il-forniment*** strutturali tal-enerġija mill-fjuwils fossili***, b'implikazzjonijiet soċjali, ambjentali, ekonomiċi u ġeopolitiċi għall-UE***;	mar-regoli tal-Kummissjoni dwar rappreżentazzjoni bilanċjata; billi l-Ombudsman sabet li l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-Kummissjoni fir-rigward tal-esklużjoni kompleta tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili minn dan il-grupp, anke ***bi status ta' osservatur***, ma kinux konvinċenti; billi l-ispezzjonijiet tal-Ombudsman żvelaw li l-grupp iddiskuta u ppromwova ***wkoll*** aktar ***provvista*** strutturali tal-enerġija mill-fjuwils fossili;

Or. en

Emenda 29
Pál Szekeres, Virginie Joron, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L. billi l-Ombudsman wettqet inkjesta abbażi ta' lment fil-kompożizzjoni tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju tal-Kummissjoni (RSB), u l-eżitu ta' din l-inkjesta kkonferma n-nuqqas ta' għarfien espert soċjali u ambjentali meħtieġ, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-RSB; billi l-Ombudsman eżaminat ukoll kif l-RSB interaġixxa mar-rappreżentanti ta' interess u ddeċidiet li l-membri tal-RSB għandhom jevitaw milli jwettqu attivitajiet ta' ħidma biex jintlaħqu n-nies, jekk dawn l-attivitajiet jagħtu lok għal dubji rigward l-indipendenza u l-imparzjalità tal-RSB;	***imħassar***

Or. en

Emenda 30
Eugen Tomac, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L. billi l-Ombudsman wettqet inkjesta abbażi ta' lment ***fil-kompożizzjoni*** tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju tal-Kummissjoni ***(RSB)***, u l-eżitu ta' din l-inkjesta kkonferma ***n-nuqqas ta' għarfien*** espert soċjali u ambjentali meħtieġ***, bi ksur tad-dispożizzjonijiet*** tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-RSB; billi l-Ombudsman eżaminat ukoll kif l-RSB interaġixxa mar-rappreżentanti ta' interess u ddeċidiet li l-membri tal-RSB għandhom jevitaw milli jwettqu attivitajiet ta' ħidma biex jintlaħqu n-nies, jekk dawn l-attivitajiet jagħtu lok għal dubji rigward l-indipendenza u l-imparzjalità tal-RSB;	L. billi l-Ombudsman wettqet inkjesta abbażi ta' lment ***rigward il-kompożizzjoni*** tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ***(RSB)*** tal-Kummissjoni, u l-eżitu ta' din l-inkjesta kkonferma ***li l-kompożizzjoni attwali ma tiżgurax b'mod suffiċjenti l-għarfien*** espert soċjali u ambjentali meħtieġ ***fl-ambitu*** tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-RSB; billi l-Ombudsman eżaminat ukoll kif l-RSB interaġixxa mar-rappreżentanti ta' interess u ddeċidiet li l-membri tal-RSB għandhom jevitaw milli jwettqu attivitajiet ta' ħidma biex jintlaħqu n-nies, jekk dawn l-attivitajiet jagħtu lok għal dubji rigward l-indipendenza u l-imparzjalità tal-RSB;

Or. en

Emenda 31
Gheorghe Falcă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa M

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
M. billi l-Ombudsman fetħet inkjesta abbażi ta' lment dwar kif il-Kummissjoni taħdem fuq proposti leġiżlattivi "urġenti", bħall-emenda reċenti għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) tal-UE, u dwar kif il-Kummissjoni tivvaluta jekk il-proposti tagħha humiex konsistenti mal-għanijiet tan-newtralità klimatika tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima[2];	***imħassar***
[2] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li	

jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima"), (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/1119/oj).

Or. en

Emenda 32
Pál Szekeres, Virginie Joron, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa M

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
M. billi l-Ombudsman fetħet inkjesta ***abbażi ta' lment*** dwar kif il-Kummissjoni taħdem fuq proposti leġiżlattivi "urġenti", bħall-emenda reċenti għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) tal-UE***, u dwar kif il-Kummissjoni tivvaluta jekk il-proposti tagħha humiex konsistenti mal-għanijiet tan-newtralità klimatika tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima***[2];	M. billi l-Ombudsman fetħet inkjesta ***bbażata fuq ilment*** dwar kif il-Kummissjoni taħdem fuq proposti leġiżlattivi "urġenti", bħall-emenda reċenti għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) tal-UE;

[2] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima"), (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/1119/oj).

Or. en

Emenda 33
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa M

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
M. billi l-Ombudsman fetħet inkjesta abbażi ta' lment dwar kif il-Kummissjoni taħdem fuq proposti leġiżlattivi **"**urġenti**"**, bħall-emenda reċenti għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) tal-UE, u dwar kif il-Kummissjoni tivvaluta jekk il-proposti tagħha humiex konsistenti mal-għanijiet tan-newtralità klimatika tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima[2];	M. billi l-Ombudsman fetħet inkjesta abbażi ta' lment dwar kif il-Kummissjoni taħdem fuq proposti leġiżlattivi urġenti, bħall-emenda reċenti għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) tal-UE, u dwar kif il-Kummissjoni tivvaluta jekk il-proposti tagħha humiex konsistenti mal-għanijiet tan-newtralità klimatika tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima[2];
[2] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima"), (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1, ELI: ***https://eur-lex.europa***.eu/eli/reg/2021/1119/oj).	[2] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1, ELI: ***http://data.europa***.eu/eli/reg/2021/1119/oj).

Or. en

Emenda 34
Pál Szekeres, Virginie Joron, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
N. billi l-Ombudsman bdiet inkjesta dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistieden biss rappreżentanti tal-industrija għal sessjoni ta' ħidma dwar il-pestiċidi, qasam ta' ħidma li għandu impatt dirett fuq is-saħħa u l-ambjent, u kkonkludiet li l-Kummissjoni setgħet assigurat aktar trasparenza; billi l-Ombudsman qieset bħala leġittimu t-tħassib pubbliku madwar l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma esklużivament għall-industrija, minħabba li pperċepewha bħala opportunità għall-industrija li tinfluwenza	***imħassar***

indebitament il-ħidma tal-Kummissjoni; billi meta l-Ombudsman għamlet l-inkjesta dwar ir-regoli relatati mas-sostituzzjoni ta' sustanzi perikoluż fil-pestiċidi, inkluż dokument ta' gwida dwar valutazzjoni komparattiva, esprimiet tħassib partikolari dwar in-nuqqas min-naħa tal-Kummissjoni li taġixxi biex ittejjeb ir-regoli dwar is-sostituzzjoni tal-pestiċidi, minkejja li l-Kummissjoni kienet konxja mill-2020 li dawn ma kinux effettivi;

Or. en

Emenda 35
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
N. billi l-Ombudsman bdiet inkjesta dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistieden biss rappreżentanti tal-industrija għal sessjoni ta' ħidma dwar il-pestiċidi, qasam ta' ħidma li għandu impatt dirett fuq is-saħħa u l-ambjent, u kkonkludiet li l-Kummissjoni setgħet assigurat aktar trasparenza; billi l-Ombudsman qieset bħala leġittimu t-tħassib pubbliku madwar l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma esklużivament għall-industrija, minħabba li pperċepewha bħala opportunità għall-industrija li tinfluwenza indebitament il-ħidma tal-Kummissjoni; ***billi meta l-Ombudsman għamlet l-inkjesta dwar ir-regoli relatati mas-sostituzzjoni ta' sustanzi perikoluż fil-pestiċidi, inkluż dokument ta' gwida dwar valutazzjoni komparattiva, esprimiet tħassib partikolari dwar in-nuqqas min-naħa tal-Kummissjoni li taġixxi biex ittejjeb ir-regoli dwar is-sostituzzjoni tal-pestiċidi, minkejja li l-Kummissjoni kienet konxja mill-2020 li dawn ma kinux effettivi;***	N. billi l-Ombudsman bdiet inkjesta dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistieden biss rappreżentanti tal-industrija għal sessjoni ta' ħidma dwar il-pestiċidi, qasam ta' ħidma li għandu impatt dirett fuq is-saħħa u l-ambjent, u kkonkludiet li l-Kummissjoni setgħet assigurat aktar trasparenza; billi l-Ombudsman qieset bħala leġittimu t-tħassib pubbliku madwar l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma esklużivament għall-industrija, minħabba li pperċepewha bħala opportunità għall-industrija li tinfluwenza indebitament il-ħidma tal-Kummissjoni;

Or. fr

Emenda 36
Gheorghe Falcă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
N. billi l-Ombudsman ***bdiet*** inkjesta dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistieden ***biss*** rappreżentanti tal-industrija għal sessjoni ta' ħidma dwar il-pestiċidi, qasam ta' ħidma li għandu impatt dirett fuq is-saħħa u l-ambjent, u ***kkonkludiet li l-Kummissjoni setgħet assigurat aktar trasparenza***; billi l-Ombudsman qieset bħala leġittimu t-tħassib pubbliku madwar l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma esklużivament għall-industrija, minħabba li ***pperċepewha*** bħala opportunità għall-industrija li tinfluwenza indebitament il-ħidma tal-Kummissjoni; ***billi meta l-Ombudsman għamlet l-inkjesta dwar ir-regoli relatati mas-sostituzzjoni ta' sustanzi perikolużi fil-pestiċidi, inkluż dokument ta' gwida dwar valutazzjoni komparattiva, esprimiet tħassib partikolari dwar in-nuqqas min-naħa tal-Kummissjoni li taġixxi biex ittejjeb ir-regoli dwar is-sostituzzjoni tal-pestiċidi, minkejja li l-Kummissjoni kienet konxja mill-2020 li dawn ma kinux effettivi;***	N. billi l-Ombudsman ***nediet*** inkjesta dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistieden rappreżentanti tal-industrija għal sessjoni ta' ħidma dwar il-pestiċidi, qasam ta' ħidma li għandu impatt dirett fuq is-saħħa u l-ambjent, u ***ssuġġeriet lill-Kummissjoni tiżviluppa paġna web iddedikata u tippubblika informazzjoni u dokumenti, hekk kif isiru disponibbli, dwar eventi previsti b'rabta mal-pestiċidi***; billi l-Ombudsman qieset bħala leġittimu t-tħassib pubbliku madwar l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma esklużivament għall-industrija, minħabba li ***huma pperċepeti*** bħala opportunità għall-industrija li tinfluwenza indebitament il-ħidma tal-Kummissjoni;

Or. en

Emenda 37
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
N. billi l-Ombudsman ***bdiet*** inkjesta	N. billi l-Ombudsman ***nediet*** inkjesta

dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistieden biss rappreżentanti tal-industrija għal sessjoni ta' ħidma dwar il-pestiċidi, ***qasam ta' ħidma li għandu impatt dirett fuq is-saħħa u l-ambjent,*** u kkonkludiet li ***l-Kummissjoni*** setgħet ***assigurat aktar*** trasparenza; billi l-Ombudsman qieset ***bħala leġittimu*** t-tħassib pubbliku ***madwar l-organizzazzjoni ta'*** sessjonijiet ta' ħidma ***esklużivament għall-industrija, minħabba li pperċepewha bħala opportunità għall-industrija li tinfluwenza indebitament il-ħidma tal-Kummissjoni***; ***billi meta l-Ombudsman għamlet l-inkjesta dwar ir-regoli relatati mas-sostituzzjoni ta' sustanzi perikoluż fil-pestiċidi, inkluż dokument ta' gwida dwar valutazzjoni komparattiva, esprimiet tħassib partikolari dwar in-nuqqas min-naħa tal-Kummissjoni li taġixxi biex ittejjeb ir-regoli dwar is-sostituzzjoni tal-pestiċidi, minkejja li l-Kummissjoni kienet konxja mill-2020 li dawn ma kinux effettivi;***	dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistieden biss rappreżentanti tal-industrija għal sessjoni ta' ħidma dwar il-pestiċidi, u kkonkludiet li setgħet ***ġiet żgurata*** trasparenza ***akbar***; billi l-Ombudsman qieset ***li*** t-tħassib pubbliku ***rigward il-kompożizzjoni ta' tali*** sessjonijiet ta' ħidma ***kien leġittimu***;

Or. en

Emenda 38
Eugen Tomac, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
N. billi l-Ombudsman bdiet inkjesta dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistieden biss rappreżentanti tal-industrija għal sessjoni ta' ħidma dwar il-pestiċidi, qasam ta' ħidma li għandu impatt dirett fuq is-saħħa u l-ambjent, u kkonkludiet li l-Kummissjoni setgħet assigurat aktar trasparenza; billi l-Ombudsman qieset bħala leġittimu t-tħassib pubbliku ***madwar*** l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma esklużivament għall-industrija, minħabba li ***pperċepewha*** bħala ***opportunità*** għall-industrija li tinfluwenza ***indebitament*** il-ħidma tal-Kummissjoni; billi meta l-	N. billi l-Ombudsman bdiet inkjesta dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistieden biss rappreżentanti tal-industrija għal sessjoni ta' ħidma dwar il-pestiċidi, qasam ta' ħidma li għandu impatt dirett fuq is-saħħa u l-ambjent, u kkonkludiet li l-Kummissjoni setgħet assigurat aktar trasparenza; billi l-Ombudsman qieset bħala leġittimu t-tħassib pubbliku ***rigward*** l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma esklużivament għall-industrija, minħabba li ***pperċepiti*** bħala ***okkażjoni*** għall-industrija li tinfluwenza ***b'mod sproporzjonat*** il-ħidma tal-Kummissjoni; billi meta l-

Ombudsman ***għamlet*** l-inkjesta dwar ir-regoli relatati mas-sostituzzjoni ta' sustanzi perikoluży fil-pestiċidi, inkluż dokument ta' gwida dwar valutazzjoni komparattiva, esprimiet tħassib ***partikolari dwar in-nuqqas min-naħa tal-Kummissjoni li taġixxi biex ittejjeb ir-regoli*** dwar is-sostituzzjoni tal-pestiċidi, ***minkejja li l-Kummissjoni kienet konxja mill-2020 li*** dawn ***ma kinux effettivi***;	Ombudsman ***kienet qed tagħmel*** l-inkjesta dwar ir-regoli relatati mas-sostituzzjoni ta' sustanzi perikoluży fil-pestiċidi, inkluż dokument ta' gwida dwar valutazzjoni komparattiva, ***l-Ombudsman*** esprimiet tħassib ***dwar il-fatt li, waqt li l-Kummissjoni kienet ilha mill-2020 tħejji miżuri biex tindirizza n-nuqqasijiet fir-regoli*** dwar is-sostituzzjoni tal-pestiċidi, dawn ***għadhom ma ġewx finalizzati jew implimentati***;

Or. en

Emenda 39
Kosma Złotowski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
O. billi l-Ombudsman għamlet inkjesta dwar kif il-Kummissjoni indirizzat l-allegazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess, liema allegazzjonijiet kienu jinvolvu wieħed mill-Kummissarji tagħha fil-kuntest ta' kif ġie indirizzat l-ilment ta' ksur; billi l-Ombudsman ikkonfermat li l-Kummissjoni ddeċidiet li tassenja l-ilment ta' ksur lid-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni (DĠ AGRI), minkejja li l-Kummissjoni nġibditilha l-attenzjoni għall-fatt li ħu l-Kummissarju għall-Agrikoltura kien fost il-membri tal-Parlament Pollakk li kien ippropona l-leġiżlazzjoni inkwistjoni; billi l-Ombudsman sabet li l-mod kif il-Kummissjoni vvalutat il-kunflitt ta' interess kien ħażin u pperċeput li jaffettwa b'mod negattiv l-indipendenza tal-Kummissjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 40
Gheorghe Falcă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
O. billi l-Ombudsman għamlet inkjesta dwar kif il-Kummissjoni indirizzat l-allegazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess, liema allegazzjonijiet kienu jinvolvu wieħed mill-Kummissarji tagħha fil-kuntest ta' kif ġie indirizzat l-ilment ta' ksur; ***billi l-Ombudsman ikkonfermat li l-Kummissjoni ddeċidiet li tassenja l-ilment ta' ksur lid-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni (DĠ AGRI), minkejja li l-Kummissjoni ngħibditilha l-attenzjoni għall-fatt li ħu l-Kummissarju għall-Agrikoltura kien fost il-membri tal-Parlament Pollakk li kien ippropona l-leġiżlazzjoni inkwistjoni; billi l-Ombudsman sabet li l-mod kif il-Kummissjoni vvalutat il-kunflitt ta' interess kien ħażin u pperċeput li jaffettwa b'mod negattiv l-indipendenza tal-Kummissjoni;***	O. billi l-Ombudsman għamlet inkjesta dwar kif il-Kummissjoni indirizzat l-allegazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess, liema allegazzjonijiet kienu jinvolvu wieħed mill-Kummissarji tagħha fil-kuntest ta' kif ġie indirizzat l-ilment ta' ksur;

Or. en

Emenda 41
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
O. billi l-Ombudsman għamlet inkjesta dwar kif il-Kummissjoni indirizzat l-allegazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess, liema allegazzjonijiet kienu jinvolvu wieħed mill-Kummissarji tagħha fil-kuntest ta' kif ġie indirizzat l-ilment ta' ksur; billi l-Ombudsman ***ikkonfermat li l-Kummissjoni ddeċidiet li tassenja l-ilment***	O. billi l-Ombudsman għamlet inkjesta dwar kif il-Kummissjoni indirizzat l-allegazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess, liema allegazzjonijiet kienu jinvolvu wieħed mill-Kummissarji tagħha fil-kuntest ta' kif ġie indirizzat l-ilment ta' ksur; billi l-Ombudsman ***innotat li l-mod li bih ġiet ivvalutata s-sitwazzjoni qajjem***

ta' ksur lid-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni (DĠ AGRI), minkejja li l-Kummissjoni nġibditilha l-attenzjoni għall-fatt li ħu l-Kummissarju għall-Agrikoltura kien fost il-membri tal-Parlament Pollakk li kien ippropona l-leġiżlazzjoni inkwistjoni; billi l-Ombudsman sabet li l-mod kif il-Kummissjoni vvalutat il-kunflitt ta' interess kien ħażin u pperċeput li jaffettwa b'mod negattiv l-indipendenza tal-Kummissjoni;	***tħassib rigward il-perċezzjoni tal-indipendenza tal-istituzzjoni***;

Or. en

Emenda 42
Eugen Tomac, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
O. billi l-Ombudsman għamlet inkjesta dwar kif il-Kummissjoni indirizzat l-allegazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess, liema allegazzjonijiet kienu jinvolvu wieħed mill-Kummissarji tagħha fil-kuntest ta' kif ġie indirizzat l-ilment ta' ksur; billi l-Ombudsman ikkonfermat li l-Kummissjoni ddeċidiet li tassenja l-ilment ta' ksur lid-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni (DĠ AGRI), minkejja li l-Kummissjoni nġibditilha l-attenzjoni għall-fatt li ħu l-Kummissarju għall-Agrikoltura kien fost il-membri tal-Parlament Pollakk li kien ippropona l-leġiżlazzjoni inkwistjoni; billi l-Ombudsman sabet li l-mod kif il-Kummissjoni vvalutat il-kunflitt ta' interess kien ħażin u ***pperċeput*** li jaffettwa b'mod negattiv l-indipendenza tal-Kummissjoni;	O. billi l-Ombudsman għamlet inkjesta dwar kif il-Kummissjoni indirizzat l-allegazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess, liema allegazzjonijiet kienu jinvolvu wieħed mill-Kummissarji tagħha fil-kuntest ta' kif ġie indirizzat l-ilment ta' ksur; billi l-Ombudsman ikkonfermat li l-Kummissjoni ddeċidiet li tassenja l-ilment ta' ksur lid-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni (DĠ AGRI), minkejja li l-Kummissjoni nġibditilha l-attenzjoni għall-fatt li ħu l-Kummissarju għall-Agrikoltura kien fost il-membri tal-Parlament Pollakk li kien ippropona l-leġiżlazzjoni inkwistjoni; billi l-Ombudsman sabet li l-mod kif il-Kummissjoni vvalutat il-kunflitt ta' interess kien ħażin u ***seta' jiġi pperċepit*** li jaffettwa b'mod negattiv l-indipendenza tal-Kummissjoni;

Or. en

Emenda 43
Gheorghe Falcă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Oa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Oa. Billi l-Ombudsman għamlet inkjesta dwar kif il-Kummissjoni ttrattat it-tħassib rigward il-linji gwida żviluppati minn Network ta' Referenza Ewropew għal mard rari billi ffaċilitat id-diskussjonijiet bejn il-fornituri tal-kura tas-saħħa minn madwar l-Ewropa; billi l-Ombudsman laqgħet l-istabbiliment mill-Kummissjoni ta' mekkaniżmu ta' lmenti li jippermetti lin-nies iqajmu kwistjonijiet dwar l-attivitajiet u l-funzjonament ta' tali networks, li jiffaċilitaw il-kollaborazzjoni fost il-fornituri tal-kura tas-saħħa madwar l-Ewropa; billi dan il-mekkaniżmu nħoloq b'reazzjoni għall-inkjesta tal-Ombudsman;

Or. en

Emenda 44
Gheorghe Falcă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
P. billi l-Parlament approva b'unanimità kważi totali r-Rapport Speċjali tal-Ombudsman dwar il-ħin li l-Kummissjoni tieħu biex tindirizza d-domandi għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti u talbet lill-Kummissjoni tirranġa d-dewmien sistemiku kif tindirizza d-domandi għall-aċċess, minħabba li dan id-dewmien qed jikser il-prinċipji demokratiċi stabbiliti fit-Trattati tal-UE; billi l-Ombudsman sabet li l-Kummissjoni qabżet l-iskadenzi legali biex teżamina mill-ġdid id-deċiżjonijiet	***imħassar***

dwar l-aċċess inizjali f'85 % tal-każijiet u li d-dewmien tipikament seħħ b'rabta mad-domandi għall-aċċess li jikkonċernaw oqsma ta' importanza pubblika sinifikanti; billi tali dewmien għandu konsegwenzi partikolarment serji fil-każ ta' dokumenti leġiżlattivi, minħabba li dan jimmina l-kapaċità taċ-ċittadini li jiskrutinizzaw id-deċiżjonijiet u l-politiki tal-UE b'mod f'waqtu, u jfixkel il-parteċipazzjoni sinifikanti fil-ħajja demokratika tal-UE;

Or. en

Emenda 45
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
P. billi l-Parlament approva ***b'unanimità*** kważi ***totali*** r-Rapport Speċjali tal-Ombudsman dwar ***il-ħin li*** l-Kummissjoni ***tieħu biex tindirizza d-domandi għall-aċċess*** pubbliku għad-dokumenti u ***talbet*** lill-Kummissjoni ***tirranġa*** d-dewmien ***sistemiku kif tindirizza d-domandi*** għall-aċċess***, minħabba li dan id-dewmien qed jikser il-prinċipji demokratiċi stabbiliti fit-Trattati tal-UE***; billi l-Ombudsman sabet li l-Kummissjoni ***qabżet*** l-iskadenzi legali ***biex teżamina mill-ġdid id-deċiżjonijiet dwar l-aċċess*** inizjali f'85 % tal-każijiet ***u li*** d-dewmien ***tipikament seħħ b'rabta mad-domandi għall-aċċess li jikkonċernaw oqsma ta' importanza pubblika sinifikanti; billi tali dewmien għandu konsegwenzi partikolarment serji*** fil-każ ta' dokumenti leġiżlattivi***, minħabba li dan jimmina l-kapaċità taċ-ċittadini li jiskrutinizzaw id-deċiżjonijiet u l-politiki tal-UE b'mod f'waqtu, u jfixkel il-parteċipazzjoni sinifikanti fil-ħajja***	P. billi l-Parlament approva ***bi*** kważi ***unanimità*** r-Rapport Speċjali tal-Ombudsman dwar ***iż-żmien li tieħu*** l-Kummissjoni ***biex tittratta t-talbiet għal aċċess*** pubbliku għad-dokumenti u ***stieden*** lill-Kummissjoni ***tindirizza*** d-dewmien ***fit-talbiet*** għall-aċċess; billi l-Ombudsman sabet li l-Kummissjoni ***ma laħqitx*** l-iskadenzi legali ***għar-rieżami tad-deċiżjonijiet ta' aċċess*** inizjali f'85 % tal-każijiet***; billi*** d-dewmien ***jista' jkun problematiku*** fil-każ ta' dokumenti leġiżlattivi;

demokratika tal-UE;

Or. en

Emenda 46
Pál Szekeres, Virginie Joron, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi l-Ombudsman ***bdiet numru*** ta' inkjesti dwar in-nuqqas ta' aċċess pubbliku ***għal dokumenti*** leġiżlattivi, filwaqt li kkritikat ir-rifjut tal-Kummissjoni li tagħti aċċess ***għall-kontribut tal-partijiet*** ikkonċernati u ***tal-Istati*** Membri ***fuq il-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura[3]u aċċess għal dokumenti fuq ir-reviżjoni tar-regoli tal-UE dwar l-informazzjoni tal-ikel għall-konsumaturi***; billi l-Ombudsman eżaminat, minn perspettiva aktar sistemika, il-konformità tal-istituzzjonijiet tal-UE mal-prinċipju tat-trasparenza leġiżlattiva, kif stabbilit fit-Trattati tal-UE, u kkonkludiet li kemm il-Kunsill kif ukoll il-Kummissjoni kienu qed jonqsu milli jagħtu effett sħiħ lil dan il-prinċipju;	Q. billi l-Ombudsman ***nediet għadd*** ta' inkjesti dwar in-nuqqas ta' aċċess pubbliku ***għad-dokumenti*** leġiżlattivi, filwaqt li kkritikat ir-rifjut tal-Kummissjoni li tagħti aċċess ***lill-partijiet*** ikkonċernati u ***lill-Istati*** Membri; billi l-Ombudsman eżaminat, minn perspettiva aktar sistemika, il-konformità tal-istituzzjonijiet tal-UE mal-prinċipju tat-trasparenza leġiżlattiva, kif stabbilit fit-Trattati tal-UE, u kkonkludiet li kemm il-Kunsill kif ukoll il-Kummissjoni kienu qed jonqsu milli jagħtu effett sħiħ lil dan il-prinċipju;

[3] Ir-Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2024 dwar ir-restawr tan-natura u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/869 (ĠU L, 2024/1991, 29.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1991/oj).

Or. en

Emenda 47
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi l-Ombudsman ***bdiet*** numru ta' inkjesti dwar in-nuqqas ta' aċċess pubbliku għal dokumenti leġiżlattivi, filwaqt li kkritikat ir-rifjut tal-Kummissjoni li tagħti aċċess ***għall-kontribut tal-partijiet*** ikkonċernati u ***tal-Istati*** Membri ***fuq*** il-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura[3]u aċċess għal dokumenti ***fuq*** ir-reviżjoni tar-regoli tal-UE dwar l-informazzjoni tal-ikel għall-konsumaturi; billi l-Ombudsman eżaminat, minn perspettiva aktar sistemika, il-konformità tal-istituzzjonijiet tal-UE mal-prinċipju tat-trasparenza leġiżlattiva, kif stabbilit fit-Trattati tal-UE, u kkonkludiet li kemm il-Kunsill kif ukoll il-Kummissjoni ***kienu qed jonqsu milli jagħtu effett sħiħ lil*** dan il-prinċipju;	Q. billi l-Ombudsman ***nediet*** numru ta' inkjesti dwar in-nuqqas ta' aċċess pubbliku għal dokumenti leġiżlattivi, filwaqt li kkritikat ir-rifjut tal-Kummissjoni li tagħti aċċess ***għal kontribut mill-partijiet*** ikkonċernati u ***mill-Istati*** Membri ***rigward*** il-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura[3] u aċċess għal dokumenti ***rigward*** ir-reviżjoni tar-regoli tal-UE dwar l-informazzjoni tal-ikel għall-konsumaturi; billi l-Ombudsman eżaminat, minn perspettiva aktar sistemika, il-konformità tal-istituzzjonijiet tal-UE mal-prinċipju tat-trasparenza leġiżlattiva, kif stabbilit fit-Trattati tal-UE, u kkonkludiet li kemm il-Kunsill kif ukoll il-Kummissjoni ***ma kinux qed jaderixxu bis-sħiħ ma'*** dan il-prinċipju;
[3] Ir-Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2024 dwar ir-restawr tan-natura u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/869 (ĠU L, 2024/1991, 29.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1991/oj).	[3] Ir-Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2024 dwar ir-restawr tan-natura u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/869 (ĠU L, 2024/1991, 29.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1991/oj).

Or. en

Emenda 48
Pál Szekeres, Virginie Joron, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Qa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Qa. billi l-Ombudsman wettqet diversi inkjesti bbażati fuq ilmenti relatati mal-użu mill-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) ta' ttestjar mill-bogħod; billi f'sitt inkjesti, l-Ombudsman sabet amministrazzjoni ħażina: b'mod partikolari, l-Ombudsman

	innotat li l-EPSO kien naqas milli jindirizza kif xieraq l-argumenti tal-ilmentaturi, kien wera nuqqas ta' flessibbiltà meta għamel dan, jew kien ħa deċiżjonijiet mhux raġonevoli; billi hija kkritikat ukoll lill-EPSO talli spiss ipprovda lill-ilmentaturi b'informazzjoni kontradittorja dwar kif jagħtu prova li kienu ffaċċjaw problemi u talli rrifjuta l-ilmenti anke meta l-kandidati kienu segwew l-istruzzjonijiet għar-rapportar ta' kwistjonijiet tekniċi;

Or. en

Emenda 49
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-Ombudsman għamlet inkjesta dwar l-imwiet fil-Baħar Mediterran u skopriet li kien hemm nuqqasijiet serji fir-rwol tal-Frontex fl-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, inkluż in-nuqqas li ma ġiex żgurat li l-osservaturi tad-drittijiet fundamentali tal-Frontex ikunu involuti b'mod suffiċjenti fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar emerġenzi marittimi, kif ukoll in-nuqqas ta' linji gwida interni tal-Frontex dwar l-emissjoni ta' sinjali ta' emerġenza; billi l-Ombudsman enfasizzat li m'hemm l-ebda mekkaniżmu wieħed għall-irfigħ tar-responsabbiltà fil-livell tal-UE, liema mekkaniżmu jista' jinvestiga b'mod indipendenti r-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali, ir-rwol ta' Frontex, u r-rwol tal-Kummissjoni, li hija responsabbli li tiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet tad-drittijiet fundamentali fl-ambitu tat-trattati tal-UE;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 50
Mireia Borrás Pabón, Juan Carlos Girauta Vidal, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-Ombudsman għamlet inkjesta dwar l-imwiet fil-Baħar Mediterran u skopriet li kien hemm nuqqasijiet serji fir-rwol tal-Frontex fl-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, inkluż in-nuqqas li ma ġiex żgurat li l-osservaturi tad-drittijiet fundamentali tal-Frontex ikunu involuti b'mod suffiċjenti fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar emerġenzi marittimi, kif ukoll in-nuqqas ta' linji gwida interni tal-Frontex dwar l-emissjoni ta' sinjali ta' emerġenza; billi l-Ombudsman enfasizzat li m'hemm l-ebda mekkaniżmu wieħed għall-irfigħ tar-responsabbiltà fil-livell tal-UE, liema mekkaniżmu jista' jinvestiga b'mod indipendenti r-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali, ir-rwol ta' Frontex, u r-rwol tal-Kummissjoni, li hija responsabbli li tiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet tad-drittijiet fundamentali fl-ambitu tat-trattati tal-UE;	***imħassar***

Or. en

Emenda 51
Gheorghe Falcă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-Ombudsman għamlet inkjesta dwar l-imwiet fil-Baħar Mediterran u skopriet li kien hemm nuqqasijiet serji fir-rwol tal-Frontex fl-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ,	***imħassar***

inkluż in-nuqqas li ma ġiex żgurat li l-osservaturi tad-drittijiet fundamentali tal-Frontex ikunu involuti b'mod suffiċjenti fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar emerġenzi marittimi, kif ukoll in-nuqqas ta' linji gwida interni tal-Frontex dwar l-emissjoni ta' sinjali ta' emerġenza; billi l-Ombudsman enfasizzat li m'hemm l-ebda mekkaniżmu wieħed għall-irfigħ tar-responsabbiltà fil-livell tal-UE, liema mekkaniżmu jista' jinvestiga b'mod indipendenti r-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali, ir-rwol ta' Frontex, u r-rwol tal-Kummissjoni, li hija responsabbli li tiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet tad-drittijiet fundamentali fl-ambitu tat-trattati tal-UE;

Or. en

Emenda 52
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-Ombudsman għamlet inkjesta dwar l-imwiet fil-Baħar Mediterran u ***skopriet li kien hemm*** nuqqasijiet serji fir-rwol tal-Frontex fl-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, inkluż ***in-nuqqas li ma ġiex*** żgurat li l-osservaturi tad-drittijiet fundamentali ***tal-Frontex ikunu involuti b'mod suffiċjenti*** fit-teħid ***ta' deċiżjonijiet dwar emerġenzi*** marittimi, ***kif ukoll in-nuqqas ta'*** linji gwida ***interni tal-Frontex dwar l-emissjoni ta' sinjali ta' emerġenza; billi l-Ombudsman enfasizzat li m'hemm l-ebda mekkaniżmu wieħed għall-irfigħ*** tar-responsabbiltà ***fil-livell tal-UE, liema mekkaniżmu jista' jinvestiga b'mod indipendenti r-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali, ir-rwol ta' Frontex, u r-rwol tal-Kummissjoni, li hija responsabbli li tiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet tad-drittijiet fundamentali fl-ambitu tat-***	R. billi l-Ombudsman għamlet inkjesta dwar l-imwiet fil-Baħar Mediterran u ***żvelat l-eżistenza ta'*** nuqqasijiet serji fir-rwol tal-Frontex fl-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ***; ifakkar li l-Frontex tiltaqa' ma' diffikultajiet li jagħmlu neċessarju t-tishiħ tar-riżorsi u tal-baġit tagħha sabiex l-aġenzija twettaq il-kompiti tagħha taħt l-aħjar kundizzjonijiet possibbli; ifakkar li l-Frontex qed tiffaċċja restrizzjonijiet operazzjonali u legali sinifikanti, li jissottolinjaw il-ħtieġa li jissaħħu l-mandat, ir-riżorsi u l-baġit tagħha sabiex l-Aġenzija tkun tista' tappoġġja aħjar lill-Istati Membri***, inkluż ***f'sitwazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ; jisħaq fuq l-importanza li jiġi*** żgurat li l-osservaturi tad-drittijiet fundamentali ***jiġu integrati b'mod effettiv*** fit-teħid ***tad-deċiżjonijiet dwar l-emerġenzi*** marittimi, ***u li jiġu żviluppati*** linji gwida

trattati tal-UE;	***operazzjonali ċari; jissottolinja, madankollu, li r-responsabbiltà għall-konformità mad-dritt internazzjonali u tal-UE hija primarjament tal-Istati Membri, filwaqt li l-Kummissjoni għandha rwol ewlieni fl-iżgurar tal-koerenza, tat-trasparenza u*** tar-responsabbiltà ***fil-politiki kollha tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri***;

Or. en

Emenda 53
Pál Szekeres, Virginie Joron, Sebastian Kruis, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-Ombudsman ***għamlet*** inkjesta dwar l-imwiet fil-Baħar Mediterran u ***skopriet li kien hemm nuqqasijiet serji fir-rwol tal-Frontex fl-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, inkluż in-nuqqas*** li ma ***ġiex żgurat li l-osservaturi tad-drittijiet fundamentali tal-Frontex ikunu involuti b'mod suffiċjenti fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar emerġenzi marittimi, kif ukoll in-nuqqas ta' linji gwida interni tal-Frontex dwar l-emissjoni ta' sinjali ta' emerġenza; billi l-Ombudsman enfasizzat li m'hemm*** l-ebda mekkaniżmu ***wieħed għall-irfigħ tar-responsabbiltà*** fil-livell ***tal-UE, liema mekkaniżmu jista'*** jinvestiga b'mod indipendenti ***r-rwol*** tal-awtoritajiet nazzjonali, ***ir-rwol ta' Frontex, u r-rwol*** tal-Kummissjoni***, li hija responsabbli li tiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet tad-drittijiet fundamentali fl-ambitu tat-trattati tal-UE***;	R. billi l-Ombudsman ***wettqet*** inkjesta dwar l-imwiet fil-Baħar Mediterran u ***saħqet*** li ma ***hemm*** l-ebda mekkaniżmu ***uniku ta' responsabbiltà*** fil-livell ***Ewropew biex*** jinvestiga b'mod indipendenti ***r-rwoli rispettivi*** tal-awtoritajiet nazzjonali, ***tal-Frontex u*** tal-Kummissjoni;

Or. en

Emenda 54
Eugen Tomac, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-Ombudsman għamlet inkjesta dwar ***l-imwiet fil-Baħar Mediterran u skopriet li kien hemm nuqqasijiet*** serji fir-rwol tal-Frontex fl-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, inkluż in-nuqqas li ma ġiex żgurat li l-osservaturi tad-drittijiet fundamentali tal-Frontex ikunu involuti b'mod suffiċjenti fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar emerġenzi marittimi, kif ukoll in-nuqqas ta' linji gwida interni tal-Frontex dwar l-emissjoni ta' sinjali ta' emerġenza; billi l-Ombudsman enfasizzat li ***m'hemm*** l-ebda mekkaniżmu ***wieħed għall-irfigħ tar-responsabbiltà*** fil-livell tal-UE***, liema mekkaniżmu*** jista' jinvestiga b'mod indipendenti r-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali, ir-rwol ***ta' Frontex***, u r-rwol tal-Kummissjoni, li hija responsabbli ***li*** tiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet tad-drittijiet fundamentali fl-ambitu tat-trattati tal-UE;	R. billi l-Ombudsman għamlet inkjesta dwar ***in-nuqqasijiet*** serji fir-rwol tal-Frontex fl-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ***, speċjalment wara l-imwiet fil-Baħar Mediterran***, inkluż in-nuqqas li ma ġiex żgurat li l-osservaturi tad-drittijiet fundamentali tal-Frontex ikunu involuti b'mod suffiċjenti fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar emerġenzi marittimi, kif ukoll in-nuqqas ta' linji gwida interni tal-Frontex dwar l-emissjoni ta' sinjali ta' emerġenza; billi l-Ombudsman enfasizzat li ***ma hemm*** l-ebda mekkaniżmu ***uniku għar-responsabbiltà*** fil-livell tal-UE ***li*** jista' jinvestiga b'mod indipendenti r-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali, ir-rwol ***tal-Frontex***, u r-rwol tal-Kummissjoni, li hija responsabbli ***biex*** tiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet tad-drittijiet fundamentali fl-ambitu tat-trattati tal-UE;

Or. en

Emenda 55
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ra (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ra. billi fl-2024 ġiet adottata deċiżjoni mill-Ombudsman Ewropew fil-każ 507/2023/PVV dwar l-aċċess għad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea relatati mas-sistemi ta' sorveljanza u monitoraġġ fiċ-Ċentri ta' Akkoljenza u Identifikazzjoni (RICs) fil-Greċja; billi l-Ombudsman ikkritikat id-dewmien

sinifikanti tal-Kummissjoni biex twieġeb għat-talbiet ta' aċċess pubbliku, li kien jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tad-dritt taċ-ċittadini għat-trasparenza;

Or. en

Emenda 56
Murielle Laurent

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ra (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ra. billi l-kriżijiet umanitarji li jinsabu għaddejjin fl-Ukrajna u fil-Lvant Nofsani wasslu wkoll għal għadd ta' lmenti;

Or. en

Emenda 57
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
S. billi, skont l-Ombudsman, ir-rifjut tal-Kummissjoni li tiżvela dokumenti relatati mal-kontribut tal-partijiet ikkonċernati fuq il-proposta leġiżlattiva tagħha dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal wassal għal amministrazzjoni ħażina, minħabba li dan fixkel lill-pubbliku milli jiskrutinizza l-impatt u l-influwenza ta' tali partijiet ikkonċernati privati;	***imħassar***

Or. en

Emenda 58

Gheorghe Falcă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
S. billi, skont l-Ombudsman***, ir-rifjut tal-Kummissjoni li tiżvela dokumenti*** relatati mal-kontribut tal-partijiet ikkonċernati ***fuq*** il-proposta leġiżlattiva tagħha dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal ***wassal għal amministrazzjoni ħażina, minħabba li dan fixkel*** lill-pubbliku milli jiskrutinizza l-impatt u l-influwenza ta' tali partijiet ikkonċernati privati;	S. billi, skont l-Ombudsman ***il-Kummissjoni setgħet ipprovdiet aċċess akbar għad-dokumenti*** relatati mal-kontribut tal-partijiet ikkonċernati ***rigward*** il-proposta leġiżlattiva tagħha dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal ***peress li aċċess limitat xekkel*** lill-pubbliku milli jiskrutinizza l-impatt u l-influwenza ta' tali partijiet ikkonċernati privati;

Or. en

Emenda 59
Marcin Sypniewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Sa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Sa. billi mill-2013 sal-2014, il-kariga tal-Ombudsman Ewropew kienet miżmuma minn Emily O'Reilly, u l-isforzi tagħha fl-oqsma tat-trasparenza u tar-responsabbiltà - inklużi tal-inkjesti għall-aċċess għall-informazzjoni dwar in-negozjati tat-tilqima tal-COVID-19, ir-rakkomandazzjonijiet marbuta mal-prevenzjoni tal-amministrazzjoni ħażina fl-istituzzjonijiet tal-UE, u s-sejbiet wara l-iskandlu ta' "Qatargate" - kienu strumentali biex jenfasizzaw li jeħtieġ isir titjib fl-amministrazzjoni fl-Unjoni;

Or. pl

Emenda 60
Galato Alexandraki, Emmanouil Fragkos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa IOa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Sa. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew awtorizza l-missjoni għall-Greċja b'rabta mat-traġedja ferrovjarja ta' Tempi, ippjanata għall-2026; billi din il-missjoni għandha titwettaq bi trasparenza sħiħa, bl-involviment tal-familji tal-vittmi, il-ħaddiema ferrovjarji u l-awtoritajiet kompetenti, u għandha tirriżulta f'sejbiet disponibbli pubblikament bi skeda ta' segwitu ċara;

Or. el

Emenda 61
Marcin Sypniewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Sb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Sb. billi fid-19 ta' Diċembru 2024, il-Parlament ħatar Ombudsman ġdid, Teresa Anjinho, li bdiet il-mandat tagħha fis-27 ta' Frar 2025;

Or. pl

Emenda 62
Marcin Sypniewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jifraħ ***lill-Ombudsman il-ġdida għall-ħatra*** tagħha ***u jfaħħar l-impenn*** tagħha li ***tiżgura li l-amministrazzjoni tal-***	2. Jifraħ ***lil Teresa Anjinho għas-suċċess*** tagħha ***fil-kompetizzjoni kontra ħames kandidati oħra għall-kariga ta'***

UE tirrispetta approċċ orjentat lejn iċ-ċittadini;	***Ombudsman; jilqa' l-intenzjoni*** tagħha li ***żżomm*** approċċ orjentat lejn iċ-ċittadini ***filwaqt li teżerċita newtralità politika u proporzjonalità fl-għażla ta' każijiet ta' importanza sistemika***;

Or. pl

Emenda 63
Marcin Sypniewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jesprimi l-apprezzament tiegħu għall-kooperazzjoni kostruttiva bejn l-Ombudsman u l-Parlament, b'mod partikolari l-Kumitat għall-Petizzjonijiet tiegħu, kif ukoll l-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE;	3. Jesprimi l-apprezzament tiegħu għall-kooperazzjoni kostruttiva bejn l-Ombudsman u l-Parlament, b'mod partikolari l-Kumitat għall-Petizzjonijiet tiegħu, kif ukoll l-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE; ***jirringrazzja lill-eks Ombudsman li għolliet l-istandards tat-trasparenza u tal-amministrazzjoni tajba bejn 2013 u l-2024, u talli speċifikat it-titjib li għandu jsir fil-prattiki tal-istituzzjonijiet tal-UE;***

Or. pl

Emenda 64
Pál Szekeres, Virginie Joron, Sebastian Kruis, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jiddeplora n-nuqqas rikorrenti tal-Kummissjoni li tissodisfa l-istandards tat-trasparenza; jistieden lill-Ombudsman timmonitorja mill-qrib il-konformità mal-iskadenzi għall-aċċess għad-dokumenti sabiex tiġi evitata amministrazzjoni ħażina sistemika;

Or. en

Emenda 65
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Huwa mħasseb ħafna dwar il-ksur tal-iskadenzi legalment vinkolanti tal-Kummissjoni biex tipprepara deċiżjonijiet għall-awtorizzazzjoni rigward sustanzi kimiċi perikoluż; jisħaq li d-dewmien sinifikanti tal-Kummissjoni jikkostitwixxi theddida kbira għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, peress li l-kumpaniji se jibqgħu ikomplu jużaw tali sustanzi kimiċi, inkluż is-sustanza per- u polifluworoalkilata (PFAS), liema sustanzi huma assoċjati ma' żieda fir-riskji tal-kanċer u tal-ħsara ġenetika, u ma' saħħa riproduttiva li ma tiffunzjonax tajjeb;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 66
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. ***Huwa mħasseb ħafna dwar il-ksur tal-iskadenzi*** legalment vinkolanti ***tal-Kummissjoni biex tipprepara*** deċiżjonijiet ***għall-awtorizzazzjoni rigward sustanzi kimiċi perikoluż***; ***jisħaq li d-dewmien sinifikanti tal-Kummissjoni jikkostitwixxi theddida kbira għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, peress li l-kumpaniji se jibqgħu ikomplu jużaw tali sustanzi kimiċi, inkluż is-sustanza per- u***	4. ***Jinnota d-dewmien tal-Kummissjoni biex tilħaq l-iskadenzi*** legalment vinkolanti ***għat-tħejjija tad-deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni; jissottolinja li r-rispett ta' dawn l-iskadenzi huwa essenzjali biex jiġu żgurati ċ-ċertezza u l-prevedibbiltà tad-dritt fil-proċess tat-teħid ta'*** deċiżjonijiet ***tal-UE***;

polifluworoalkilata (PFAS), liema sustanzi huma assoċjati ma' żieda fir-riskji tal-kanċer u tal-ħsara ġenetika, u ma' saħħa riproduttiva li ma tiffunzjonax tajjeb;

Or. en

Emenda 67
Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. ***Huwa mħasseb ħafna dwar il-ksur*** tal-iskadenzi legalment vinkolanti ***tal-Kummissjoni*** biex tipprepara deċiżjonijiet għall-awtorizzazzjoni rigward sustanzi kimiċi perikoluż; jisħaq li ***d-dewmien sinifikanti tal-Kummissjoni jikkostitwixxi theddida kbira għas-saħħa*** tal-bniedem u ***għall-ambjent, peress li l-kumpaniji se jibqgħu ikomplu jużaw tali sustanzi kimiċi, inkluż is-sustanza per- u polifluworoalkilata (PFAS), liema sustanzi huma assoċjati ma' żieda fir-riskji tal-kanċer u tal-ħsara ġenetika, u ma' saħħa riproduttiva li ma tiffunzjonax tajjeb***;	4. ***Jinnota d-dewmien tal-Kummissjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-ilħuq*** tal-iskadenzi legalment vinkolanti biex tipprepara deċiżjonijiet għall-awtorizzazzjoni rigward sustanzi kimiċi perikoluż; jisħaq li ***tali dewmien jirriskja li jikkompromett ċ-ċertezza legali u l-protezzjoni tas-saħħa*** tal-bniedem u ***l-ambjent; jinnota, b'mod partikolari, li rigward is-sustanzi per- u polifluworoalkilati (PFAS), magħrufa għar-riskju tagħhom għas-saħħa, it-tnaqqis għandu jinkiseb permezz ta' approċċ gradwali u realistiku, sabiex ikun hemm bilanċ għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika mal-protezzjoni tal-kompetittività u l-impjiegi fil-kumpaniji Ewropej***;

Or. it

Emenda 68
Gheorghe Falcă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Huwa mħasseb ***ħafna*** dwar il-ksur	4. Huwa mħasseb dwar il-ksur tal-

tal-iskadenzi legalment vinkolanti tal-Kummissjoni biex tipprepara deċiżjonijiet għall-awtorizzazzjoni rigward sustanzi kimiċi perikoluży; ***jisħaq li d-dewmien sinifikanti tal-Kummissjoni jikkostitwixxi theddida kbira għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, peress li l-kumpaniji se jibqgħu ikomplu jużaw tali sustanzi kimiċi, inkluż is-sustanza per- u polifluworoalkilata (PFAS), liema sustanzi huma assoċjati ma' żieda fir-riskji tal-kanċer u tal-ħsara ġenetika, u ma' saħħa riproduttiva li ma tiffunzjonax tajjeb;***	iskadenzi legalment vinkolanti tal-Kummissjoni biex tipprepara deċiżjonijiet għall-awtorizzazzjoni rigward sustanzi kimiċi perikoluży;

Or. en

Emenda 69
Pál Szekeres, Virginie Joron, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Huwa mħasseb ħafna dwar il-ksur tal-iskadenzi legalment vinkolanti tal-Kummissjoni biex tipprepara deċiżjonijiet għall-awtorizzazzjoni rigward sustanzi kimiċi perikoluży; ***jisħaq li d-dewmien sinifikanti tal-Kummissjoni jikkostitwixxi theddida kbira għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, peress li l-kumpaniji se jibqgħu ikomplu jużaw tali sustanzi kimiċi, inkluż is-sustanza per- u polifluworoalkilata (PFAS), liema sustanzi huma assoċjati ma' żieda fir-riskji tal-kanċer u tal-ħsara ġenetika, u ma' saħħa riproduttiva li ma tiffunzjonax tajjeb;***	4. Huwa mħasseb ħafna dwar il-ksur tal-iskadenzi legalment vinkolanti tal-Kummissjoni biex tipprepara deċiżjonijiet għall-awtorizzazzjoni rigward sustanzi kimiċi perikoluży;

Or. en

Emenda 70
Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Huwa mħasseb ħafna dwar il-ksur tal-iskadenzi legalment vinkolanti tal-Kummissjoni biex tipprepara deċiżjonijiet għall-awtorizzazzjoni rigward sustanzi kimiċi perikoluży; jisħaq li d-dewmien sinifikanti tal-Kummissjoni jikkostitwixxi theddida kbira għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, peress li l-kumpaniji ***se jibqgħu ikomplu*** jużaw tali sustanzi kimiċi, ***inkluż is-sustanza per- u polifluworoalkilata (PFAS), liema sustanzi*** huma assoċjati ma' ***żieda fir-riskji tal-kanċer u tal-ħsara*** ġenetika, u ma' saħħa riproduttiva ***li ma tiffunzjonax tajjeb***;	4. Huwa mħasseb ħafna dwar il-ksur tal-iskadenzi legalment vinkolanti tal-Kummissjoni biex tipprepara deċiżjonijiet għall-awtorizzazzjoni rigward sustanzi kimiċi perikoluży; ***jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ it-trasparenza fil-proċess ta' awtorizzazzjoni billi tippubblika l-istatus tal-applikazzjonijiet pendenti fil-ħin u b'mod aċċessibbli, tiżgura skrutinju pubbliku u responsabbiltà effettivi;*** jisħaq li d-dewmien sinifikanti tal-Kummissjoni jikkostitwixxi theddida kbira għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, peress li l-kumpaniji ***jistgħu jkomplu*** jużaw tali sustanzi kimiċi, ***inklużi sustanzi perfluworoalkilati u polifluworoalkilati (PFAS), li*** huma assoċjati ma' ***riskji akbar ta' kanċer u ħsara*** ġenetika, u ma' saħħa riproduttiva ***indebolita; jistieden lill-Kummissjoni tirrispetta l-iskadenzi legalment vinkolanti għad-deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni u tillimita b'mod urġenti l-użu ta' sustanzi perikoluży, inklużi l-PFAS***;

Or. en

Emenda 71
Murielle Laurent

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Huwa mħasseb ħafna dwar il-ksur tal-iskadenzi legalment vinkolanti tal-Kummissjoni biex tipprepara deċiżjonijiet għall-awtorizzazzjoni rigward sustanzi kimiċi perikoluży; jisħaq li d-dewmien sinifikanti tal-Kummissjoni jikkostitwixxi	4. Huwa mħasseb ħafna dwar il-ksur tal-iskadenzi legalment vinkolanti tal-Kummissjoni biex tipprepara deċiżjonijiet għall-awtorizzazzjoni rigward sustanzi kimiċi perikoluży; jisħaq li d-dewmien sinifikanti tal-Kummissjoni jikkostitwixxi

theddida kbira għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, peress li l-kumpaniji ***se jibqgħu ikomplu*** jużaw tali sustanzi kimiċi, ***inkluż is-sustanza per- u polifluworoalkilata (PFAS), liema sustanzi*** huma assoċjati ma' ***żieda fir-riskji tal-kanċer u tal-ħsara*** ġenetika, u ma' saħħa riproduttiva ***li ma tiffunzjonax tajjeb***;	theddida kbira għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, peress li l-kumpaniji ***jistgħu jkomplu*** jużaw tali sustanzi kimiċi, ***inklużi s-sustanzi per- u polifluworoalkilati (PFAS), li*** huma assoċjati ma' ***riskji akbar ta' kanċer u ħsara*** ġenetika, u ma' saħħa riproduttiva ***indebolita; jisħaq li biex jiġu indirizzati r-riskji għas-saħħa u għall-ambjent maħluqa mill-PFAS, il-Kummissjoni għandha tikkoordina mal-Istati Membri, mal-awtoritajiet nazzjonali u lokali tagħhom***; ***iżda wkoll mas-soċjetà ċivili, li għandha rwol essenzjali f'dan il-qasam;***

Or. en

Emenda 72
Kosma Złotowski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Huwa ***mħasseb ħafna*** dwar il-ksur tal-iskadenzi legalment vinkolanti tal-Kummissjoni biex tipprepara deċiżjonijiet għall-awtorizzazzjoni rigward sustanzi kimiċi perikoluż; jisħaq li d-dewmien sinifikanti tal-Kummissjoni jikkostitwixxi theddida ***kbira*** għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, peress li l-kumpaniji ***se jibqgħu ikomplu*** jużaw tali sustanzi kimiċi, ***inkluż is-sustanza per- u polifluworoalkilata (PFAS), liema sustanzi*** huma assoċjati ma' żieda fir-riskji ***tal-kanċer u tal-ħsara*** ġenetika, u ma' saħħa riproduttiva ***li ma tiffunzjonax tajjeb***;	4. Huwa ***inkwetat*** dwar il-ksur tal-iskadenzi legalment vinkolanti tal-Kummissjoni biex tipprepara deċiżjonijiet għall-awtorizzazzjoni rigward sustanzi kimiċi perikoluż; jisħaq li d-dewmien sinifikanti tal-Kummissjoni jikkostitwixxi theddida ***potenzjali*** għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, peress li l-kumpaniji ***jkunu jistgħu jkomplu*** jużaw tali sustanzi kimiċi, ***inklużi s-sustanzi per- u polifluworoalkilati (PFAS), li*** huma assoċjati ma' żieda ***possibbli*** fir-riskji ***ta' kanċer u ta' ħsara*** ġenetika, u ma' saħħa riproduttiva ***indebolita***;

Or. en

Emenda 73
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jemmen li l-Kummissjoni jeħtiġilha tindirizza, bħala kwistjoni ta' prijorità, in-nuqqasijiet severi kollha madwar il-ġestjoni tagħha tar-riskju b'rabta mas-sustanzi ta' tħassib serju ħafna, u tirrifjuta kwalunkwe domandi għall-awtorizzazzjoni ta' tali sustanzi u tipprojbixxi l-użu tagħhom fejn hemm inċertezza persistenti fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent; jinsab konvint sew li l-Kummissjoni għandha timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet kollha li ġejjin mill-inkjesta tal-Ombudsman, inkluża rakkomandazzjoni biex l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' sustanzi ta' tħassib kbir ħafna li ma jkollhomx l-informazzjoni meħtieġa kollha jiġu rrifjutati biex jiġi żgurat li l-kumpaniji ma jitħallewx ikomplu jużaw dawn is-sustanzi perikoluż;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 74
Gheorghe Falcă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. ***Jemmen li l-Kummissjoni jeħtiġilha tindirizza, bħala kwistjoni ta' prijorità, in-nuqqasijiet severi kollha madwar il-ġestjoni tagħha tar-riskju b'rabta mas-sustanzi ta' tħassib serju ħafna, u tirrifjuta kwalunkwe domandi għall-awtorizzazzjoni ta' tali sustanzi u tipprojbixxi l-użu tagħhom fejn hemm inċertezza persistenti fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent;*** jinsab konvint sew li l-	5. jinsab konvint sew li l-Kummissjoni għandha timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet kollha li ***jirriżultaw*** mill-inkjesta tal-Ombudsman;

Kummissjoni għandha timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet kollha li ***ġejjin*** mill-inkjesta tal-Ombudsman***, inkluża rakkomandazzjoni biex l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' sustanzi ta' tħassib kbir ħafna li ma jkollhomx l-informazzjoni meħtieġa kollha jiġu rrifjutati biex jiġi żgurat li l-kumpaniji ma jitħallewx ikomplu jużaw dawn is-sustanzi perikoluż****i*;

Or. en

Emenda 75
Pál Szekeres, Virginie Joron, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jemmen li l-Kummissjoni jeħtiġilha tindirizza, bħala kwistjoni ta' prijorità, in-nuqqasijiet ***severi*** kollha ***madwar il-ġestjoni*** tagħha tar-riskju ***b'rabta mas-sustanzi*** ta' tħassib serju ħafna***, u tirrifjuta kwalunkwe domandi għall-awtorizzazzjoni ta' tali sustanzi u tipprojbixxi l-użu tagħhom fejn hemm inċertezza persistenti fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent; jinsab konvint sew*** li l-Kummissjoni ***għandha*** timplimenta ***bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet kollha li ġejjin*** mill-inkjesta tal-Ombudsman***, inkluża rakkomandazzjoni biex l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' sustanzi ta' tħassib kbir ħafna li ma jkollhomx l-informazzjoni meħtieġa kollha jiġu rrifjutati biex jiġi żgurat li l-kumpaniji ma jitħallewx ikomplu jużaw dawn is-sustanzi perikoluż****i*;	5. Jemmen li l-Kummissjoni jeħtiġilha tindirizza, bħala kwistjoni ta' prijorità, in-nuqqasijiet ***serji*** kollha ***relatati mal-ġestjoni*** tagħha tar-riskju ***fir-rigward ta' sustanzi*** ta' tħassib serju ħafna***; jirrakkomanda*** li l-Kummissjoni timplimenta ***r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw*** mill-inkjesta tal-Ombudsman ***meta jkun possibbli***;

Or. en

Emenda 76
Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. ***Jemmen*** li l-Kummissjoni jeħtiġilha tindirizza, bħala kwistjoni ta' prijorità, in-nuqqasijiet severi kollha ***madwar il-ġestjoni*** tagħha tar-riskju b'rabta mas-sustanzi ta' tħassib serju ħafna, u tirrifjuta kwalunkwe ***domandi*** għall-awtorizzazzjoni ta' tali sustanzi u tipprojbixxi l-użu tagħhom fejn hemm inċertezza persistenti fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent; jinsab konvint sew li l-Kummissjoni għandha timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet kollha li ***ġejjin*** mill-inkjesta tal-Ombudsman, inkluża rakkomandazzjoni ***biex*** l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' ***sustanzi*** ta' tħassib ***kbir*** ħafna li ma ***jkollhomx*** l-informazzjoni meħtieġa ***kollha jiġu rrifjutati*** biex jiġi żgurat li l-kumpaniji ma jitħallewx ikomplu jużaw dawn is-sustanzi perikoluż;	5. ***Jisħaq*** li l-Kummissjoni jeħtiġilha tindirizza, bħala kwistjoni ta' prijorità, in-nuqqasijiet severi kollha ***relatati mal-ġestjoni*** tagħha tar-riskju b'rabta mas-sustanzi ta' tħassib serju ħafna, u tirrifjuta kwalunkwe ***talba*** għall-awtorizzazzjoni ta' tali sustanzi u tipprojbixxi l-użu tagħhom fejn hemm inċertezza persistenti fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent; jinsab konvint sew li l-Kummissjoni għandha timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet kollha li ***jirriżultaw*** mill-inkjesta tal-Ombudsman, inkluża rakkomandazzjoni ***li*** l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' ***sustanza*** ta' tħassib ***serju*** ħafna li ma ***jkollhiex*** l-informazzjoni ***kollha*** meħtieġa ***tiġi rrifjutata f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni minqux fl-Artikolu 191(2) tat-TFUE u kif spjegat aktar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Prinċipju ta' Prekawzjoni (COM(2000) 1)*** biex jiġi żgurat li l-kumpaniji ma jitħallewx ikomplu jużaw dawn is-sustanzi perikoluż;

Or. en

Emenda 77
Eugen Tomac, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jemmen li l-Kummissjoni jeħtiġilha tindirizza, bħala kwistjoni ta' prijorità, in-nuqqasijiet ***severi*** kollha ***madwar il-ġestjoni*** tagħha tar-riskju ***b'rabta mas-***	5. Jemmen li l-Kummissjoni jeħtiġilha tindirizza, bħala kwistjoni ta' prijorità, in-nuqqasijiet ***serji*** kollha ***relatati mal-ġestjoni*** tagħha tar-riskju ***fir-rigward ta'***

sustanzi ta' tħassib serju ħafna***, u tirrifjuta kwalunkwe domandi għall-awtorizzazzjoni ta' tali sustanzi u tipprojbixxi l-użu tagħhom fejn hemm inċertezza persistenti fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent***; jinsab konvint sew li l-Kummissjoni għandha timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet kollha li ġejjin mill-inkjesta tal-Ombudsman, inkluża rakkomandazzjoni biex l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' sustanzi ta' tħassib kbir ħafna li ma jkollhomx l-informazzjoni meħtieġa kollha jiġu rrifjutati biex jiġi żgurat li l-kumpaniji ma jitħallewx ikomplu jużaw dawn is-sustanzi perikoluż;	***sustanzi*** ta' tħassib serju ħafna; jinsab konvint sew li l-Kummissjoni għandha timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet kollha li ġejjin mill-inkjesta tal-Ombudsman, inkluża rakkomandazzjoni biex l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' sustanzi ta' tħassib kbir ħafna li ma jkollhomx l-informazzjoni meħtieġa kollha jiġu rrifjutati biex jiġi żgurat li l-kumpaniji ma jitħallewx ikomplu jużaw dawn is-sustanzi perikoluż;

Or. en

Emenda 78
Kosma Złotowski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jemmen li l-Kummissjoni jeħtiġilha tindirizza, bħala kwistjoni ta' prijorità, in-nuqqasijiet severi kollha ***madwar il-ġestjoni*** tagħha tar-riskju b'rabta mas-sustanzi ta' tħassib serju ħafna, u tirrifjuta kwalunkwe ***domandi*** għall-awtorizzazzjoni ***ta'*** tali sustanzi u tipprojbixxi l-użu tagħhom ***fejn hemm inċertezza persistenti fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa*** tal-bniedem u l-ambjent; jinsab konvint sew li l-Kummissjoni għandha timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet kollha li ġejjin mill-inkjesta tal-Ombudsman, inkluża rakkomandazzjoni biex l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' sustanzi ta' tħassib kbir ħafna li ma jkollhomx l-informazzjoni meħtieġa kollha jiġu rrifjutati biex jiġi żgurat li l-kumpaniji ma jitħallewx ikomplu jużaw dawn is-	5. Jemmen li l-Kummissjoni jeħtiġilha tindirizza, bħala kwistjoni ta' prijorità, in-nuqqasijiet severi kollha ***relatati mal-ġestjoni*** tagħha tar-riskju b'rabta mas-sustanzi ta' tħassib serju ħafna, u tirrifjuta kwalunkwe ***applikazzjoni*** għall-awtorizzazzjoni ***biex jintużaw*** tali sustanzi u tipprojbixxi l-użu tagħhom ***meta l-impatt negattiv tagħhom fuq is-saħħa*** tal-bniedem u l-ambjent ***ikun ġie ppruvat xjentifikament***; jinsab konvint sew li l-Kummissjoni għandha timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet kollha li ġejjin mill-inkjesta tal-Ombudsman, inkluża rakkomandazzjoni biex l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' sustanzi ta' tħassib kbir ħafna li ma jkollhomx l-informazzjoni meħtieġa kollha jiġu rrifjutati biex jiġi żgurat li l-kumpaniji ma jitħallewx ikomplu jużaw dawn is-

sustanzi perikolużi;	sustanzi perikolużi;

Or. en

Emenda 79
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jemmen li l-Kummissjoni jeħtiġilha tindirizza, bħala kwistjoni ta' prijorità, in-nuqqasijiet severi kollha ***madwar il-ġestjoni*** tagħha tar-riskju b'rabta mas-sustanzi ta' tħassib serju ħafna, u tirrifjuta kwalunkwe ***domandi*** għall-awtorizzazzjoni ta' tali sustanzi u tipprojbixxi l-użu tagħhom fejn ***hemm inċertezza persistenti fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa*** tal-bniedem u ***l-ambjent***; jinsab konvint sew li l-Kummissjoni għandha timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet kollha li ġejjin mill-inkjesta tal-Ombudsman, inkluża rakkomandazzjoni biex l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' sustanzi ta' tħassib kbir ħafna li ma jkollhomx l-informazzjoni meħtieġa kollha jiġu rrifjutati biex jiġi żgurat li l-kumpaniji ma jitħallewx ikomplu jużaw dawn is-sustanzi perikolużi;	5. Jemmen li l-Kummissjoni jeħtiġilha tindirizza, bħala kwistjoni ta' prijorità, in-nuqqasijiet severi kollha ***marbuta mal-ġestjoni*** tagħha tar-riskju b'rabta mas-sustanzi ta' tħassib serju ħafna, u tirrifjuta kwalunkwe ***applikazzjoni*** għall-awtorizzazzjoni ta' tali sustanzi u tipprojbixxi l-użu tagħhom fejn ***ikun hemm evidenza li huma ta' ħsara għas-saħħa*** tal-bniedem u ***għall-ambjent***; jinsab konvint sew li l-Kummissjoni għandha timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet kollha li ġejjin mill-inkjesta tal-Ombudsman, inkluża rakkomandazzjoni biex l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' sustanzi ta' tħassib kbir ħafna li ma jkollhomx l-informazzjoni meħtieġa kollha jiġu rrifjutati biex jiġi żgurat li l-kumpaniji ma jitħallewx ikomplu jużaw dawn is-sustanzi perikolużi;

Or. en

Emenda 80
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jemmen bis-saħħa li l-awtorizzazzjoni kontinwa ta' pestiċidi	***imħassar***

perikoluży trid tintemm minnufih; jisħaq li l-Kummissjoni jeħtiġilha ttejjeb b'mod sinifikanti r-regoli dwar is-sostituzzjoni ta' sustanzi perikoluży fil-pestiċidi sabiex tiffavorixxi alternattivi sikuri mingħajr kimiċi u timxi malajr lejn sistema sostenibbli tal-ikel u ambjent ħieles mit-tossiċi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni toqgħod lura milli tapprova "sustanzi attivi" użati fil-pestiċidi fejn l-ebda użu sikur ma ġie identifikat jew fejn data addizzjonali li tikkonferma s-sikurezza tagħhom hija meħtieġa, minħabba l-fatt li diġà hemm konsegwenzi perikoluży ħafna li l-użu tal-pestiċidi kellu għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, bl-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' prekawzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċess ta' approvazzjoni huwa kompletament trasparenti u ħieles minn kunflitti ta' interess, u tikkommetti ruħha li ttemm l-użu tal-pestiċidi sintetiċi kollha sal-aktar tard l-2035;

Or. de

Emenda 81
Virginie Joron, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jemmen bis-saħħa li l-awtorizzazzjoni kontinwa ta' pestiċidi perikoluży trid tintemm minnufih; jisħaq li l-Kummissjoni jeħtiġilha ttejjeb b'mod sinifikanti r-regoli dwar is-sostituzzjoni ta' sustanzi perikoluży fil-pestiċidi sabiex tiffavorixxi alternattivi sikuri mingħajr kimiċi u timxi malajr lejn sistema sostenibbli tal-ikel u ambjent ħieles mit-tossiċi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni toqgħod lura milli tapprova "sustanzi attivi" użati fil-pestiċidi fejn l-ebda użu sikur ma ġie identifikat jew fejn data addizzjonali li tikkonferma s-sikurezza tagħhom hija	***imħassar***

meħtieġa, minħabba l-fatt li diġà hemm konsegwenzi perikoluż ħafna li l-użu tal-pestiċidi kellu għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, bl-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' prekawzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċess ta' approvazzjoni huwa kompletament trasparenti u ħieles minn kunflitti ta' interess, u tikkommetti ruħha li ttemm l-użu tal-pestiċidi sintetiċi kollha sal-aktar tard l-2035;

Or. en

Emenda 82
Gheorghe Falcă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. ***Jemmen bis-saħħa li l-awtorizzazzjoni kontinwa ta' pestiċidi perikoluż trid tintemm minnufih; jisħaq li l-Kummissjoni jeħtiġilha ttejjeb b'mod sinifikanti r-regoli dwar is-sostituzzjoni ta' sustanzi perikoluż fil-pestiċidi sabiex tiffavorixxi alternattivi sikuri mingħajr kimiċi u timxi malajr lejn sistema sostenibbli tal-ikel u ambjent ħieles mit-tossiċi;*** iħeġġeġ lill-Kummissjoni toqgħod lura milli tapprova "sustanzi attivi" użati fil-pestiċidi fejn ***l-ebda użu sikur*** ma ġie identifikat jew fejn data addizzjonali li tikkonferma s-sikurezza tagħhom ***hija meħtieġa, minħabba l-fatt li diġà hemm konsegwenzi perikoluż ħafna li l-użu tal-pestiċidi kellu għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, bl-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' prekawzjoni***; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċess ta' approvazzjoni ***huwa*** kompletament trasparenti u ħieles minn kunflitti ta' interess***, u tikkommetti ruħha li ttemm l-użu tal-pestiċidi sintetiċi kollha sal-aktar tard l-2035***;	6. iħeġġeġ lill-Kummissjoni toqgħod lura milli tapprova "sustanzi attivi" użati fil-pestiċidi fejn ma ***jkun*** ġie identifikat ***l-ebda użu sikur*** jew fejn ***tkun meħtieġa*** data addizzjonali li tikkonferma s-sikurezza tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċess ta' approvazzjoni ***jkun*** kompletament trasparenti u ħieles minn kunflitti ta' interess;

Or. en

Emenda 83
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. ***Jemmen bis-saħħa li l-awtorizzazzjoni kontinwa ta' pestiċidi perikoluży trid tintemm minnufih***; jisħaq li l-Kummissjoni jeħtiġilha ***ttejjeb b'mod sinifikanti r-regoli dwar is-sostituzzjoni ta' sustanzi perikoluży*** fil-pestiċidi ***sabiex tiffavorixxi alternattivi sikuri mingħajr kimiċi u timxi malajr lejn sistema sostenibbli tal-ikel u ambjent ħieles mit-tossiċi; iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni ***toqgħod*** lura milli tapprova "sustanzi attivi" użati fil-pestiċidi fejn ***l-ebda użu sikur*** ma ġie identifikat ***jew fejn data addizzjonali li tikkonferma s-sikurezza tagħhom hija meħtieġa, minħabba l-fatt li diġà hemm konsegwenzi perikoluży ħafna li l-użu tal-pestiċidi kellu għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, bl-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' prekawzjoni***; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċess ta' approvazzjoni ***huwa*** kompletament trasparenti u ***ħieles minn kunflitti*** ta' interess***, u tikkommetti ruħha li ttemm l-użu tal-pestiċidi sintetiċi kollha sal-aktar tard l-2035***;	6. ***Jinnota li kwalunkwe awtorizzazzjoni rigward il-pestiċidi għandha tibbilanċja bir-reqqa l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent mal-ħtieġa li jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u l-kompetittività tal-agrikoltura Ewropea***; jisħaq li l-Kummissjoni jeħtiġilha ***tivvaluta u tawtorizza s-sustanzi attivi użati*** fil-pestiċidi***; jistieden*** lill-Kummissjoni ***żżomm*** lura milli tapprova "sustanzi attivi" użati fil-pestiċidi fejn ma ***jkun*** ġie identifikat ***l-ebda użu sikur***; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċess ta' approvazzjoni ***jkun*** kompletament trasparenti u ***jsegwi salvagwardji stretti kontra l-kunflitti*** ta' interess;

Or. en

Emenda 84
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

6. Jemmen ***bis-saħħa*** li l-awtorizzazzjoni kontinwa ta' pestiċidi perikoluży trid ***tintemm minnufih***; jisħaq li l-Kummissjoni jeħtiġilha ***ttejjeb b'mod sinifikanti*** r-regoli dwar is-sostituzzjoni ta' sustanzi perikoluży ***fil-pestiċidi sabiex tiffavorixxi alternattivi*** sikuri mingħajr kimiċi ***u timxi malajr lejn sistema sostenibbli tal-ikel u*** ambjent ħieles ***mit-tossiċi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni toqgħod lura milli tapprova "sustanzi attivi" użati fil-pestiċidi fejn l-ebda użu sikur ma ġie identifikat jew fejn data addizzjonali li tikkonferma s-sikurezza tagħhom hija meħtieġa, minħabba l-fatt li diġà hemm konsegwenzi perikoluży ħafna li l-użu tal-pestiċidi kellu għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, bl-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' prekawzjoni***; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċess ta' approvazzjoni ***huwa*** kompletament trasparenti u ħieles minn kunflitti ta' interess, ***u tikkommetti ruħha li ttemm l-użu tal-pestiċidi sintetiċi kollha sal-aktar tard l-2035;***	6. jemmen li l-awtorizzazzjoni kontinwa ta' pestiċidi perikoluży trid ***tiġi sospiża hekk kif evidenza xjentifika soda tappoġġjaha***; jisħaq li l-Kummissjoni jeħtiġilha ***tintensifika*** r-regoli dwar is-sostituzzjoni ta' sustanzi perikoluży ***b'alternattivi*** sikuri mingħajr kimiċi***, fejn possibbli u mingħajr impatt ekonomiku sinifikanti fuq il-produtturi u l-konsumaturi, bl-għan li jiġi stabbilit*** ambjent ħieles ***mit-tossini***; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċess ta' approvazzjoni ***tal-pestiċidi jkun*** kompletament trasparenti u ħieles minn kunflitti ta' interess,
	Or. fr

Emenda 85
Pál Szekeres, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jemmen ***bis-saħħa*** li l-awtorizzazzjoni kontinwa ***ta' pestiċidi*** perikoluży ***trid*** tintemm ***minnufih***; jisħaq li l-Kummissjoni jeħtiġilha ***ttejjeb*** b'mod sinifikanti ***r-regoli dwar is-sostituzzjoni*** ta' sustanzi perikoluży fil-pestiċidi sabiex tiffavorixxi alternattivi sikuri ***mingħajr*** kimiċi u timxi malajr lejn sistema sostenibbli tal-ikel u ambjent ħieles ***mit-tossiċi***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni toqgħod lura milli tapprova "sustanzi attivi" użati fil-pestiċidi ***fejn*** l-ebda użu sikur ma ġie	6. Jemmen ***bis-sħiħ*** li l-awtorizzazzjoni kontinwa ***tal-pestiċidi*** perikoluży ***għandha*** tintemm ***bi skeda ta' żmien ibbażata fuq il-kompetenzi nazzjonali u l-kapaċitajiet attwali tal-Istati Membri***; jisħaq li l-Kummissjoni jeħtiġilha ***tikkontribwixxi*** b'mod sinifikanti ***għall-kapaċità u għad-disponibbiltà kif ukoll għall-affordabbiltà tal-aċċess għas-sostituzzjoni*** ta' sustanzi perikoluży fil-pestiċidi sabiex tiffavorixxi alternattivi sikuri ***mhux*** kimiċi u timxi malajr lejn

identifikat ***jew fejn data addizzjonali li tikkonferma s-sikurezza tagħhom hija meħtieġa***, minħabba ***l-fatt li diġà hemm konsegwenzi*** perikoluži ħafna li l-użu tal-pestiċidi kellu għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, bl-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' prekawzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċess ta' approvazzjoni ***huwa*** kompletament trasparenti u ħieles minn kunflitti ta' interess, u tikkommetti ruħha li ttemm l-użu tal-pestiċidi sintetiċi kollha sal-aktar tard l-2035;

sistema sostenibbli tal-ikel u ambjent ħieles ***mit-tossini***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni toqgħod lura milli tapprova "sustanzi attivi" użati fil-pestiċidi ***meta*** l-ebda użu sikur ma ***jkun*** ġie identifikat ***u jkun hemm sustanzi disponibbli u affordabbli b'mod wiesa'***, minħabba ***l-konsegwenzi*** perikoluži ħafna li l-użu tal-pestiċidi kellu ***diġà*** għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, bl-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' prekawzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċess ta' approvazzjoni ***jkun*** kompletament trasparenti u ħieles minn kunflitti ta' interess, u tikkommetti ruħha li ttemm l-użu tal-pestiċidi sintetiċi kollha sal-aktar tard l-2035;

Or. en

Emenda 86
Kosma Złotowski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. ***Jemmen bis-saħħa li l-awtorizzazzjoni kontinwa ta' pestiċidi perikoluži trid tintemm minnufih;*** jisħaq li l-Kummissjoni ***jeħtiġilha*** ttejjeb ***b'mod sinifikanti r-regoli*** dwar is-sostituzzjoni ta' sustanzi perikoluži fil-pestiċidi sabiex tiffavorixxi alternattivi sikuri ***mingħajr*** kimiċi u timxi malajr lejn ***sistema sostenibbli tal-ikel u*** ambjent ħieles ***mit-tossiċi***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni toqgħod lura milli tapprova "sustanzi attivi" użati fil-pestiċidi fejn l-ebda użu sikur ma ġie identifikat jew fejn data addizzjonali li tikkonferma s-sikurezza tagħhom hija meħtieġa, minħabba l-fatt li diġà hemm konsegwenzi perikoluži ħafna li l-użu tal-pestiċidi kellu għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, bl-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' prekawzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċess ta' approvazzjoni ***huwa*** kompletament	6. jisħaq li l-Kummissjoni ***għandha*** ttejjeb ***ir-regoli*** dwar is-sostituzzjoni ta' sustanzi perikoluži fil-pestiċidi sabiex tiffavorixxi alternattivi sikuri ***mhux*** kimiċi u timxi malajr lejn ambjent ħieles ***mit-tossini***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni toqgħod lura milli tapprova "sustanzi attivi" użati fil-pestiċidi fejn l-ebda użu sikur ma ġie identifikat jew fejn data addizzjonali li tikkonferma s-sikurezza tagħhom hija meħtieġa, minħabba l-fatt li diġà hemm konsegwenzi perikoluži ħafna li l-użu tal-pestiċidi kellu għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, bl-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' prekawzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċess ta' approvazzjoni ***jkun*** kompletament trasparenti u ħieles minn kunflitti ta' interess, u tikkommetti ruħha li ttemm l-użu tal-pestiċidi sintetiċi kollha sal-aktar

trasparenti u ħieles minn kunflitti ta' interess, u tikkommetti ruħha li ttemm l-użu tal-pestiċidi sintetiċi kollha sal-aktar tard l-2035;	tard l-2035;

Or. en

Emenda 87
Eugen Tomac, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jemmen bis-saħħa li l-awtorizzazzjoni kontinwa ta' pestiċidi perikoluży trid tintemm minnufih; jisħaq li l-Kummissjoni jeħtiġilha ttejjeb b'mod sinifikanti r-regoli dwar is-sostituzzjoni ta' sustanzi perikoluży fil-pestiċidi sabiex tiffavorixxi alternattivi sikuri ***mingħajr*** kimiċi u timxi malajr lejn sistema sostenibbli tal-ikel u ambjent ħieles ***mit-tossiċi***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni toqgħod lura milli tapprova "sustanzi attivi" użati fil-pestiċidi fejn l-ebda użu sikur ma ġie identifikat jew fejn data addizzjonali li tikkonferma s-sikurezza tagħhom hija meħtieġa, minħabba l-fatt li diġà hemm konsegwenzi perikoluży ħafna li l-użu tal-pestiċidi kellu għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, bl-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' prekawzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċess ta' approvazzjoni ***huwa*** kompletament trasparenti u ħieles minn kunflitti ta' interess***, u tikkommetti ruħha li ttemm l-użu tal-pestiċidi sintetiċi kollha sal-aktar tard l-2035***;	6. Jemmen bis-saħħa li l-awtorizzazzjoni kontinwa ta' pestiċidi perikoluży trid tintemm minnufih; jisħaq li l-Kummissjoni jeħtiġilha ttejjeb b'mod sinifikanti r-regoli dwar is-sostituzzjoni ta' sustanzi perikoluży fil-pestiċidi sabiex tiffavorixxi alternattivi sikuri ***mhux*** kimiċi u timxi malajr lejn sistema sostenibbli tal-ikel u ambjent ħieles ***mit-tossini***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni toqgħod lura milli tapprova "sustanzi attivi" użati fil-pestiċidi fejn l-ebda użu sikur ma ġie identifikat jew fejn data addizzjonali li tikkonferma s-sikurezza tagħhom hija meħtieġa, minħabba l-fatt li diġà hemm konsegwenzi perikoluży ħafna li l-użu tal-pestiċidi kellu għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, bl-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' prekawzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċess ta' approvazzjoni ***jkun*** kompletament trasparenti u ħieles minn kunflitti ta' interess;

Or. en

Emenda 88
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jisħaq li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jeħtiġilhom jiggarantixxu t-trasparenza bis-sħiħ u l-ogħla livelli ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE; ***iqis*** li huwa ***ta' importanza kbira li jiġi żgurat li ċ-ċittadini jistgħu jżommu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli, jeżerċitaw id-drittijiet demokratiċi tagħhom u jkollhom aċċess għall-informazzjoni u għad-dokumenti rilevanti kollha, b'mod partikolari dawk ta' natura leġiżlattiva, inkluż matul il-proċess leġiżlattiv, kif stipulat ukoll fil-każistika tal-QĠUE; jenfasizza*** li l-istituzzjonijiet***, l-aġenziji, il-korpi u l-uffiċċji tal-UE jeħtiġilhom jiżguraw*** it-trasparenza ***sħiħa u jaderixxu mal-ogħla standards ta' etika fl-interazzjonijiet*** tagħhom ***mal-partijiet ikkonċernati privati***;	7. Jisħaq li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jeħtiġilhom jiggarantixxu t-trasparenza bis-sħiħ u l-ogħla livelli ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE; ***jisħaq, madankollu, li filwaqt*** li huwa ***essenzjali*** li l-istituzzjonijiet ***ikunu trasparenti fir-relazzjonijiet tagħhom maċ-ċittadini,*** it-trasparenza ***ma tridx iddgħajjef in-negozjati politiċi*** tagħhom***, li jistgħu jiġu mxekkla minn domanda għal trasparenza eċċessiva, li twassal għal żieda sostanzjali fil-laqgħat informali u b'hekk tipproduċi effett oppost għal dak imfittex***;

Or. fr

Emenda 89
Pál Szekeres, Virginie Joron, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jisħaq li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jeħtiġilhom jiggarantixxu t-trasparenza ***bis-sħiħ*** u l-ogħla livelli ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE; iqis li huwa ta' importanza kbira li jiġi żgurat li ċ-ċittadini jistgħu jżommu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli, jeżerċitaw id-drittijiet demokratiċi tagħhom u jkollhom aċċess għall-informazzjoni u għad-dokumenti rilevanti kollha, b'mod	7. Jisħaq li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jeħtiġilhom jiggarantixxu t-trasparenza ***sħiħa*** u l-ogħla livelli ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE; iqis li huwa ta' importanza kbira li jiġi żgurat li ċ-ċittadini jistgħu jżommu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli, jeżerċitaw ***bis-sħiħ*** id-drittijiet demokratiċi tagħhom u jkollhom aċċess għall-informazzjoni u għad-dokumenti rilevanti kollha, b'mod

partikolari dawk ta' natura leġiżlattiva***, inkluż matul il-proċess leġiżlattiv, kif stipulat ukoll fil-każistika tal-QĠUE***; jenfasizza li l-istituzzjonijiet, l-aġenziji, il-korpi u l-uffiċċji tal-UE jeħtiġilhom jiżguraw it-trasparenza sħiħa u jaderixxu mal-ogħla standards ***ta' etika*** fl-interazzjonijiet tagħhom mal-partijiet ikkonċernati privati;	partikolari dawk ta' natura leġiżlattiva; jenfasizza li l-istituzzjonijiet, l-aġenziji, il-korpi u l-uffiċċji tal-UE jeħtiġilhom jiżguraw it-trasparenza sħiħa u jaderixxu mal-ogħla standards ***etiċi*** fl-interazzjonijiet tagħhom mal-partijiet ikkonċernati privati; ***jissottolinja l-importanza tat-trasparenza fir-rigward tal-iżgurar tal-fiduċja pubblika li l-amministrazzjoni tal-UE se tuża l-IA b'mod responsabbli; jipproponi li l-Kummissjoni tinforma b'mod proattiv lill-pubbliku dwar il-fatt li tweġiba tkun tħejjiet bl-assistenza tal-IA kif ukoll dwar in-natura tal-assistenza tal-IA pprovduta;***

Or. en

Emenda 90
Pál Szekeres, Virginie Joron, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jisħaq li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jeħtiġilhom jiggarantixxu t-trasparenza ***bis-sħiħ*** u l-ogħla livelli ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE; iqis li huwa ta' importanza kbira li jiġi żgurat li ċ-ċittadini jistgħu jżommu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli, jeżerċitaw id-drittijiet demokratiċi tagħhom u jkollhom aċċess għall-informazzjoni u għad-dokumenti rilevanti kollha, b'mod partikolari dawk ta' natura leġiżlattiva***, inkluż matul il-proċess leġiżlattiv, kif stipulat ukoll fil-każistika tal-QĠUE***; jenfasizza li l-istituzzjonijiet, l-aġenziji, il-korpi u l-uffiċċji tal-UE jeħtiġilhom jiżguraw ***it-trasparenza*** sħiħa ***u jaderixxu mal-ogħla standards ta' etika fl-interazzjonijiet tagħhom mal-partijiet ikkonċernati privati***;	7. Jisħaq li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jeħtiġilhom jiggarantixxu t-trasparenza ***sħiħa*** u l-ogħla livelli ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE; iqis li huwa ta' importanza kbira li jiġi żgurat li ċ-ċittadini jistgħu jżommu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli, jeżerċitaw ***bis-sħiħ*** id-drittijiet demokratiċi tagħhom u jkollhom aċċess għall-informazzjoni u għad-dokumenti rilevanti kollha, b'mod partikolari dawk ta' natura leġiżlattiva; jenfasizza li l-istituzzjonijiet, l-aġenziji, il-korpi u l-uffiċċji tal-UE jeħtiġilhom jiżguraw ***trasparenza*** sħiħa;

Or. en

Emenda 91
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jisħaq li l-istituzzjonijiet ***tal-Unjoni Ewropea*** jeħtiġilhom jiggarantixxu t-trasparenza ***bis-sħiħ u l-ogħla livelli ta' parteċipazzjoni*** taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE; iqis li huwa ta' importanza kbira li jiġi żgurat li ċ-ċittadini jistgħu jżommu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli, jeżerċitaw id-drittijiet demokratiċi tagħhom u jkollhom aċċess għall-informazzjoni u għad-dokumenti rilevanti kollha, b'mod partikolari dawk ta' natura leġiżlattiva, inkluż matul il-proċess leġiżlattiv, kif stipulat ukoll fil-każistika tal-QĠUE; jenfasizza li l-istituzzjonijiet, l-aġenziji, il-korpi u l-uffiċċji tal-UE jeħtiġilhom jiżguraw it-trasparenza sħiħa u jaderixxu mal-ogħla standards ***ta' etika*** fl-interazzjonijiet tagħhom mal-partijiet ikkonċernati privati;	7. Jisħaq li l-istituzzjonijiet ***tal-UE*** jeħtiġilhom jiggarantixxu t-trasparenza ***u livell raġonevoli tal-parteċipazzjoni*** taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE; iqis li huwa ta' importanza kbira li jiġi żgurat li ċ-ċittadini jistgħu jżommu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli, jeżerċitaw id-drittijiet demokratiċi tagħhom u jkollhom aċċess għall-informazzjoni u għad-dokumenti rilevanti kollha, b'mod partikolari dawk ta' natura leġiżlattiva, inkluż matul il-proċess leġiżlattiv, kif stipulat ukoll fil-każistika tal-QĠUE; jenfasizza li l-istituzzjonijiet, l-aġenziji, il-korpi u l-uffiċċji tal-UE jeħtiġilhom jiżguraw it-trasparenza sħiħa u jaderixxu mal-ogħla standards ***etiċi*** fl-interazzjonijiet tagħhom mal-partijiet ikkonċernati privati;

Or. en

Emenda 92
Gheorghe Falcă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jisħaq li l-istituzzjonijiet ***tal-Unjoni Ewropea*** jeħtiġilhom jiggarantixxu t-trasparenza ***bis-sħiħ*** u l-ogħla livelli ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE; iqis li huwa ta' importanza kbira li jiġi żgurat li ċ-ċittadini jistgħu jżommu lil dawk li jieħdu	7. Jisħaq li l-istituzzjonijiet ***tal-UE*** jeħtiġilhom jiggarantixxu t-trasparenza u l-ogħla livelli ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE; iqis li huwa ta' importanza kbira li jiġi żgurat li ċ-ċittadini jistgħu jżommu lil dawk li jieħdu d-

d-deċiżjonijiet responsabbli, jeżerċitaw id-drittijiet demokratiċi tagħhom u jkollhom aċċess għall-informazzjoni u għad-dokumenti rilevanti kollha, b'mod partikolari dawk ta' natura leġiżlattiva, inkluż matul il-proċess leġiżlattiv, kif stipulat ukoll fil-każistika tal-QĠUE; jenfasizza li l-istituzzjonijiet, l-aġenziji, il-korpi u l-uffiċċji tal-UE jeħtiġilhom jiżguraw it-trasparenza ***sħiħa*** u jaderixxu mal-ogħla standards ***ta' etika*** fl-interazzjonijiet tagħhom mal-partijiet ikkonċernati privati;	deċiżjonijiet responsabbli, jeżerċitaw id-drittijiet demokratiċi tagħhom u jkollhom aċċess għall-informazzjoni u għad-dokumenti rilevanti kollha, b'mod partikolari dawk ta' natura leġiżlattiva, inkluż matul il-proċess leġiżlattiv, kif stipulat ukoll fil-każistika tal-QĠUE; jenfasizza li l-istituzzjonijiet, l-aġenziji, il-korpi u l-uffiċċji tal-UE jeħtiġilhom jiżguraw it-trasparenza u jaderixxu mal-ogħla standards ***etiċi*** fl-interazzjonijiet tagħhom mal-partijiet ikkonċernati privati;

Or. en

Emenda 93
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jisħaq li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jeħtiġilhom jiggarantixxu t-trasparenza bis-sħiħ u l-ogħla livelli ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE; iqis li huwa ta' importanza kbira li jiġi żgurat li ċ-ċittadini jistgħu jżommu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli, jeżerċitaw id-drittijiet demokratiċi tagħhom u jkollhom aċċess għall-informazzjoni u għad-dokumenti rilevanti kollha, b'mod partikolari dawk ta' natura leġiżlattiva, inkluż matul il-proċess leġiżlattiv, kif stipulat ukoll fil-każistika tal-QĠUE; jenfasizza li l-istituzzjonijiet, l-aġenziji, il-korpi u l-uffiċċji tal-UE jeħtiġilhom jiżguraw it-trasparenza sħiħa u jaderixxu mal-ogħla standards ta' etika fl-interazzjonijiet tagħhom mal-partijiet ikkonċernati privati;	7. Jisħaq li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jeħtiġilhom jiggarantixxu t-trasparenza bis-sħiħ u l-ogħla livelli ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE; iqis li huwa ta' importanza kbira li jiġi żgurat li ċ-ċittadini jistgħu jżommu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli, jeżerċitaw id-drittijiet demokratiċi tagħhom u jkollhom aċċess għall-informazzjoni u għad-dokumenti rilevanti kollha, b'mod partikolari dawk ta' natura leġiżlattiva, inkluż matul il-proċess leġiżlattiv, kif stipulat ukoll fil-każistika tal-QĠUE; jenfasizza li ***l-aċċess għad-dokumenti jrid ikun immedjat u mingħajr dewmien mhux meħtieġ, li l-proċeduri għaċ-ċittadini jridu jkunu simplifikati għall-konvenjenza tagħhom, u jissottolinja li*** l-istituzzjonijiet, l-aġenziji, il-korpi u l-uffiċċji tal-UE jeħtiġilhom jiżguraw it-trasparenza sħiħa u jaderixxu mal-ogħla standards ta' etika fl-interazzjonijiet

tagħhom mal-partijiet ikkonċernati privati;

Or. el

Emenda 94
Marcin Sypniewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Iwissi li l-inondazzjoni tal-pubbliku b'massa ta' dokumenti u analiżi sekondarji, filwaqt li fl-istess ħin jiġi miċħud l-aċċess għal-dokumenti ta' importanza ewlenija, tikkostitwixxi distorsjoni tal-prinċipju tat-trasparenza; jinsisti li t-trasparenza jeħtiġilha tfisser, fuq kollox, li jiġi pprovdut aċċess għad-dokumenti li huma ta' importanza ewlenija għall-interess pubbliku;

Or. pl

Emenda 95
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jikkritika n-nuqqas ta' trasparenza madwar l-identità u n-natura tal-kumpaniji privati u l-benefiċċji ggwadanjati minnhom bħala skambju għall-isponsorjar ta' laqgħat informali tal-Ministri, kif ukoll avvenimenti kulturali u soċjali, organizzati mill-Kunsill tal-UE, u jiddispjaċih li tali sponsors huma anke awtorizzati li jużaw il-logo tal-Presidenza tal-Kunsill għal skopijiet kummerċjali; jemmen li din il-prattika trid titwaqqaf immedjatament, f'konformità, fost l-oħrajn, mad-domanda	***imħassar***

speċifika tal-Parlament lill-Kunsill f'dan ir-rigward, jiġifieri li jiġi evitat kwalunkwe sponsorjar korporattiv u li jiġu adottati r-regoli l-aktar stringenti sabiex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess, bil-għan li tiġi ssalvagwardjata r-reputazzjoni u l-integrità kemm tal-Kunsill kif ukoll tal-Unjoni kollha;

Or. fr

Emenda 96
Gheorghe Falcă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jikkritika n-nuqqas ta' trasparenza madwar l-identità u n-natura tal-kumpaniji privati u l-benefiċċji ggwadanjati minnhom bħala skambju għall-isponsorjar ta' laqgħat informali tal-Ministri, kif ukoll avvenimenti kulturali u soċjali, organizzati mill-Kunsill tal-UE, u jiddispjaċih li tali sponsors huma anke awtorizzati li jużaw il-logo tal-Presidenza tal-Kunsill għal skopijiet kummerċjali; jemmen li din il-prattika trid titwaqqaf immedjatament, f'konformità, fost l-oħrajn, mad-domanda speċifika tal-Parlament lill-Kunsill f'dan ir-rigward, jiġifieri li jiġi evitat kwalunkwe sponsorjar korporattiv u li jiġu adottati r-regoli l-aktar stringenti sabiex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess, bil-għan li tiġi ssalvagwardjata r-reputazzjoni u l-integrità kemm tal-Kunsill kif ukoll tal-Unjoni kollha;	***imħassar***

Or. en

Emenda 97
Pál Szekeres, Virginie Joron, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jikkritika n-nuqqas ta' trasparenza madwar l-identità u n-natura tal-kumpaniji privati u l-benefiċċji ggwadanjati minnhom bħala skambju għall-isponsorjar ta' laqgħat informali tal-Ministri, kif ukoll avvenimenti kulturali u soċjali, organizzati mill-Kunsill tal-UE, u jiddispjaċih li tali sponsors huma anke awtorizzati li jużaw il-logo tal-Presidenza tal-Kunsill għal skopijiet kummerċjali; jemmen li din il-prattika trid titwaqqaf immedjatament, f'konformità, fost l-oħrajn, mad-domanda speċifika tal-Parlament lill-Kunsill f'dan ir-rigward, jiġifieri li jiġi evitat kwalunkwe sponsorjar korporattiv u li jiġu adottati r-regoli l-aktar stringenti sabiex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess, bil-għan li tiġi ssalvagwardjata r-reputazzjoni u l-integrità kemm tal-Kunsill kif ukoll tal-Unjoni kollha;	***imħassar***

Or. en

Emenda 98
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jikkritika n-nuqqas ta' trasparenza madwar l-identità u n-natura tal-kumpaniji privati u l-benefiċċji ggwadanjati minnhom bħala skambju għall-isponsorjar ta' laqgħat informali tal-Ministri, kif ukoll avvenimenti kulturali u soċjali, organizzati mill-Kunsill tal-UE, u jiddispjaċih li tali sponsors huma anke awtorizzati li jużaw il-logo tal-Presidenza tal-Kunsill għal	***imħassar***

skopijiet kummerċjali; jemmen li din il-prattika trid titwaqqaf immedjatament, f'konformità, fost l-oħrajn, mad-domanda speċifika tal-Parlament lill-Kunsill f'dan ir-rigward, jiġifieri li jiġi evitat kwalunkwe sponsorjar korporattiv u li jiġu adottati r-regoli l-aktar strinġenti sabiex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess, bil-għan li tiġi ssalvagwardjata r-reputazzjoni u l-integrità kemm tal-Kunsill kif ukoll tal-Unjoni kollha;

Or. en

Emenda 99
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza l-importanza essenzjali tal-attivitajiet tal-Ombudsman biex tgħin fit-titjib tal-kompożizzjoni bilanċjata tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni, b'mod partikolari l-Grupp Konsultattiv tal-Industrija tal-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE, minħabba l-interessi soċjali u ambjentali kbar involuti fir-rigward tal-politiki tal-enerġija; jiddispjaċih bis-saħħa li l-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi kompletament lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili minn dan il-Grupp, u tat lill-industriji tal-fjuwils fossili aċċess privileġġjat u mhux issorveljat għal dawk li jfasslu l-politika tal-UE filwaqt li żiedet l-influwenza tagħhom fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, u għaldaqstant imminat il-fiduċja taċ-ċittadini, l-iskrutinju pubbliku u t-trasparenza;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 100
Mireia Borrás Pabón, Juan Carlos Girauta Vidal, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza l-importanza essenzjali tal-attivitajiet tal-Ombudsman biex tgħin fit-titjib tal-kompożizzjoni bilanċjata tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni, b'mod partikolari l-Grupp Konsultattiv tal-Industrija tal-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE, minħabba l-interessi soċjali u ambjentali kbar involuti fir-rigward tal-politiki tal-enerġija; jiddispjaċih bis-saħħa li l-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi kompletament lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili minn dan il-Grupp, u tat lill-industriji tal-fjuwils fossili aċċess privileġġjat u mhux issorveljat għal dawk li jfasslu l-politika tal-UE filwaqt li żiedet l-influwenza tagħhom fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, u għaldaqstant imminat il-fiduċja taċ-ċittadini, l-iskrutinju pubbliku u t-trasparenza;	***imħassar***

Or. en

Emenda 101
Kosma Złotowski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza l-importanza ***essenzjali*** tal-attivitajiet tal-Ombudsman biex tgħin fit-titjib tal-kompożizzjoni bilanċjata tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni***, b'mod partikolari l-Grupp Konsultattiv tal-Industrija tal-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE, minħabba l-interessi soċjali u*** ambjentali ***kbar involuti fir-rigward tal-politiki tal-enerġija; jiddispjaċih bis-saħħa li l-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi kompletament lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili minn dan il-Grupp, u tat***	9. Jenfasizza l-importanza tal-attivitajiet tal-Ombudsman biex tgħin fit-titjib tal-kompożizzjoni bilanċjata tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni***; jisħaq f'dan ir-rigward li l-urġenza*** ambjentali ***m'għandhiex tieħu preċedenza fuq*** l-iskrutinju ***demokratiku***;

lill-industriji tal-fjuwils fossili aċċess privileġġjat u mhux issorveljat għal dawk li jfasslu l-politika tal-UE filwaqt li żiedet l-influwenza tagħhom fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, u għaldaqstant imminat il-fiduċja taċ-ċittadini, l-iskrutinju ***pubbliku u t-trasparenza***;

Or. en

Emenda 102
Murielle Laurent

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza l-importanza essenzjali tal-attivitajiet tal-Ombudsman biex tgħin fit-titjib tal-kompożizzjoni bilanċjata ***tal-gruppi*** ta' esperti tal-Kummissjoni, b'mod partikolari l-Grupp Konsultattiv tal-Industrija tal-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE, minħabba l-interessi soċjali u ambjentali kbar involuti fir-rigward tal-politiki tal-enerġija; jiddispjaċih bis-saħħa li l-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi kompletament lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili minn dan il-Grupp, u tat lill-industriji tal-fjuwils fossili aċċess privileġġjat u mhux issorveljat għal dawk li jfasslu l-politika tal-UE filwaqt li żiedet l-influwenza tagħhom fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, u għaldaqstant imminat il-fiduċja taċ-ċittadini, l-iskrutinju pubbliku u t-trasparenza;	9. Jenfasizza l-importanza essenzjali tal-attivitajiet tal-Ombudsman biex ***tiżdied it-trasparenza u biex*** tgħin fit-titjib tal-kompożizzjoni bilanċjata ***ta' aktar minn elf grupp*** ta' esperti tal-Kummissjoni ***li jipprovdu diversi pariri speċjalizzati lill-Kummissjoni***, b'mod partikolari l-Grupp Konsultattiv tal-Industrija tal-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE, minħabba l-interessi soċjali u ambjentali kbar involuti fir-rigward tal-politiki tal-enerġija; jiddispjaċih bis-saħħa li l-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi kompletament lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili minn dan il-Grupp, u tat lill-industriji tal-fjuwils fossili aċċess privileġġjat u mhux issorveljat għal dawk li jfasslu l-politika tal-UE filwaqt li żiedet l-influwenza tagħhom fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, u għaldaqstant imminat il-fiduċja taċ-ċittadini, l-iskrutinju pubbliku u t-trasparenza; ***huwa tal-fehma li l-pubbliku Ewropew għandu jiġi infurmat dwar il-profil tal-membri kollha tal-gruppi ta' esperti u dwar il-kontenut tad-deliberazzjonijiet tagħhom;***

Or. en

Emenda 103
Pál Szekeres, Virginie Joron, Sebastian Kruis, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. ***Jenfasizza*** l-importanza ***essenzjali*** tal-attivitajiet tal-Ombudsman biex tgħin fit-titjib tal-kompożizzjoni bilanċjata tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni***, b'mod partikolari l-Grupp Konsultattiv tal-Industrija tal-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE, minħabba l-interessi soċjali u ambjentali kbar involuti fir-rigward tal-politiki tal-enerġija***; ***jiddispjaċih bis-saħħa li l-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi kompletament lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili minn dan il-Grupp, u tat lill-industriji tal-fjuwils fossili aċċess privileġġjat u mhux issorveljat għal dawk li jfasslu l-politika tal-UE filwaqt li żiedet l-influwenza tagħhom fuq it-tehid ta' deċiżjonijiet tal-UE, u għaldaqstant imminat il-fiduċja taċ-ċittadini, l-iskrutinju pubbliku u t-trasparenza;***	9. ***Jisħaq fuq*** l-importanza ***kruċjali*** tal-attivitajiet tal-Ombudsman biex tgħin fit-titjib tal-kompożizzjoni bilanċjata tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni;

Or. en

Emenda 104
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza l-importanza essenzjali tal-attivitajiet tal-Ombudsman biex tgħin fit-titjib tal-kompożizzjoni bilanċjata tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni, b'mod partikolari l-Grupp Konsultattiv tal-Industrija tal-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE, minħabba l-interessi soċjali u ambjentali kbar involuti fir-rigward tal-politiki tal-enerġija; ***jiddispjaċih bis-saħħa***	9. Jenfasizza l-importanza essenzjali tal-attivitajiet tal-Ombudsman biex tgħin fit-titjib tal-kompożizzjoni bilanċjata tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni, b'mod partikolari l-Grupp Konsultattiv tal-Industrija tal-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE, minħabba l-interessi soċjali u ambjentali kbar involuti fir-rigward tal-politiki tal-enerġija;

li l-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi kompletament lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili minn dan il-Grupp, u tat lill-industriji tal-fjuwils fossili aċċess privileġġjat u mhux issorveljat għal dawk li jfasslu l-politika tal-UE filwaqt li żiedet l-influwenza tagħhom fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, u għaldaqstant imminat il-fiduċja taċ-ċittadini, l-iskrutinju pubbliku u t-trasparenza;

Or. en

Emenda 105
Gheorghe Falcă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza l-importanza essenzjali tal-attivitajiet tal-Ombudsman biex tgħin fit-titjib tal-kompożizzjoni bilanċjata tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni, b'mod partikolari l-Grupp Konsultattiv tal-Industrija tal-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE, minħabba l-interessi soċjali u ambjentali kbar involuti fir-rigward tal-politiki tal-enerġija; ***jiddispjaċih bis-saħħa li l-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi kompletament lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili minn dan il-Grupp, u tat lill-industriji tal-fjuwils fossili aċċess privileġġjat u mhux issorveljat għal dawk li jfasslu l-politika tal-UE filwaqt li żiedet l-influwenza tagħhom fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, u għaldaqstant imminat il-fiduċja taċ-ċittadini, l-iskrutinju pubbliku u t-trasparenza;***	9. Jenfasizza l-importanza essenzjali tal-attivitajiet tal-Ombudsman biex tgħin fit-titjib tal-kompożizzjoni bilanċjata tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni, b'mod partikolari l-Grupp Konsultattiv tal-Industrija tal-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE, minħabba l-interessi soċjali u ambjentali kbar involuti fir-rigward tal-politiki tal-enerġija;

Or. en

Emenda 106
Eugen Tomac, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza l-importanza ***essenzjali*** tal-attivitajiet tal-Ombudsman biex tgħin fit-titjib tal-kompożizzjoni bilanċjata tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni, b'mod partikolari l-Grupp Konsultattiv tal-Industrija tal-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE, minħabba l-interessi soċjali u ambjentali kbar involuti fir-rigward tal-politiki tal-enerġija; jiddispjaċih bis-saħħa li l-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi kompletament lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili minn dan il-Grupp, u ***tat lill-industriji*** tal-fjuwils fossili aċċess privileġġjat u mhux issorveljat għal dawk li jfasslu l-politika tal-UE filwaqt li ***żiedet*** l-influwenza tagħhom fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, u għaldaqstant ***imminat il-fiduċja*** taċ-ċittadini, l-iskrutinju pubbliku u t-trasparenza;	9. Jenfasizza l-importanza tal-attivitajiet tal-Ombudsman biex tgħin fit-titjib tal-kompożizzjoni bilanċjata tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni, b'mod partikolari l-Grupp Konsultattiv tal-Industrija tal-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE, minħabba l-interessi soċjali u ambjentali kbar involuti fir-rigward tal-politiki tal-enerġija; jiddispjaċih bis-saħħa li l-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi kompletament lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili minn dan il-Grupp, u ***dan iżid ir-riskju li l-industriji*** tal-fjuwils fossili ***jingħataw*** aċċess privileġġjat u mhux issorveljat għal dawk li jfasslu l-politika tal-UE filwaqt li ***tiżdied*** l-influwenza tagħhom fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, u għaldaqstant ***jiġu mminati l-fiduċja*** taċ-ċittadini, l-iskrutinju pubbliku u t-trasparenza;

Or. en

Emenda 107
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jenfasizza li r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tat-tibdil fil-klima, f'rapport ġdid ta' Mejju 2025 lill-Assemblea Ġenerali tan-NU, appella għal projbizzjoni totali fuq il-lobbjar, ir-reklamar u l-isponsorjar mill-industrija tal-fjuwils fossili, u għall-pubbliku biex ikun adegwatament informat dwar il-kontribut intenzjonat tal-industrija tal-fjuwils fossili għall-kriżi planetarja u dwar l-impatti tad-drittijiet	***imħassar***

tal-bniedem tal-azzjonijiet tagħhom għal deċennji;

Or. fr

Emenda 108
Gheorghe Falcă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jenfasizza li r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tat-tibdil fil-klima, f'rapport ġdid ta' Mejju 2025 lill-Assemblea Ġenerali tan-NU, appella għal projbizzjoni totali fuq il-lobbjar, ir-reklamar u l-isponsorjar mill-industrija tal-fjuwils fossili, u għall-pubbliku biex ikun adegwatament informat dwar il-kontribut intenzjonat tal-industrija tal-fjuwils fossili għall-kriżi planetarja u dwar l-impatti tad-drittijiet tal-bniedem tal-azzjonijiet tagħhom għal deċennji;	***imħassar***

Or. en

Emenda 109
Kosma Złotowski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jenfasizza li r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tat-tibdil fil-klima, f'rapport ġdid ta' Mejju 2025 lill-Assemblea Ġenerali tan-NU, appella għal projbizzjoni totali fuq il-lobbjar, ir-reklamar u l-isponsorjar mill-industrija tal-fjuwils fossili, u għall-	***imħassar***

pubbliku biex ikun adegwatament informat dwar il-kontribut intenzjonat tal-industrija tal-fjuwils fossili għall-kriżi planetarja u dwar l-impatti tad-drittijiet tal-bniedem tal-azzjonijiet tagħhom għal deċennji;

Or. en

Emenda 110
Eugen Tomac, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jenfasizza li r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tat-tibdil fil-klima, f'rapport ġdid ta' Mejju 2025 lill-Assemblea Ġenerali tan-NU, appella għal projbizzjoni totali fuq il-lobbjar, ir-reklamar u l-isponsorjar mill-industrija tal-fjuwils fossili, u għall-pubbliku biex ikun adegwatament informat dwar il-kontribut intenzjonat tal-industrija tal-fjuwils fossili għall-kriżi planetarja u dwar l-impatti tad-drittijiet tal-bniedem tal-azzjonijiet tagħhom għal deċennji;	***imħassar***

Or. en

Emenda 111
Pál Szekeres, Virginie Joron, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jenfasizza li r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-	***imħassar***

kuntest tat-tibdil fil-klima, f'rapport ġdid ta' Mejju 2025 lill-Assemblea Ġenerali tan-NU, appella għal projbizzjoni totali fuq il-lobbjar, ir-reklamar u l-isponsorjar mill-industrija tal-fjuwils fossili, u għall-pubbliku biex ikun adegwatament informat dwar il-kontribut intenzjonat tal-industrija tal-fjuwils fossili għall-kriżi planetarja u dwar l-impatti tad-drittijiet tal-bniedem tal-azzjonijiet tagħhom għal deċennji;

Or. en

Emenda 112
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jenfasizza li r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tat-tibdil fil-klima, f'rapport ġdid ta' Mejju 2025 lill-Assemblea Ġenerali tan-NU***, appella għal projbizzjoni totali fuq il-lobbjar, ir-reklamar u l-isponsorjar mill-industrija tal-fjuwils fossili, u għall-pubbliku biex ikun adegwatament informat dwar il-kontribut intenzjonat*** tal-industrija tal-fjuwils fossili ***għall-kriżi planetarja u dwar l-impatti tad-drittijiet tal-bniedem tal-azzjonijiet tagħhom għal deċennji***;	10. Jenfasizza li r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tat-tibdil fil-klima, f'rapport ġdid ta' Mejju 2025 lill-Assemblea Ġenerali tan-NU ***ssottolinja l-ħtieġa għal aktar trasparenza fir-rigward tal-attivitajiet*** tal-industrija tal-fjuwils fossili;

Or. en

Emenda 113
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jappoġġja s-suġġerimenti għal titjib tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB) mill-Ombudsman; iqis li huwa essenzjali għall-membri tal-RSB li jivvalutaw kemm ir-riskju attwali tal-influwenza indebita u l-perċezzjoni pubblika tal-indipendenza tagħhom meta jagħżlu l-attivitajiet tagħhom biex jintlaħqu n-nies, u jevitaw li jkollhom laqgħat mar-rappreżentanti b'interess individwali; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-kompożizzjoni tal-RSB tirrifletti kompletament id-diversità tal-għarfien espert speċifikat fil-komunikazzjoni relatata tagħha, jiġifieri t-tliet pilastri tal-iżvilupp sostenibbli, jew fi kliem ieħor il-makro- u l-mikroekonomija, il-politika soċjali u l-politika ambjentali, u tiddeskrivi b'mod ċar il-kriterji li tapplika meta tagħżel il-membri tal-RSB, minħabba r-rwol ewlieni li kellu l-RSB u l-influwenza sinifikanti tal-opinjonijiet tiegħu fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-qasam tat-tfassil tal-liġijiet tal-UE;	***imħassar***

Or. en

Emenda 114
Pál Szekeres, Virginie Joron, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jappoġġja s-suġġerimenti għal titjib tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB) mill-Ombudsman; iqis li huwa essenzjali għall-membri tal-RSB li jivvalutaw kemm ir-riskju attwali tal-influwenza indebita u l-perċezzjoni pubblika tal-indipendenza tagħhom meta jagħżlu l-attivitajiet tagħhom biex jintlaħqu n-nies, u jevitaw li jkollhom	***imħassar***

laqgħat mar-rappreżentanti b'interess individwali; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-kompożizzjoni tal-RSB tirrifletti kompletament id-diversità tal-għarfien espert speċifikat fil-komunikazzjoni relatata tagħha, jiġifieri t-tliet pilastri tal-iżvilupp sostenibbli, jew fi kliem ieħor il-makro- u l-mikroekonomija, il-politika soċjali u l-politika ambjentali, u tiddeskrivi b'mod ċar il-kriterji li tapplika meta tagħżel il-membri tal-RSB, minħabba r-rwol ewlieni li kellu l-RSB u l-influwenza sinifikanti tal-opinjonijiet tiegħu fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-qasam tat-tfassil tal-liġijiet tal-UE;

Or. en

Emenda 115
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Jappoġġja*** s-suġġerimenti għal titjib tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB) mill-Ombudsman***; iqis li huwa essenzjali għall-membri tal-RSB li jivvalutaw kemm ir-riskju attwali tal-influwenza indebita u l-perċezzjoni pubblika tal-indipendenza tagħhom meta jagħżlu l-attivitajiet tagħhom biex jintlaħqu n-nies, u jevitaw li jkollhom laqgħat mar-rappreżentanti b'interess individwali***; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-kompożizzjoni tal-RSB tirrifletti kompletament id-diversità tal-għarfien espert speċifikat fil-komunikazzjoni relatata tagħha***, jiġifieri t-tliet pilastri tal-iżvilupp sostenibbli, jew fi kliem ieħor il-makro- u l-mikroekonomija, il-politika soċjali u l-politika ambjentali, u tiddeskrivi b'mod ċar il-kriterji li tapplika meta tagħżel il-membri tal-RSB, minħabba r-rwol ewlieni***	11. ***Jinnota*** s-suġġerimenti għal titjib tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB) mill-Ombudsman; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-kompożizzjoni tal-RSB tirrifletti kompletament id-diversità tal-għarfien espert speċifikat fil-komunikazzjoni relatata tagħha;

li kellu l-RSB u l-influwenza sinifikanti tal-opinjonijiet tiegħu fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-qasam tat-tfassil tal-liġijiet tal-UE;

Or. fr

Emenda 116
Kosma Złotowski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Ifaħħar l-investigazzjonijiet*** tal-Ombudsman ***dwar kif il-Kummissjoni ppreparat proposta*** biex temenda ***leġiżlazzjoni relatata mal-politika*** agrikola komuni; ***jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni***, fil-waqt tal-preparazzjoni ***tal-proposta kkonċernata, ma wettqietx valutazzjoni tal-impatt, għażlet li ma tikkonsultax l-organizzazzjonijiet ambjentali u naqset milli tikkonsulta sew il-pubbliku ġenerali; jiddispjaċih bis-saħħa li d-deċiżjoni*** tal-Kummissjoni li ***ddgħajjef ir-rekwiżiti*** ambjentali tal-PAK ***mingħajr ma teżamina b'mod komprensiv l-evidenza disponibbli biex tiżgura*** li r-regoli ***ġodda ma jimminawx l-għanijiet ambjentali u klimatiċi tal-UE u s-sostenibbiltà tal-agrikoltura tal-UE fuq terminu twil, u għalhekk kisret il-prinċipju tat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza, kif stipulat fil-Linji Gwida tagħha dwar Tfassil aħjar tal-liġijiet u s-Sett ta' għodod, kif ukoll fil-każistika***;	12. ***Ma jaqbilx mat-tħassib*** tal-Ombudsman***, li fforma l-bażi għall-investigazzjonijiet imwettqa kontra l-Kummissjoni dwar il-mod li bih ippreparat il-proposta tagħha*** biex temenda ***r-regoli li jirregolaw il-politika*** agrikola komuni; ***jinnota b'sodisfazzjon li***, fil-waqt tal-preparazzjoni ***ta' din il-proposta, il-Kummissjoni kkonsultat lill-organizzazzjonijiet agrikoli u qieset il-fehmiet tagħhom; jesprimi l-appoġġ shiħ tiegħu għad-deċiżjoni*** tal-Kummissjoni li ***tirrilassa r-rekwiżiti*** ambjentali tal-PAK ***u jittama*** li r-regoli ***l-ġodda jwasslu għal reviżjoni tal-objettivi fit-tul xejn realistiċi tal-UE dwar il-klima u l-politika agrikola***;

Or. en

Emenda 117
Pál Szekeres, Virginie Joron, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Ifaħħar l-investigazzjonijiet tal-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni ppreparat proposta biex temenda leġiżlazzjoni relatata ***mal-politika*** agrikola komuni; jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni, fil-waqt tal-preparazzjoni tal-proposta ***kkonċernata, ma wettqietx*** valutazzjoni tal-impatt***, għażlet li ma tikkonsultax l-organizzazzjonijiet ambjentali*** u naqset milli tikkonsulta sew il-pubbliku ġenerali; jiddispjaċih bis-saħħa ***li d-deċiżjoni*** tal-Kummissjoni li ddgħajjef ***ir-rekwiżiti ambjentali tal-PAK mingħajr ma teżamina b'mod komprensiv l-evidenza disponibbli biex tiżgura li r-regoli ġodda ma jimminawx l-għanijiet ambjentali u klimatiċi tal-UE u s-sostenibbiltà tal-agrikoltura*** tal-UE fuq terminu twil***, u għalhekk kisret il-prinċipju tat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza, kif stipulat fil-Linji Gwida tagħha dwar Tfassil aħjar tal-liġijiet u s-Sett ta' għodod, kif ukoll fil-każistika***;	12. Ifaħħar l-investigazzjonijiet tal-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni ppreparat proposta biex temenda leġiżlazzjoni relatata ***mal-Politika*** Agrikola Komuni; jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni, fil-waqt tal-preparazzjoni tal-proposta***, ma wettqitx*** valutazzjoni tal-impatt u naqset milli tikkonsulta sew il-pubbliku ġenerali; jiddispjaċih bis-saħħa ***dwar id-deċiżjoni*** tal-Kummissjoni li ddgħajjef ***l-allokazzjoni baġitarja tal-PAK, u jibża' li din tista' tagħmel ħsara lill-agrikoltura*** tal-UE fuq terminu twil***; ifakkar li l-agrikoltura hija pedament tal-Unjoni Ewropea u jisħaq li l-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi appoġġ shiħ (finanzjarju u mod ieħor) lill-bdiewa***;

Or. en

Emenda 118
Eugen Tomac, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Ifaħħar ***l-investigazzjonijiet*** tal-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni ppreparat proposta biex temenda leġiżlazzjoni relatata mal-politika agrikola komuni; ***jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni, fil-waqt tal-preparazzjoni tal-proposta kkonċernata, ma wettqietx*** valutazzjoni tal-impatt, ***għażlet li ma tikkonsultax l-organizzazzjonijiet ambjentali u naqset milli tikkonsulta sew il-pubbliku ġenerali;***	12. Ifaħħar ***l-investigazzjoni kontinwa*** tal-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni ppreparat proposta biex temenda leġiżlazzjoni relatata mal-politika agrikola komuni; ***ifakkar li ġie espress thassib dwar in-nuqqas ta'*** valutazzjoni tal-impatt, ***il-konsultazzjoni limitata tal-partijiet ikkonċernati, u l-implikazzjonijiet potenzjali għall-objettivi*** ambjentali u klimatiċi***; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu***

jiddispjaċih bis-saħħa li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ddgħajjef ir-rekwiżiti ambjentali tal-PAK mingħajr ma teżamina b'mod komprensiv l-evidenza disponibbli biex tiżgura li r-regoli ġodda ma jimminawx l-għanijiet ambjentali u klimatiċi ***tal-UE u s-sostenibbiltà tal-agrikoltura tal-UE fuq terminu twil, u għalhekk kisret il-prinċipju*** tat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza, kif ***stipulat*** fil-Linji Gwida ***tagħha dwar Tfassil aħjar tal-liġijiet u s-Sett*** ta' għodod***, kif ukoll fil-każistika***;

rispettati l-prinċipji tat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza, kif ***minquxa*** fil-Linji Gwida ***u fis-Sett*** ta' Għodod ***għal Regolamentazzjoni Aħjar, filwaqt li jistenna l-eżitu tal-inkjesta tal-Ombudsman***;

Or. en

Emenda 119
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Ifaħħar*** l-investigazzjonijiet tal-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni ppreparat proposta biex temenda leġiżlazzjoni relatata mal-politika agrikola komuni***; jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni, fil-waqt tal-preparazzjoni tal-proposta kkonċernata, ma wettqietx*** valutazzjoni tal-impatt***, għażlet li ma tikkonsultax l-organizzazzjonijiet ambjentali u naqset milli tikkonsulta sew il-pubbliku ġenerali***; ***jiddispjaċih bis-saħħa li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ddgħajjef ir-rekwiżiti ambjentali tal-PAK mingħajr ma teżamina b'mod komprensiv l-evidenza disponibbli biex tiżgura li r-regoli ġodda ma jimminawx l-għanijiet ambjentali u klimatiċi tal-UE u s-sostenibbiltà tal-agrikoltura tal-UE fuq terminu twil, u għalhekk kisret il-prinċipju tat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza, kif stipulat fil-Linji Gwida tagħha dwar Tfassil aħjar tal-liġijiet u s-Sett ta' għodod, kif ukoll fil-każistika;***	12. ***Jinnota*** l-investigazzjonijiet tal-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni ppreparat proposta biex temenda leġiżlazzjoni relatata mal-politika agrikola komuni ***mingħajr*** valutazzjoni tal-impatt;

Or. en

Emenda 120
Gheorghe Falcă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Ifaħħar l-investigazzjonijiet tal-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni ppreparat proposta biex temenda leġiżlazzjoni relatata mal-politika agrikola komuni; ***jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni, fil-waqt tal-preparazzjoni tal-proposta kkonċernata, ma wettqietx valutazzjoni tal-impatt, għażlet li ma tikkonsultax l-organizzazzjonijiet ambjentali u naqset milli tikkonsulta sew il-pubbliku ġenerali; jiddispjaċih bis-saħħa li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ddgħajjef ir-rekwiżiti ambjentali tal-PAK mingħajr ma teżamina b'mod komprensiv l-evidenza disponibbli biex tiżgura li r-regoli ġodda ma jimminawx l-għanijiet ambjentali u klimatiċi tal-UE u s-sostenibbiltà tal-agrikoltura tal-UE fuq terminu twil, u għalhekk kisret il-prinċipju tat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza, kif stipulat fil-Linji Gwida tagħha dwar Tfassil aħjar tal-liġijiet u s-Sett ta' għodod, kif ukoll fil-każistika;***	12. Ifaħħar l-investigazzjonijiet tal-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni ppreparat proposta biex temenda leġiżlazzjoni relatata mal-politika agrikola komuni;

Or. en

Emenda 121
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Ifaħħar*** l-investigazzjonijiet tal-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni	12. ***Jinnota*** l-investigazzjonijiet tal-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni

ppreparat proposta biex temenda leġiżlazzjoni relatata mal-politika agrikola komuni; jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni, fil-waqt tal-preparazzjoni tal-proposta kkonċernata, ma wettqietx valutazzjoni tal-impatt, għażlet li ma tikkonsultax l-organizzazzjonijiet ambjentali u naqset milli tikkonsulta sew il-pubbliku ġenerali***; jiddispjaċih bis-saħħa li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ddgħajjef ir-rekwiżiti ambjentali tal-PAK mingħajr ma teżamina b'mod komprensiv l-evidenza disponibbli biex tiżgura li r-regoli ġodda ma jimminawx l-għanijiet ambjentali u klimatiċi tal-UE u s-sostenibbiltà tal-agrikoltura tal-UE fuq terminu twil, u għalhekk kisret il-prinċipju tat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza, kif stipulat fil-Linji Gwida tagħha dwar Tfassil aħjar tal-liġijiet u s-Sett ta' għodod, kif ukoll fil-każistika***;	ppreparat proposta biex temenda leġiżlazzjoni relatata mal-politika agrikola komuni; jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni, fil-waqt tal-preparazzjoni tal-proposta kkonċernata, ma wettqietx valutazzjoni tal-impatt, għażlet li ma tikkonsultax l-organizzazzjonijiet ambjentali u naqset milli tikkonsulta sew il-pubbliku ġenerali***, b'mod partikolari l-bdiewa***;
	Or. fr

Emenda 122
Gheorghe Falcă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jappoġġja t-talba tal-Ombudsman lill-Kummissjoni biex tadotta kodiċi ta' kondotta volontarju għal sistemi tal-IA li ma għandhomx riskju kbir biex jiġi żgurat allinjament mal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba; jisħaq fuq l-importanza li jiġi pprovdut taħriġ adegwat lill-uffiċjali pubbliċi responsabbli għas-sorveljanza umana tal-IA, biex jivvalutaw ir-riskji kif xieraq u jivverifikaw ir-riżultati ġġenerati mill-IA; iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid it-trasparenza billi tikkomunika b'mod ċar l-informazzjoni dwar proġetti futuri tal-IA u torganizza konsultazzjonijiet pubbliċi dwar l-iżvilupp

ta' għodod ġodda tal-IA;

Or. en

Emenda 123
Pál Szekeres, Virginie Joron, Sebastian Kruis, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jesprimi l-apprezzament tiegħu għall-ħidma eċċellenti tal-Ombudsman biex tħeġġeġ lill-Kummissjoni tiggarantixxi l-inklużjoni sħiħa u sinifikattiva tal-partijiet soċjali u ambjentali kkonċernati kollha fil-proċess tat-teħid ta'deċiżjonijiet, u biex tgħin li jiġi evitat proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jiġi indebitament influwenzat mill-industrija;	***imħassar***

Or. en

Emenda 124
Kosma Złotowski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jesprimi l-apprezzament tiegħu għall-ħidma eċċellenti tal-Ombudsman biex tħeġġeġ lill-Kummissjoni tiggarantixxi l-inklużjoni sħiħa u sinifikattiva tal-partijiet ***soċjali u ambjentali*** kkonċernati kollha fil-proċess tat-teħid ta'deċiżjonijiet, u biex tgħin li jiġi evitat proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jiġi indebitament influwenzat ***mill-industrija***;	13. Jesprimi l-apprezzament tiegħu għall-ħidma eċċellenti tal-Ombudsman biex tħeġġeġ lill-Kummissjoni tiggarantixxi l-inklużjoni sħiħa u sinifikattiva tal-partijiet kkonċernati kollha fil-proċess tat-teħid ta'deċiżjonijiet, u biex tgħin li jiġi evitat proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jiġi indebitament influwenzat ***mill-NGOs ambjentali fl-industrija***; ***Jitlob lill-Ombudsman tkompli l-ħidma tagħha f'dan il-qasam u tiżgura li l-konsultazzjonijiet ma jiffavorixxux***

b'mod sproporzjonat lill-NGOs kbar, iffinanzjati tajjeb, b'mod partikolari dawk ambjentali, fuq negozji żgħar, bdiewa, jew ċittadini individwali;

Or. en

Emenda 125
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jesprimi l-apprezzament tiegħu għall-ħidma ***eċċellenti*** tal-Ombudsman biex tħeġġeġ lill-Kummissjoni tiggarantixxi ***l-inklużjoni sħiħa u sinifikattiva*** tal-partijiet soċjali u ambjentali ***kkonċernati*** kollha fil-proċess tat-teħid ***ta'deċiżjonijiet, u biex tgħin li jiġi evitat proċess tat-teħid*** ta' deċiżjonijiet ***li jiġi indebitament influwenzat mill-industrija***;	13. Jesprimi l-apprezzament tiegħu għall-ħidma tal-Ombudsman biex tħeġġeġ lill-Kummissjoni tiggarantixxi ***l-parteċipazzjoni*** tal-partijiet ***ikkonċernati*** soċjali u ambjentali kollha fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet ***tagħha***;

Or. fr

Emenda 126
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jesprimi l-apprezzament tiegħu għall-ħidma eċċellenti tal-Ombudsman biex tħeġġeġ lill-Kummissjoni tiggarantixxi l-inklużjoni ***sħiħa u sinifikattiva*** tal-partijiet ***soċjali u ambjentali kkonċernati kollha*** fil-proċess tat-teħid ta'deċiżjonijiet, u biex tgħin li jiġi evitat proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jiġi indebitament influwenzat mill-industrija;	13. Jesprimi l-apprezzament tiegħu għall-ħidma eċċellenti tal-Ombudsman biex tħeġġeġ lill-Kummissjoni tiggarantixxi l-inklużjoni tal-partijiet ***ikkonċernati*** fil-proċess tat-teħid ta'deċiżjonijiet, u biex tgħin li jiġi evitat proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jiġi indebitament influwenzat mill-industrija;

Or. en

Emenda 127
Eugen Tomac, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jesprimi l-apprezzament tiegħu għall-ħidma eċċellenti tal-Ombudsman biex tħeġġeġ lill-Kummissjoni tiggarantixxi l-inklużjoni ***sħiħa u*** sinifikattiva tal-partijiet soċjali u ambjentali kkonċernati ***kollha*** fil-proċess tat-teħid ta'deċiżjonijiet, u biex tgħin li jiġi evitat proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jiġi ***indebitament*** influwenzat mill-industrija;	13. Jesprimi l-apprezzament tiegħu għall-ħidma eċċellenti tal-Ombudsman biex tħeġġeġ lill-Kummissjoni tiggarantixxi l-inklużjoni sinifikattiva tal-partijiet soċjali u ambjentali kkonċernati fil-proċess tat-teħid ta'deċiżjonijiet, u biex tgħin li jiġi evitat proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jiġi ***sproporzjonatament*** influwenzat mill-industrija;

Or. en

Emenda 128
Kosma Złotowski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jinsab imħasseb li l-Kummissjoni Ewropea ffinanzjat NGOs ambjentali permezz tal-programm LIFE biex iwettqu attivitajiet ta' lobbying diretti lejn il-Membri tal-Parlament Ewropew u persuni oħra li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-UE favur il-Patt Ekoloġiku, li jimmina l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali u jirriżulta f'sitwazzjoni fejn il-fondi tal-UE, u b'hekk il-flus tal-kontribwenti, jintużaw għal-lobbjar fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Unjoni stess; jemmen li l-Ombudsman għandha tikkoopera mal-Grupp ta' Ħidma ta' Skrutinju tal-Kumitat CONT (SWG), titlob divulgazzjoni akbar tas-sorsi

ta' finanzjament tal-NGOs, speċjalment meta dawn jinfluwenzaw il-politika tal-UE permezz ta' konsultazzjonijiet jew rwoli konsultattivi u fl-istess ħin tniedi l-investigazzjoni tagħha stess dwar il-kwistjoni;

Or. en

Emenda 129
Pál Szekeres, Virginie Joron, Sebastian Kruis, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Ombudsman teżamina l-prattika tal-Kummissjoni li tiffinanzja NGOs ambjentali li sussegwentement jillobbjaw lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni għal aktar politiki ekoloġiċi; jisħaq li prattiki bħal dawn jirriskjaw li joħolqu kunflitti ta' interess, jfixklu l-proċess demokratiku, u jimminaw il-leġittimità tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE;

Or. en

Emenda 130
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Iqis essenzjali li l-Kummissjoni timplimenta bis-sħiħ u b'mod konsistenti s-suġġerimenti tal-Ombudsman biex jittejjeb l-indirizzar ta' kunflitti ta' interess potenzjali li jinvolvu l-Kummissarji tagħha, jiġifieri biex tiżgura li kwalunkwe proċess tat-teħid ta'	***imħassar***

deċiżjonijiet ikun sorveljat direttament jew indirettament mill-Kummissarju/i kkonċernat/i jiġi sospiż sakemm deċiżjoni finali tittieħed rigward l-eżistenza ta' kunflitt ta' interess, u tinforma lid-dipartimenti rilevanti tal-allegazzjoni b'mod f'waqtu sabiex ikunu jistgħu jibdew rieżami jew jissospendu kwalunkwe proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet li għaddej mill-aktar fis possibbli;

Or. fr

Emenda 131
Pál Szekeres, Virginie Joron, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Ombudsman li tagħti aċċess pubbliku akbar għad-dokumenti relatati ***mat-tfassil*** tal-leġiżlazzjoni proposta għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, u b'hekk naqset milli tiżgura li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jivverifikaw li din aġixxiet b'mod indipendenti, u esklużivament fl-interess pubbliku;	Ombudsman li tagħti aċċess pubbliku akbar għad-dokumenti relatati ***mal-abbozzar*** tal-leġiżlazzjoni proposta għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, u b'hekk naqset milli tiżgura li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jivverifikaw li din aġixxiet b'mod indipendenti, u esklużivament fl-interess pubbliku; ***jissottolinja li l-protezzjoni tat-tfal mill-abbuż sesswali trid tkun il-prijorità ewlenija tal-Unjoni; jisħaq li din il-ġlieda trid timxi id f'id mal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura trasparenza sħiħa fit-thejjija tal-proposta leġiżlattiva u tinvolvi b'mod attiv lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, lill-esperti u lill-NGOs għall-protezzjoni tat-tfal fil-proċess; jistieden ukoll lill-Ombudsman timmonitorja mill-qrib is-segwitu għal dan il-fajl leġiżlattiv biex tiżgura li l-miżuri tal-UE jkunu kemm effettivi fil-protezzjoni tat-tfal kif ukoll konformi bis-sħiħ mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;***
	Or. en

Emenda 176
Eugen Tomac, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jikkritika r-rifjut tal-Kummissjoni li ssegwi r-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman li tagħti aċċess pubbliku akbar għad-dokumenti relatati mat-tfassil tal-leġiżlazzjoni proposta għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, u b'hekk naqset milli tiżgura li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jivverifikaw li din aġixxiet b'mod indipendenti, u esklużivament fl-interess pubbliku;	20. Jikkritika r-rifjut tal-Kummissjoni li ssegwi r-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman li tagħti aċċess pubbliku akbar għad-dokumenti relatati mat-tfassil tal-leġiżlazzjoni proposta għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, u b'hekk naqset milli tiżgura li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jivverifikaw li din aġixxiet b'mod indipendenti, u esklużivament fl-interess pubbliku; ***jissottolinja li t-trasparenza hija ta' importanza partikolari f'dan il-***

kuntest, peress li l-proposta tolqot direttament id-drittijiet fundamentali u l-ħajja privata taċ-ċittadini; jisħaq li n-nuqqas ta' trasparenza tal-Kummissjoni seta' kkontribwixxa għad-diżinformazzjoni u għall-istrumentalizzazzjoni ta' din il-kwistjoni sensittiva biex iqajjem biża' fost il-pubbliku u jsaħħaħ in-narrattivi anti-Ewropej;

Or. en

Emenda 177
Pál Szekeres, Virginie Joron, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Japprezza li wara d-deċiżjonijiet tal-Ombudsman, l-EPSO ddeċieda li jagħti lil erba' lmentaturi l-opportunità li jerġgħu jagħmlu t-testijiet. Minbarra l-każijiet li ngħalqu b'sejba ta' amministrazzjoni ħażina, l-EPSO solva wkoll żewġ każijiet oħra matul l-inkjesta tal-Ombudsman billi ddeċieda li jistieden lill-ilmentaturi jerġgħu jagħmlu t-testijiet. Bi tweġiba għal suġġeriment u kummenti mill-Ombudsman, l-EPSO qal li se jiżgura li jkun possibbli li tiġi rieżaminata b'mod retroattiv il-funzjonalità tal-għodod użati mill-kandidati matul it-testijiet u li fil-futur ikun possibbli li l-kandidati jiġu pprovduti awtomatikament b'kopja tat-tweġibiet tagħhom u t-tweġibiet korretti wara l-ittestjar;

Or. en

Emenda 178
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Japprezza d-deċiżjoni tal-Ombudsman li tiftaħ inkjesta dwar kif il-Kummissjoni wettqet ġbir ta' data mmirat dwar l-impatt tal-popolazzjoni tal-ilpup fl-UE; jiddispjaċih li l-Kummissjoni kkwotat rapport tal-Grupp ta' Speċjalisti tal-Inizjattiva tal-Karnivori Kbar għall-Ewropa biex tiġġustifika t-tnaqqis fl-istatus ta' protezzjoni legali tal-ilpup fl-UE, għalkemm qabel kienet użat l-istess rapport bħala l-bażi biex topponi proposta tal-istess tip, u minkejja l-fatt li ma ġewx reġistrati bidliet sinifikanti fil-popolazzjonijiet tal-ilpup; jinsab imħasseb ħafna li d-deċiżjoni li jitnaqqas l-istatus ta' protezzjoni tal-ilpup ma għandha l-ebda bażi xjentifika soda, sitwazzjoni aggravata mill-fatt li ma kien hemm l-ebda aċċess pubbliku għad-dokumenti rilevanti u li ma sarux biżżejjed sforzi biex jiġu implimentati miżuri preventivi adegwati, u dan imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Berna[4]; jibża' li din id-deċiżjoni ħolqot preċedent inkwetanti li jipperikola l-approċċ ġenerali fir-rigward tal-għanijiet tal-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-organiżmi selvaġġi u l-ħabitats naturali;	***imħassar***
[4] Il-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa u l-Ambjenti Naturali tal-Ewropa;	

Or. fr

Emenda 179
Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

21. Japprezza d-deċiżjoni tal-Ombudsman li tiftaħ inkjesta dwar kif il-Kummissjoni wettqet ġbir ta' data mmirat dwar l-impatt tal-popolazzjoni tal-ilpup fl-UE; jiddispjaċih li l-Kummissjoni kkwotat rapport tal-Grupp ta' Speċjalisti tal-Inizjattiva tal-Karnivori Kbar għall-Ewropa biex tiġġustifika t-tnaqqis fl-istatus ta' protezzjoni legali tal-ilpup fl-UE, għalkemm qabel kienet użat l-istess rapport bħala l-bażi biex topponi proposta tal-istess tip, u minkejja l-fatt li ma ġewx reġistrati bidliet sinifikanti fil-popolazzjonijiet tal-ilpup; jinsab imħasseb ħafna li d-deċiżjoni li jitnaqqas l-istatus ta' protezzjoni tal-ilpup ma għandha l-ebda bażi xjentifika soda, sitwazzjoni aggravata mill-fatt li ma kien hemm l-ebda aċċess pubbliku għad-dokumenti rilevanti u li ma sarux biżżejjed sforzi biex jiġu implimentati miżuri preventivi adegwati, u dan imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Berna[4]; jibża' li din id-deċiżjoni ħolqot preċedent inkwetanti li jipperikola l-approċċ ġenerali fir-rigward tal-għanijiet tal-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-organiżmi selvaġġi u l-ħabitats naturali;	***imħassar***

[4] Il-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa u l-Ambjenti Naturali tal-Ewropa;

Or. it

Emenda 180
Pál Szekeres, Georg Mayer, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Japprezza d-deċiżjoni tal-Ombudsman li tiftaħ inkjesta dwar kif il-Kummissjoni wettqet ġbir ta' data mmirat	***imħassar***

dwar l-impatt tal-popolazzjoni tal-ilpup fl-UE; jiddispjaċih li l-Kummissjoni kkwotat rapport tal-Grupp ta' Speċjalisti tal-Inizjattiva tal-Karnivori Kbar għall-Ewropa biex tiġġustifika t-tnaqqis fl-istatus ta' protezzjoni legali tal-ilpup fl-UE, għalkemm qabel kienet użat l-istess rapport bħala l-bażi biex topponi proposta tal-istess tip, u minkejja l-fatt li ma ġewx reġistrati bidliet sinifikanti fil-popolazzjonijiet tal-ilpup; jinsab imħasseb ħafna li d-deċiżjoni li jitnaqqas l-istatus ta' protezzjoni tal-ilpup ma għandha l-ebda bażi xjentifika soda, sitwazzjoni aggravata mill-fatt li ma kien hemm l-ebda aċċess pubbliku għad-dokumenti rilevanti u li ma sarux biżżejjed sforzi biex jiġu implimentati miżuri preventivi adegwati, u dan imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Berna[4]; jibża' li din id-deċiżjoni ħolqot preċedent inkwetanti li jipperikola l-approċċ ġenerali fir-rigward tal-għanijiet tal-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-organiżmi selvaġġi u l-ħabitats naturali;

[4] Il-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa u l-Ambjenti Naturali tal-Ewropa;

Or. en

Emenda 181
Eugen Tomac, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Japprezza d-deċiżjoni tal-Ombudsman li tiftaħ inkjesta dwar kif il-Kummissjoni wettqet ġbir ta' data mmirat dwar l-impatt tal-popolazzjoni tal-ilpup fl-UE; ***jiddispjaċih li l-Kummissjoni kkwotat rapport tal-Grupp ta' Speċjalisti tal-Inizjattiva tal-Karnivori Kbar għall-***	21. Japprezza d-deċiżjoni tal-Ombudsman li tiftaħ inkjesta ***fl-2024*** dwar kif il-Kummissjoni wettqet ġbir ta' data mmirat dwar l-impatt tal-popolazzjoni tal-ilpup fl-UE; ***jinnota, madankollu, li skont l-istatut tal-Ombudsman, l-inkjesta kellha tingħalaq minħabba każ pendenti mal-***

Ewropa biex tiġġustifika t-tnaqqis fl-istatus ta' protezzjoni legali tal-ilpup fl-UE, għalkemm qabel kienet użat l-istess ***rapport bħala l-bażi biex topponi proposta tal-istess tip, u minkejja l-fatt li ma ġewx reġistrati bidliet sinifikanti fil-popolazzjonijiet tal-ilpup***; ***jinsab imħasseb ħafna li d-deċiżjoni li jitnaqqas l-istatus ta' protezzjoni tal-ilpup ma għandha l-ebda bażi xjentifika soda, sitwazzjoni aggravata mill-fatt li ma kien hemm l-ebda aċċess pubbliku għad-dokumenti rilevanti u li ma sarux biżżejjed sforzi biex jiġu implimentati miżuri preventivi adegwati, u dan imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Berna[4]; jibża' li din id-deċiżjoni ħolqot preċedent inkwetanti li jipperikola l-approċċ ġenerali fir-rigward tal-għanijiet tal-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-organiżmi selvaġġi u l-ħabitats naturali;***

Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (T-634/24), fejn tqajmu l-istess ***kwistjonijiet***;

---

[4] Il-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa u l-Ambjenti Naturali tal-Ewropa;

Or. en

Emenda 182
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. ***Japprezza d-deċiżjoni*** tal-Ombudsman li tiftaħ inkjesta dwar kif il-Kummissjoni ***wettqet ġbir ta' data mmirat*** dwar l-impatt tal-popolazzjoni tal-ilpup fl-UE; ***jiddispjaċih li l-Kummissjoni kkwotat rapport tal-Grupp ta' Speċjalisti tal-Inizjattiva tal-Karnivori Kbar għall-Ewropa biex tiġġustifika t-tnaqqis fl-istatus*** ta' protezzjoni legali tal-ilpup ***fl-UE, għalkemm qabel kienet użat l-istess rapport bħala l-bażi biex topponi proposta***	21. ***Jieħu nota tad-deċiżjoni*** tal-Ombudsman li tiftaħ inkjesta dwar kif il-Kummissjoni ***tiġbor id-data*** dwar l-impatt tal-popolazzjoni tal-ilpup fl-UE; ***Jissottolinja l-importanza li kwalunkwe deċiżjoni rigward l-istatus*** ta' protezzjoni legali tal-ilpup ***tkun ibbażata fuq evidenza*** xjentifika ***u l-impatt fuq komunitajiet rurali***;

tal-istess tip, u minkejja l-fatt li ma ġewx reġistrati bidliet sinifikanti fil-popolazzjonijiet tal-ilpup; jinsab imħasseb ħafna li d-deċiżjoni li jitnaqqas l-istatus ta' protezzjoni tal-ilpup ma għandha l-ebda bażi xjentifika ***soda, sitwazzjoni aggravata mill-fatt li ma kien hemm l-ebda aċċess pubbliku għad-dokumenti rilevanti u li ma sarux biżżejjed sforzi biex jiġu implimentati miżuri preventivi adegwati, u dan imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Berna[4]; jibża' li din id-deċiżjoni ħolqot preċedent inkwetanti li jipperikola l-approċċ ġenerali fir-rigward tal-għanijiet tal-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-organiżmi selvaġġi u l-ħabitats naturali;***

---

[4] Il-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa u l-Ambjenti Naturali tal-Ewropa;

Or. en

Emenda 183
Gheorghe Falcă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Japprezza d-deċiżjoni tal-Ombudsman li tiftaħ inkjesta dwar kif il-Kummissjoni wettqet ġbir ta' data mmirat dwar l-impatt tal-popolazzjoni tal-ilpup fl-UE; ***jiddispjaċih li l-Kummissjoni kkwotat rapport tal-Grupp ta' Speċjalisti tal-Inizjattiva tal-Karnivori Kbar għall-Ewropa biex tiġġustifika t-tnaqqis fl-istatus ta' protezzjoni legali tal-ilpup fl-UE, għalkemm qabel kienet użat l-istess rapport bħala l-bażi biex topponi proposta tal-istess tip, u minkejja l-fatt li ma ġewx reġistrati bidliet sinifikanti fil-popolazzjonijiet tal-ilpup; jinsab imħasseb ħafna li d-deċiżjoni li jitnaqqas l-istatus***	21. Japprezza d-deċiżjoni tal-Ombudsman li tiftaħ inkjesta dwar kif il-Kummissjoni wettqet ġbir ta' data mmirat dwar l-impatt tal-popolazzjoni tal-ilpup fl-UE;

ta' protezzjoni tal-ilpup ma għandha l-ebda bażi xjentifika soda, sitwazzjoni aggravata mill-fatt li ma kien hemm l-ebda aċċess pubbliku għad-dokumenti rilevanti u li ma sarux biżżejjed sforzi biex jiġu implimentati miżuri preventivi adegwati, u dan imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Berna[4]; jibża' li din id-deċiżjoni ħolqot preċedent inkwetanti li jipperikola l-approċċ ġenerali fir-rigward tal-għanijiet tal-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-organiżmi selvaġġi u l-ħabitats naturali;

---

[4] Il-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa u l-Ambjenti Naturali tal-Ewropa;

Or. en

Emenda 184
Kosma Złotowski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. ***Japprezza d-deċiżjoni*** tal-Ombudsman li tiftaħ inkjesta dwar kif il-Kummissjoni wettqet ġbir ta' data mmirat dwar l-impatt tal-popolazzjoni tal-ilpup fl-UE; ***jiddispjaċih*** li l-Kummissjoni ***kkwotat*** rapport tal-Grupp ta' Speċjalisti tal-Inizjattiva tal-Karnivori Kbar għall-Ewropa biex tiġġustifika ***t-tnaqqis fl-istatus*** ta' protezzjoni legali tal-ilpup fl-UE, ***għalkemm qabel kienet użat l-istess*** rapport bħala ***l-bażi biex topponi proposta tal-istess tip, u minkejja l-fatt li ma ġewx reġistrati bidliet sinifikanti*** fil-popolazzjonijiet tal-ilpup; jinsab ***imħasseb ħafna*** li d-deċiżjoni li ***jitnaqqas*** l-istatus ***ta' protezzjoni*** tal-ilpup ***ma għandha l-ebda bażi xjentifika soda, sitwazzjoni aggravata mill-fatt li ma kien hemm l-ebda aċċess pubbliku għad-dokumenti***	21. ***Jieħu nota tad-deċiżjoni*** tal-Ombudsman li tiftaħ inkjesta dwar kif il-Kummissjoni wettqet ġbir ta' data mmirat dwar l-impatt tal-popolazzjoni tal-ilpup fl-UE; ***jilqa' l-fatt*** li l-Kummissjoni ***ċċitat*** rapport tal-Grupp ta' Speċjalisti tal-Inizjattiva tal-Karnivori Kbar għall-Ewropa biex tiġġustifika ***l-aġġustament tal-istatus*** ta' protezzjoni legali tal-ilpup fl-UE, ***b'mod konsistenti mal-użu preċedenti tagħha tal-istess*** rapport bħala ***bażi għal deċiżjonijiet ta' politika, u fid-dawl tal-bidliet kostanti osservati*** fil-popolazzjonijiet tal-ilpup; jinsab ***kunfidenti*** li d-deċiżjoni li ***jiġi rivedut*** l-istatus ***protett*** tal-ilpup ***hija bbażata fuq kunsiderazzjonijiet xjentifiċi sodi, imsaħħa mid-disponibbiltà ta' dokumenti*** rilevanti u ***minn*** sforzi biex jiġu

rilevanti u ***li ma sarux biżżejjed*** sforzi biex jiġu implimentati miżuri preventivi ***adegwati, u dan imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Berna[4]; jibża'*** li din id-deċiżjoni ***ħolqot*** preċedent ***inkwetanti li jipperikola l-approċċ ġenerali*** fir-rigward tal-għanijiet tal-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-organiżmi selvaġġi u l-ħabitats naturali;

implimentati miżuri preventivi ***effettivi; jemmen*** li din id-deċiżjoni ***stabbiliet*** preċedent ***pożittiv li jappoġġja approċċ ibbilanċjat*** fir-rigward tal-għanijiet tal-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-organiżmi selvaġġi u l-ħabitats naturali;

---

[4] Il-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa u l-Ambjenti Naturali tal-Ewropa;

Or. en

Emenda 185
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Japprezza d-deċiżjoni tal-Ombudsman li tiftaħ inkjesta dwar kif il-Kummissjoni wettqet ġbir ta' data mmirat dwar l-impatt tal-popolazzjoni tal-ilpup fl-UE; jiddispjaċih li l-Kummissjoni kkwotat rapport tal-Grupp ta' Speċjalisti tal-Inizjattiva tal-Karnivori Kbar għall-Ewropa biex tiġġustifika t-tnaqqis fl-istatus ta' protezzjoni legali tal-ilpup fl-UE, għalkemm qabel kienet użat l-istess rapport bħala l-bażi biex topponi proposta tal-istess tip, u minkejja ***l-fatt li ma ġewx reġistrati bidliet sinifikanti*** fil-popolazzjonijiet tal-ilpup; jinsab imħasseb ħafna li d-deċiżjoni li jitnaqqas l-istatus ta' protezzjoni tal-ilpup ma għandha l-ebda bażi xjentifika soda, sitwazzjoni aggravata mill-fatt li ma kien hemm l-ebda aċċess pubbliku għad-dokumenti rilevanti u li ma sarux biżżejjed sforzi biex jiġu implimentati miżuri preventivi adegwati, u dan imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' ***Berna***[4]; jibża' li din id-deċiżjoni ħolqot	21. Japprezza d-deċiżjoni tal-Ombudsman li tiftaħ inkjesta dwar kif il-Kummissjoni wettqet ġbir ta' data mmirat dwar l-impatt tal-popolazzjoni tal-ilpup fl-UE; jiddispjaċih li l-Kummissjoni kkwotat rapport tal-Grupp ta' Speċjalisti tal-Inizjattiva tal-Karnivori Kbar għall-Ewropa biex tiġġustifika t-tnaqqis fl-istatus ta' protezzjoni legali tal-ilpup fl-UE, għalkemm qabel kienet użat l-istess rapport bħala l-bażi biex topponi proposta tal-istess tip, u minkejja ***sinjali ta' tnaqqis*** fil-popolazzjonijiet ***irreġistrati*** tal-ilpup ***fl-2024 meta mqabbla mal-2023***; jinsab imħasseb ħafna li d-deċiżjoni li jitnaqqas l-istatus ta' protezzjoni tal-ilpup ma għandha l-ebda bażi xjentifika soda, sitwazzjoni aggravata mill-fatt li ma kien hemm l-ebda aċċess pubbliku għad-dokumenti rilevanti u li ma sarux biżżejjed sforzi biex jiġu implimentati miżuri preventivi adegwati, u dan imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' ***Bern***[4]; jibża' li din id-

preċedent inkwetanti li jipperikola l-approċċ ġenerali fir-rigward tal-għanijiet tal-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-organiżmi selvaġġi u l-ħabitats naturali;	deċiżjoni ħolqot preċedent inkwetanti li jipperikola l-approċċ ġenerali fir-rigward tal-għanijiet tal-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-organiżmi selvaġġi u l-ħabitats naturali;
[4] Il-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa u l-Ambjenti Naturali tal-Ewropa;	[4] Il-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa u l-Ambjenti Naturali tal-Ewropa;

Or. el

Emenda 186
Pál Szekeres, Georg Mayer, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jilqa' d-deċiżjoni li jitnaqqas l-istatus ta' protezzjoni legali tal-ilpup fl-UE, peress li dan fl-aħħar jikkunsidra t-tħassib li ilu jeżisti tal-komunitajiet rurali u tal-bdiewa, li kien ġie injorat għal snin sħaħ; jikkundanna l-approċċ kontradittorju tal-Kummissjoni fl-invokazzjoni ta' rapport tal-Grupp ta' Speċjalisti tal-Inizjattiva tal-Karnivori Kbar għall-Ewropa biex jiġġustifika din id-deċiżjoni, għalkemm qabel kienet użat l-istess sors biex tirrifjuta proposta identika, u minkejja l-fatt li ma ġiet irreġistrata l-ebda bidla sinifikanti fid-data dwar il-popolazzjoni tal-ilpup; jiddenunzja n-nuqqas ta' trasparenza, ir-rifjut li jingħata aċċess pubbliku għad-dokumenti rilevanti, u n-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' miżuri preventivi sinifikanti, li jiżvelaw prattika ta' governanza xprunata aktar minn konvenjenza politika u esperjenza personali milli minn konsistenza xjentifika; iwissi li tali trattament arbitrarju ta' kwistjonijiet ta' konservazzjoni jimmina l-fiduċja fl-istituzzjonijiet tal-UE u jistabbilixxi

preċedent perikoluż għall-ġestjoni tal-organiżmi selvaġġi u tal-ħabitats, anke jekk f'dan il-każ speċifiku l-eżitu finali jkun xieraq;

Or. en

Emenda 187
Kosma Złotowski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jilqa' s-sensiela ta' proposti li l-Ombudsman għamlet lill-Kummissjoni dwar it-titjib tat-trasparenza fil-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti, li jservi bħala forum għall-koordinazzjoni tal-approċċi u l-approfondiment tar-relazzjonijiet kummerċjali, ekonomiċi u teknoloġiċi; jemmen li r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman jeħtiġilhom jiġu implimentati malajr u jkunu ***marbuta ma'*** rekwiżiti addizzjonali legalment vinkolanti biex jinżammu l-ogħla standards ta' trasparenza u responsabbiltà, speċjalment fid-dawl tal-ftehim politiku reċenti tal-Kummissjoni***, u li hu ta' ħsara serja,*** biex tkompli ***tiżdied id-dipendenza tal-UE fuq l-Istati*** Uniti f'diversi setturi kritiċi, ***inkluż id-difiża***, l-IA u l-fjuwils fossili, flimkien ma' impenji biex ***jiddgħajfu*** r-regolamenti tal-UE dwar l-enerġija, li ***huwa ta' detriment għall-Patt Ekoloġiku*** tal-UE u joħloq ***żbilanċi żvantaġġużi*** għas-setturi tal-ikel u tal-agrikoltura fl-UE;	22. Jilqa' s-sensiela ta' proposti li l-Ombudsman għamlet lill-Kummissjoni dwar it-titjib tat-trasparenza fil-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti, li jservi bħala forum għall-koordinazzjoni tal-approċċi u l-approfondiment tar-relazzjonijiet kummerċjali, ekonomiċi u teknoloġiċi; jemmen li r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman jeħtiġilhom jiġu implimentati malajr u jkunu ***akkumpanjati minn*** rekwiżiti addizzjonali legalment vinkolanti biex jinżammu l-ogħla standards ta' trasparenza u responsabbiltà, speċjalment fid-dawl tal-ftehim politiku reċenti ***ta' benefiċċju strateġiku*** tal-Kummissjoni biex tkompli ***tissaħħaħ il-kooperazzjoni tal-UE mal-Istati*** Uniti f'diversi setturi kritiċi, ***inklużi d-difiża***, l-IA u l-fjuwils fossili, flimkien ma' impenji biex ***jiġu bbilanċjati*** r-regolamenti tal-UE dwar l-enerġija, li ***jtejjeb il-politika industrijali*** tal-UE u joħloq ***opportunitajiet vantaġġużi*** għas-setturi tal-ikel u tal-agrikoltura fl-UE;

Or. en

Emenda 188
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. ***Jilqa'*** s-sensiela ta' proposti li l-Ombudsman għamlet lill-Kummissjoni dwar it-titjib tat-trasparenza fil-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti, li jservi bħala forum għall-koordinazzjoni tal-approċċi u l-approfondiment tar-relazzjonijiet kummerċjali, ekonomiċi u teknoloġiċi; ***jemmen li r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman jeħtiġilhom jiġu implimentati malajr u jkunu marbuta ma' rekwiżiti addizzjonali legalment vinkolanti biex jinżammu l-ogħla standards ta' trasparenza u responsabbiltà, speċjalment fid-dawl tal-ftehim*** politiku ***reċenti tal-Kummissjoni, u li hu ta' ħsara serja, biex tkompli tiżdied*** id-dipendenza tal-UE fuq l-Istati Uniti ***f'diversi*** setturi ***kritiċi, inkluż id-difiża, l-IA u l-ffuwils fossili, flimkien ma' impenji biex jiddgħajfu r-regolamenti tal-UE dwar l-enerġija, li huwa ta' detriment għall-Patt Ekoloġiku tal-UE u joħloq żbilanċi żvantaġġużi għas-setturi tal-ikel u tal-agrikoltura fl-UE***;	22. ***Jinnota*** s-sensiela ta' proposti li l-Ombudsman għamlet lill-Kummissjoni dwar it-titjib tat-trasparenza fil-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti, li jservi bħala forum għall-koordinazzjoni tal-approċċi u l-approfondiment tar-relazzjonijiet kummerċjali, ekonomiċi u teknoloġiċi; ***jesprimi tħassib dwar il-ftehim*** politiku ***konkluż mill-Kummissjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti, li se jżid*** id-dipendenza tal-UE fuq l-Istati Uniti ***f'għadd ta'*** setturi ***strateġiċi***;

Or. fr

Emenda 189
Pál Szekeres, Virginie Joron, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. ***Jilqa' s-sensiela ta' proposti*** li l-Ombudsman għamlet lill-Kummissjoni dwar it-titjib tat-trasparenza fil-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti, li jservi bħala forum għall-koordinazzjoni tal-approċċi u l-approfondiment tar-relazzjonijiet kummerċjali, ekonomiċi u teknoloġiċi;	22. ***Jieħu nota tal-proposti*** li l-Ombudsman għamlet lill-Kummissjoni dwar it-titjib tat-trasparenza fil-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti, li jservi bħala forum għall-koordinazzjoni tal-approċċi u l-approfondiment tar-relazzjonijiet kummerċjali, ekonomiċi***,*** u teknoloġiċi;

jemmen li r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman jeħtiġilhom jiġu implimentati malajr u jkunu marbuta ma' rekwiżiti addizzjonali legalment vinkolanti biex jinżammu l-ogħla standards ta' trasparenza u responsabbiltà, speċjalment fid-dawl tal-ftehim politiku reċenti tal-Kummissjoni, u li hu ta' ħsara serja, biex tkompli tiżdied id-dipendenza tal-UE fuq l-Istati Uniti f'diversi setturi kritiċi, inkluż id-difiża, l-IA u l-ffuwils fossili, flimkien ma' impenji biex jiddgħajfu r-regolamenti tal-UE dwar l-enerġija, li huwa ta' detriment għall-Patt Ekoloġiku tal-UE u joħloq żbilanċi żvantaġġużi għas-setturi tal-ikel u tal-agrikoltura fl-UE;

Or. en

Emenda 190
Gheorghe Falcă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jilqa' s-sensiela ta' proposti li l-Ombudsman għamlet lill-Kummissjoni dwar it-titjib tat-trasparenza fil-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti, li jservi bħala forum għall-koordinazzjoni tal-approċċi u l-approfondiment tar-relazzjonijiet kummerċjali, ekonomiċi u teknoloġiċi; ***jemmen li r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman jeħtiġilhom jiġu implimentati malajr u jkunu marbuta ma' rekwiżiti addizzjonali legalment vinkolanti biex jinżammu l-ogħla standards ta' trasparenza u responsabbiltà, speċjalment fid-dawl tal-ftehim politiku reċenti tal-Kummissjoni, u li hu ta' ħsara serja, biex tkompli tiżdied id-dipendenza tal-UE fuq l-Istati Uniti f'diversi setturi kritiċi, inkluż id-difiża, l-IA u l-ffuwils fossili, flimkien ma' impenji biex jiddgħajfu r-regolamenti tal-UE dwar l-enerġija, li huwa ta'***	22. Jilqa' s-sensiela ta' proposti li l-Ombudsman għamlet lill-Kummissjoni dwar it-titjib tat-trasparenza fil-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti, li jservi bħala forum għall-koordinazzjoni tal-approċċi u l-approfondiment tar-relazzjonijiet kummerċjali, ekonomiċi u teknoloġiċi;

detriment għall-Patt Ekoloġiku tal-UE u joħloq żbilanċi żvantaġġużi għas-setturi tal-ikel u tal-agrikoltura fl-UE;

Or. en

Emenda 191
Elena Nevado del Campo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jilqa' s-sensiela ta' proposti li l-Ombudsman għamlet lill-Kummissjoni dwar it-titjib tat-trasparenza fil-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti, li jservi bħala forum għall-koordinazzjoni tal-approċċi u l-approfondiment tar-relazzjonijiet kummerċjali, ekonomiċi u teknoloġiċi; jemmen li r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman jeħtiġilhom jiġu implimentati malajr u jkunu ***marbuta ma'*** rekwiżiti addizzjonali legalment vinkolanti biex jinżammu l-ogħla standards ta' trasparenza u ***responsabbiltà, speċjalment fid-dawl tal-ftehim politiku reċenti tal-Kummissjoni, u li hu ta' ħsara serja, biex tkompli tiżdied id-dipendenza tal-UE fuq l-Istati Uniti f'diversi setturi kritiċi, inkluż id-difiża, l-IA u l-fjuwils fossili, flimkien ma' impenji biex jiddgħajfu r-regolamenti tal-UE dwar l-enerġija, li huwa ta' detriment għall-Patt Ekoloġiku tal-UE u joħloq żbilanċi żvantaġġużi għas-setturi tal-ikel u tal-agrikoltura fl-UE***;	22. Jilqa' s-sensiela ta' proposti li l-Ombudsman għamlet lill-Kummissjoni dwar it-titjib tat-trasparenza fil-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti, li jservi bħala forum għall-koordinazzjoni tal-approċċi u l-approfondiment tar-relazzjonijiet kummerċjali, ekonomiċi u teknoloġiċi; jemmen li r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman jeħtiġilhom jiġu implimentati malajr u jkunu ***akkumpanjati minn*** rekwiżiti addizzjonali legalment vinkolanti biex jinżammu l-ogħla standards ta' trasparenza u ***obbligu ta' rendikont***;

Or. en

Emenda 192
Eugen Tomac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jilqa' s-sensiela ta' proposti li l-Ombudsman għamlet lill-Kummissjoni dwar it-titjib tat-trasparenza fil-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti, li jservi bħala forum għall-koordinazzjoni tal-approċċi u l-approfondiment tar-relazzjonijiet kummerċjali, ekonomiċi u teknoloġiċi; jemmen li r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman jeħtiġilhom jiġu implimentati malajr u jkunu ***marbuta ma'*** rekwiżiti addizzjonali legalment vinkolanti biex jinżammu l-ogħla standards ta' trasparenza u ***responsabbiltà, speċjalment fid-dawl tal-ftehim politiku reċenti tal-Kummissjoni, u li hu ta' ħsara serja, biex tkompli tiżdied id-dipendenza tal-UE fuq l-Istati Uniti f'diversi setturi kritiċi, inkluż id-difiża, l-IA u l-fjuwils fossili, flimkien ma' impenji biex jiddgħajfu r-regolamenti tal-UE dwar l-enerġija, li huwa ta' detriment għall-Patt Ekoloġiku tal-UE u joħloq żbilanċi żvantaġġużi għas-setturi tal-ikel u tal-agrikoltura fl-UE***;	22. Jilqa' s-sensiela ta' proposti li l-Ombudsman għamlet lill-Kummissjoni dwar it-titjib tat-trasparenza fil-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti, li jservi bħala forum għall-koordinazzjoni tal-approċċi u l-approfondiment tar-relazzjonijiet kummerċjali, ekonomiċi u teknoloġiċi; jemmen li r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman jeħtiġilhom jiġu implimentati malajr u jkunu ***akkumpanjati minn*** rekwiżiti addizzjonali legalment vinkolanti biex jinżammu l-ogħla standards ta' trasparenza u ***obbligu ta' rendikont***;

Or. en

Emenda 193
Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jilqa' s-sensiela ta' proposti li l-Ombudsman għamlet lill-Kummissjoni dwar it-titjib tat-trasparenza fil-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti, li jservi bħala forum għall-koordinazzjoni tal-approċċi u l-approfondiment tar-relazzjonijiet kummerċjali, ekonomiċi u teknoloġiċi; jemmen li r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman jeħtiġilhom jiġu implimentati	22. Jilqa' s-sensiela ta' proposti li l-Ombudsman għamlet lill-Kummissjoni dwar it-titjib tat-trasparenza fil-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti, li jservi bħala forum għall-koordinazzjoni tal-approċċi u l-approfondiment tar-relazzjonijiet kummerċjali, ekonomiċi u teknoloġiċi; jemmen li r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman jeħtiġilhom jiġu implimentati

malajr u jkunu marbuta ma' rekwiżiti addizzjonali legalment vinkolanti biex jinżammu l-ogħla standards ta' trasparenza u responsabbiltà, speċjalment fid-dawl tal-ftehim politiku reċenti tal-Kummissjoni, u li hu ta' ħsara serja, biex tkompli tiżdied id-dipendenza tal-UE fuq l-Istati Uniti f'diversi setturi kritiċi, inkluż id-difiża, l-IA u l-fjuwils fossili, flimkien ma' impenji biex jiddgħajfu r-regolamenti tal-UE dwar l-enerġija, li ***huwa ta' detriment għall-Patt Ekoloġiku tal-UE u*** joħloq żbilanċi żvantaġġużi għas-setturi tal-ikel u tal-agrikoltura fl-UE;	malajr u jkunu marbuta ma' rekwiżiti addizzjonali legalment vinkolanti biex jinżammu l-ogħla standards ta' trasparenza u responsabbiltà, speċjalment fid-dawl tal-ftehim politiku reċenti tal-Kummissjoni, u li hu ta' ħsara serja, biex tkompli tiżdied id-dipendenza tal-UE fuq l-Istati Uniti f'diversi setturi kritiċi, inkluż id-difiża, l-IA u l-fjuwils fossili, flimkien ma' impenji biex jiddgħajfu r-regolamenti tal-UE dwar l-enerġija, li joħloq żbilanċi żvantaġġużi għas-setturi tal-ikel u tal-agrikoltura fl-UE;
	Or. it

Emenda 194
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jinnota li l-Ombudsman Ewropew fetħet inkjesta dwar it-trattament tan-negozjati bejn l-UE u l-Mercosur, b'mod partikolari dwar it-trasparenza u n-nuqqas tal-Kummissjoni li tiffinalizza Valutazzjoni tal-Impatt għas-Sostenibbiltà (SIA) komprensiva qabel ma tikkonkludi l-ftehim; jesprimi tħassib li dan in-nuqqas jikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina, peress li impedixxa evalwazzjoni sħiħa tal-konsegwenzi ambjentali, soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem tal-ftehim; jistieden lill-Ombudsman tiżgura li l-inkjesta tagħha teżamina jekk l-istituzzjonijiet tal-UE ssalvagwardjawx b'mod adegwat l-istandards ambjentali u soċjali fil-proċess tan-negozjati.
	Or. en

Emenda 195

Pál Szekeres, Virginie Joron, Georg Mayer, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni Ewropea pproċediet unilateralment bl-iffirmar tal-Ftehim tal-Mercosur f'Diċembru 2024, filwaqt li injorat l-oppożizzjoni qawwija u ripetuta espressa minn diversi parlamenti nazzjonali, mill-Parlament Ewropew, u mill-bdiewa u n-nissiela Ewropej; jiddispjaċih li proċedura bħal din iddgħajjef id-drittijiet demokratiċi taċ-ċittadini kif eżerċitati permezz tar-rappreżentanti politiċi leġittimi tagħhom; jistieden lill-Ombudsman Ewropew jinvestiga jekk inkisrux xi drittijiet fil-proċess li jwassal għall-iffirmar ta' dan il-ftehim;

Or. en

Emenda 196
Murielle Laurent

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jieħu nota tal-inkjesta fuq inizjattiva proprja tal-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni tiżgura li l-esperti li qed jevalwaw il-proposti tal-Fond Ewropew għad-Difiża ma jkollhomx kunflitti ta' interess; jinnota li l-Kummissjoni mhijiex meħtieġa tiżvela pubblikament l-ismijiet ta' dawk l-esperti; jilqa' r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman lill-Kummissjoni biex titlob b'mod proattiv informazzjoni addizzjonali dwar l-esperti, inkluż billi titlobhom jimlew dikjarazzjoni dettaljata tal-interessi;

Or. en

Emenda 197
Murielle Laurent

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22b. Jinnota diversi inkjesti bbażati fuq l-ilmenti mill-Ombudsman dwar il-funzjonament u l-ġestjoni tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) li ffukaw fuq l-ittestjar mill-bogħod u fuq kif l-EPSO kien ittratta t-tħassib tal-kandidati relatati mal-problemi li ltaqgħu magħhom matul it-testijiet mill-bogħod amministrati mill-kuntrattur tal-EPSO, inklużi problemi tekniċi fit-tnedija tat-testijiet, nuqqas ta' għodod ta' ħidma xierqa fuq il-pjattaforma tal-ittestjar, u ħinijiet ta' stennija eċċessivament twal qabel ma kien disponibbli superviżur; jinsab allarmat bil-konklużjonijiet tal-Ombudsman dwar diversi każijiet ta' amministrazzjoni ħażina minħabba n-nuqqas tal-EPSO li jindirizza kif xieraq l-argumenti tal-ilmentaturi, inkluż li jipprovdilhom informazzjoni kontradittorja jew li jiċħad l-ilmenti tagħhom anke meta l-kandidati jkunu segwew l-istruzzjonijiet għar-rapportar ta' kwistjoni teknika; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-proċessi u l-proċeduri kollha tal-EPSO u tirrimedja b'mod urġenti n-nuqqasijiet kollha peress li dawn jirriskjaw li jikkawżaw ħsara serja għar-reputazzjoni tal-Kummissjoni u tal-qafas istituzzjonali tal-UE kollu kemm hu;

Or. en

Emenda 198

Pál Szekeres, Virginie Joron, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Ifaħħar l-attivitajiet ġenerali tal-Ombudsman biex tipproteġi d-drittijiet tal-persuni ***b'diżabbiltà***, b'enfasi partikolari fuq l-implimentazzjoni mill-amministrazzjoni tal-UE tal-UNCRPD***,*** ***strument internazzjonali vinkolanti tad-drittijiet tal-bniedem immirat lejn il-promozzjoni u l-iżgurar tat-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni kollha b'diżabbiltà***; jappoġġja l-fehma tal-Ombudsman li, bħala parti għall-UNCRPD, l-UE għandha tmexxi bl-eżempju fil-konformità mal-istandards tal-UNCRPD;	23. Ifaħħar l-attivitajiet ġenerali tal-Ombudsman biex tipproteġi d-drittijiet tal-persuni ***b'diżabilità***, b'enfasi partikolari fuq l-implimentazzjoni mill-amministrazzjoni tal-UE tal-UNCRPD; jappoġġja l-fehma tal-Ombudsman li, bħala parti għall-UNCRPD, l-UE għandha tmexxi bl-eżempju fil-konformità mal-istandards tal-UNCRPD; ***jisħaq li, għalkemm sar progress fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, il-kisba ta' ħafna miri ta' aċċessibbiltà għadha qed tiġi mdewma u mhijiex effettiva biżżejjed; jirrakkomanda li l-Ombudsman li jmiss jintervjeni biex jeżamina u jħaffef il-miżuri ta' aċċessibbiltà u ta' akkomodazzjoni raġjonevoli fl-istituzzjonijiet Ewropej u jeżamina jekk il-persuni b'diżabilità humiex rappreżentati b'mod proporzjonali fl-istituzzjonijiet;***

Or. en

Emenda 199
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Ifaħħar l-attivitajiet ġenerali tal-Ombudsman biex tipproteġi d-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, b'enfasi partikolari fuq l-implimentazzjoni mill-amministrazzjoni tal-UE tal-UNCRPD, strument internazzjonali vinkolanti tad-	23. Ifaħħar l-attivitajiet ġenerali tal-Ombudsman biex tipproteġi d-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, b'enfasi partikolari fuq l-implimentazzjoni mill-amministrazzjoni tal-UE tal-UNCRPD, strument internazzjonali vinkolanti tad-

drittijiet tal-bniedem immirat lejn il-promozzjoni u l-iżgurar tat-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni kollha b'diżabbiltà; jappoġġja l-fehma tal-Ombudsman li, bħala parti għall-UNCRPD, l-UE għandha tmexxi bl-eżempju fil-konformità mal-istandards tal-UNCRPD;	drittijiet tal-bniedem immirat lejn il-promozzjoni u l-iżgurar tat-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni kollha b'diżabbiltà; jappoġġja l-fehma tal-Ombudsman li, bħala parti għall-UNCRPD, l-UE għandha tmexxi bl-eżempju fil-konformità mal-istandards tal-UNCRPD; ***jinnota li l-Kummissjoni għandha tagħmel l-aġendi u d-deċiżjonijiet tal-gruppi ministerjali u dawk ta' ħidma pubblikament disponibbli b'mod f'waqtu, tiżgura informazzjoni konsistenti, aċċessibbli u li tinftiehem b'mod faċli għaċ-ċittadini u għall-gruppi interessati, u tpoġġi fis-seħħ proċeduri li jinkoraġġixxu parteċipazzjoni wiesgħa u diversifikata sabiex tissaħħaħ ir-responsabbiltà u t-trasparenza;***
	Or. el

Emenda 200
Cristina Guarda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Japprezza s-serje ta' suġġerimenti tal-Ombudsman biex tgħin lill-Kummissjoni tiżgura li l-użu tal-intelliġenza artifiċjali (IA) fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha jibqa' responsabbli; jieħu nota tal-miżuri meħuda mill-Kummissjoni biex tiggarantixxi li l-użu tagħha tas-sistemi tal-IA jikkonforma mal-Att dwar l-IA adottat reċentement; jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat li s-sistemi kollha tal-IA li jappoġġjaw il-ħidma tal-Kummissjoni jibqgħu taħt sorveljanza effettiva tal-bniedem u li, fi kwalunkwe każ, it-teħid tad-deċiżjonijiet ma għandux jiġi ddelegat lil dawn is-sistemi; iqis kruċjali li l-impjegati taċ-ċivil responsabbli għas-sorveljanza mill-bniedem tas-sistemi tal-IA jirċievu taħriġ

adegwat dwar il-valutazzjoni kritika u l-verifika tar-riżultati prodotti mill-IA, li jkopri r-riskji potenzjali kollha u l-iżbalji ġġenerati;

Or. en

Emenda 201
Pál Szekeres, Virginie Joron, Georg Mayer, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jiddispjaċih dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tevita l-ostakli politiċi u legali għar-ratifika tal-Ftehim tal-Mercosur billi taqsmu f'żewġ strumenti legali separati, u b'hekk tevita l-parlamenti nazzjonali, tissupera t-tħassib leġittimu tal-Istati Membri, u tnaqqas is-sorveljanza tal-Parlament Ewropew għal sempliċi formalità limitata għall-aspetti kummerċjali; jistieden lill-Ombudsman Ewropew tniedi inkjesta dwar din il-kwistjoni; jenfasizza li l-ebda ftehim li jimmina l-bdiewa, il-ħaddiema u s-sovranità strateġika tal-Unjoni ma għandu jiġi konkluż kontra r-rieda tal-Istati Membri u taċ-ċittadini tagħhom;

Or. en

Emenda 202
Eugen Tomac, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Ombudsman Ewropew, l-ombudsmen

nazzjonali u reġjonali miġbura fin-Network Ewropew tal-Ombudsmen (ENO), u l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri, bl-għan li jiġu promossi l-amministrazzjoni tajba, it-trasparenza u l-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini madwar l-Unjoni; jinkoraġġixxi aktar skambji tal-aħjar prattiki u inizjattivi konġunti biex tissaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini kemm fl-istituzzjonijiet tal-UE kif ukoll f'dawk nazzjonali. Iħeġġeġ lill-Ombudsman issaħħaħ ukoll il-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet tal-ombudsman tal-pajjiżi kandidati tal-UE;

Or. en

Emenda 203
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jissottolinja l-importanza tar-rwol tal-Ombudsman fis-salvagwardja tad-drittijiet soċjali, inklużi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, id-drittijiet tat-tfal, u l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u soċjali; jistieden lill-Ombudsman issaħħaħ il-monitoraġġ tagħha ta' kif l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE jirrispettaw dawn id-drittijiet fl-amministrazzjoni ta' kuljum tagħhom u fl-implimentazzjoni ta' programmi ffinanzjati mill-UE;

Or. en

Emenda 204
Cristina Guarda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23b. Jissottolinja li l-Ombudsman ikkonkludiet f'diversi inkjesti li l-EPSO wettaq amministrazzjoni ħażina fit-trattament tiegħu tal-ilmenti tal-kandidati, b'mod partikolari fir-rigward tal-proċeduri ta' ttestjar mill-bogħod u n-nuqqasijiet tal-pjattaformi, li spiss jipprovdu lill-ilmentaturi b'informazzjoni kontradittorja, juru nuqqas ta' flessibbiltà u li jieħdu deċiżjonijiet irraġonevoli; jemmen bis-sħiħ li l-EPSO jeħtieġlu jipprijoritizza s-soluzzjoni tan-nuqqasijiet severi kollha tiegħu fl-organizzazzjoni tal-proċeduri tal-għażla biex jiġu restawrati l-integrità, it-trasparenza u r-responsabbiltà tagħhom sabiex jiġi ssalvagwardjat il-kamp ta' applikazzjoni maħsub tagħhom, li huwa mmirat biex jiżgura għall-Istituzzjonijiet tal-UE s-servizzi ta' uffiċjali tal-ogħla standard ta' kapaċità, effiċjenza u integrità, reklutati fuq l-aktar bażi ġeografika wiesgħa possibbli minn fost iċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 205
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jinnota li r-rata ta' aċċettazzjoni tal-proposti tal-Ombudsman mill-istituzzjonijiet tal-UE kienet ta' 82 % fl-2024, u dan jirrappreżenta titjib żgħir meta mqabbel mas-snin preċedenti; jemmen b'qawwa li l-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-uffiċċji u l-korpi tal-Unjoni jeħtiġilhom jikkooperaw b'mod sodisfaċenti mal-Ombudsman ***fil-każijiet kollha, b'konformità sħiħa u konsistenti mar-rakkomandazzjonijiet kollha tal-***	24. Jinnota li r-rata ta' aċċettazzjoni tal-proposti tal-Ombudsman mill-istituzzjonijiet tal-UE kienet ta' 82 % fl-2024, u dan jirrappreżenta titjib żgħir meta mqabbel mas-snin preċedenti; jemmen b'qawwa li l-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-uffiċċji u l-korpi tal-Unjoni jeħtiġilhom jikkooperaw b'mod sodisfaċenti mal-Ombudsman;

Ombudsman;

Or. fr

Emenda 206
Galato Alexandraki, Emmanouil Fragkos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jistieden lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet jippubblikaw, mingħajr dewmien, il-qafas ta' ħin preċiż u t-termini ta' referenza tal-missjoni għall-Greċja rigward l-inċident ta' Tempi, biex titħaffef il-missjoni, fejn dan huwa istituzzjonalment fattibbli, u din issehħ kemm jista' jkun malajr fl-2026, u jiġi żgurat: proċess imparzjali, parteċipattiv b'laqgħat mal-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż familji tal-vittmi, ħaddiema u esperti indipendenti; aċċess sħiħ għad-dokumenti u għad-data rilevanti, f'konformità mal-prinċipju ta' trasparenza leġiżlattiva u deċiżjonijiet rilevanti tal-QĠUE; il-pubblikazzjoni ta' rapport ta' missjoni dettaljat b'rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-Kummissjoni u għall-awtoritajiet Griegi u skeda ta' segwitu vinkolanti, inkluż aġġornament intermedjarju fi żmien tliet xhur tat-tlestija tal-missjoni.

Or. el

Emenda 207
Pál Szekeres, Virginie Joron, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

24a. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni kkonkludiet il-"Qafas bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea dwar il-Kummerċ Reċiproku, Ġust u Bilanċjat" mingħajr ma rċeviet ebda mandat formali mill-Kunsill, bi ksur sfaċċat tal-bilanċ istituzzjonali minqux fit-Trattati; jistieden lill-Ombudsman Ewropew tinvestiga jekk l-istandards ta' trasparenza ġewx rispettati matul il-proċess tan-negozjati; jenfasizza li l-ebda ftehim internazzjonali ma għandu jiġi segwit mill-Kummissjoni mingħajr mandat ċar u l-involviment sħiħ tal-Istati Membri u tar-rappreżentanti taċ-ċittadini tagħhom; jagħti istruzzjonijiet lill-Ombudsman Ewropew biex tfakkar formalment lill-Kummissjoni dwar dawn l-obbligi;

Or. en

Emenda 208
Murielle Laurent

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jilqa' ż-żieda sinifikanti fis-sensibilizzazzjoni tal-media soċjali tal-Ombudsman fl-2024, kif ukoll it-tnedija ta' kontijiet ġodda fuq Threads u Bluesky; ifaħħar lill-Ombudsman u lill-persunal tagħha għall-isforzi ta' komunikazzjoni mmirati tagħhom, li jikkontribwixxu għas-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar l-attivitajiet tal-UE; iħeġġeġ lill-Ombudsman tiżgura t-trasparenza billi tippubblika informazzjoni dwar l-avvenimenti li jmiss li bihsiebha tospita;

Or. en

Emenda 209
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jisħaq li diversi inkjesti miftuħa fl-2024 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil (EUAA) u l-Frontex fir-rigward tal-Greċja enfasizzaw sfidi sistemiċi fl-iżgurar tal-obbligu ta' rendikont u l-konformità mal-obbligi tad-drittijiet fundamentali tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-aġenziji kkonċernati jirrapportaw lill-Parlament dwar is-segwitu għas-sejbiet tal-Ombudsman f'dawn il-każijiet;

Or. en

Emenda 210
Pál Szekeres, Virginie Joron, Georg Mayer, Juan Carlos Girauta Vidal, Mireia Borrás Pabón, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24b. Ifakkar fil-konklużjonijiet tal-Ombudsman dwar ir-rifjut tal-Kummissjoni li tiżvela dokumenti u komunikazzjonijiet ewlenin dwar il-kuntratti tal-vaċċini tal-UE; jirrimarka li l-Qorti tal-UE[1a] kkundannat ukoll dan in-nuqqas ta' trasparenza; jisħaq li t-twissijiet ripetuti tal-Ombudsman iridu jiġu segwiti minn miżuri vinkolanti biex tiġi żgurata responsabbiltà sħiħa fil-kuntratti futuri kollha ta' importanza strateġika;
	[1a] Kawża T-36/23, Stevi u The New York Times vs Il-Kummissjoni, Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Lulju 2024

Or. en